

### **ANNESS III**

#### **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF**

**Nota: Dan l-SPC, tikketta u fuljett ta' tagħrif huwa l-verżjoni valida fil-ħin tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.**

**Wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istat Membru f'kollaborazzjoni mal-Istat Membru ta' Referenza, sejr in jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-prodott kif meħtieġ. Għaldaqstant, dan l-SPC, tikketta u fuljett ta' tagħrif, mhux bilfors jirrappreżentaw it-test attwali.**

## **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg kapsuli iebsin

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 150 mg.

Sustanzi mhux attivi: kull kapsula iebsa fiha wkoll 149.12 mg ta' lactose monohydrate.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Kapsula iebsa.

Il-kapsula iebsa tal-ġelatina ta' 150 mg għandha kulur blu turkważ u l-parti ta' fuq blu turkważ bi "Pfizer" u l-kodiċi "FLU-150" stampati fuqha b'linka sewda. Id-daqs tal-kapsula huwa nru. 1.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Diflucan huwa indikat fl-adulti għall-infezzjonijiet fungali li ġejjin (ara sezzjoni 5.1):

- Kandidjażi vaġinali akuta meta kura topika ma tkunx xierqa.
- *Candida balanitis* meta kura topika ma tkunx xierqa.

Il-kura tista' tinbeda qabel ma jkunu magħrufin ir-riżultati tal-ikkultura u studji oħrajn tal-laboratorju; madankollu, ladarba dawn ir-riżultati jkunu disponibbli, il-kura ta' kontra l-infezzjoni għandha tiġi aġġustata bix-xieraq.

Il-gwida uffiċjali dwar l-użu xieraq ta' antifungali għandha tiġi kkunsidrata.

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

#### Pożoloġija

##### Adulti

Doża waħda ta' 150mg.

##### Popolazzjonijiet speċjali

##### *Anzjani*

Fejn ma jkunx hemm evidenza ta' indeboliment renali, għandhom jiġu adottati r-rakkomandazzjonijiet normali tad-doża.

#### Indeboliment renali

Fluconazole jitneħħa b' mod predominanti fl-awrina bħala sustanza attiva mhux mibdula. M'hemmx bżonn ta' aġġustamenti f'terapija ta' doża waħda.

#### Indeboliment epatiku

Hemm ftit informazzjoni disponibbli f'pazjenti b'indeboliment epatiku, għalhekk fluconazole għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'funzjoni indebolita tal-fwied (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

#### Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u l-effikaċja għall-indikazzjoni ta' kandidjażi ġenitali fil-popolazzjoni pedjatrika ma ġewx stabbiliti. L-informazzjoni attwali għal indikazzjonijiet oħra fit-tfal hija deskritta fis-sezzjoni 4.8. Jekk it-trattament huwa essenzjali fl-adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena), il-pożoloġija għandha tkun l-istess bħall-pożoloġija tal-adulti.

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Il-kapsuli għandhom jinbelgħu sħaħ u indipendenti mit-teħid tal-ikel.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, għal sustanzi azole relatati, jew għal xi sustanzi mhux attivi (ara sezzjoni 6.1).

L-għoti fl-istess waqt ta' terfenadine huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw Diflucan f'dożi multipli ta' 400 mg kuljum jew aktar skont ir-riżultati ta' studju dwar l-interazzjoni ta' dożi multipli. L-għoti flimkien ma' mediċini oħrajn magħrufa li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 bħal cisapride, astemizole, pimozone, quinidine u erythromycin huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw fluconazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

#### Is-sistema renali

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-kliwi (ara sezzjoni 4.2).

#### Is-sistema epatobiljari

Diflucan ġie assoċjat ma' każijiet rari ta' tossiċità epatika serja inkluż mewt, l-aktar f'pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi eżistenti serji. F'każ ta' epatossiċità assoċjata ma' fluconazole, ma ġiet osservata l-ebda relazzjoni ċara mad-doża totali ta' kuljum, it-tul tat-trattament, is-sess jew l-età tal-pazjent. L-epatossiċità minħabba fluconazole normalment kienet riversibbli meta twaqqfet il-kura.

Pazjenti li jkollhom riżultati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni tal-fwied waqt il-kura bi fluconazole għandhom jiġu sorveljati mill-qrib għall-iżvilupp ta' ħsara epatika aktar serja.

Il-pazjent għandu jkun avżat dwar sintomi li jindikaw effett serju fuq il-fwied (l-importanti huma astenja, anoressija, dardir persistenti, rimettar u suffeġra). Il-kura bi fluconazole għandha titwaqqaf minnufih u l-pazjenti għandhom jikkonsultaw it-tabib.

#### Is-sistema kardjovaskulari

Xi azoles, inkluż fluconazole, ġew assoċjati mat-titwil tal-intervall tal-QT fuq l-elettrokardjogramma. Waqt is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kien hemm każijiet rari ħafna ta' titwil tal-QT u *torsades de pointes* f'pazjenti li kienu qegħdin jieħdu Diflucan. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu pazjenti morda serjament b'diversi fatturi ta' riskju li jistgħu jfixxlu, bħal mard tal-qalb strutturali, anormalitajiet fl-elettroliti u kura konkonnittanti li setgħu kienu kontributorji.

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet potenzjalment proarritmiċi. L-amministrazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li huma magħrufin li jtawwlu l-intervall tal-

QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 hjia kontraindikata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Halofantrine

Halofantrine intwera li jtawwal l-intervall QTc fid-doża terapewtika rrakkomandata u huwa substrat ta' CYP3A4. Għaldaqstant, l-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine m'huwiex rakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

#### Reazzjonijiet dermatoloġiċi

Il-pazjenti rarament żviluppaw reazzjonijiet esfoljattivi fil-ġilda, b'has-sindromu ta' Stevens-Johnson u nekrolożi epidermali tossika, waqt it-trattament bi fluconazole. Il-pazjenti li jkollhom l-AIDS huma aktar suxxettibbli li jiżviluppaw reazzjonijiet severi fil-ġilda għal bosta prodotti mediċinali. Jekk jiżviluppa xi raxx, li jista' jiġi assoċjat ma fluconazole, f'pazjent ikkurat għal infezzjoni fungali superfiċjali, għandha titwaqqaf il-kura b'dan il-prodott mediċinali. Jekk pazjenti b'infezzjonijiet fungali invażivi/sistemiċi jiżviluppaw xi raxx, dawn għandhom ikunu sorveljati mill-qrib u fluconazole għandu jitwaqqaf jekk jiżviluppaw lezzjonijiet bl-*infafet* jew *eritema* multiformi.

#### Sensittività eċċessiva

F'każijiet rari, ġiet irrapportata anafilassi (ara sezzjoni 4.3).

#### Ċitokromu P450

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' CYP2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur ta' CYP2C19. Pazjenti kkurati b'Diflucan li jkunu kkurati fl-istess waqt b'mediċini ta' medda terapewtika żgħira metabolizzati permezz ta' CYP2C9, CYP2C19 u CYP3A4, għandhom jiġu ssorveljati (ara sezzjoni 4.5).

#### Terfenadine

L-għoti ta' fluconazole f'dożi inqas minn 400 mg kuljum flimkien ma' terfenadine għandu jkun sorveljat sew (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Sustanzi mhux attivi

Il-kapsuli fihom lactose monohydrate. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' nuqqas ta' tolleranza għall-galactose, id-defiċjenza ta' Lapp lactase jew in-nuqqas ta' assorbiment ta' glucose-galactose m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

### **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin huwa kontra-indikat

**Cisapride:** Kien hemm rapporti ta' avvenimenti kardijaċi inkluż *torsades de pointes* f'pazjenti li ngħataw fluconazole u cisapride flimkien. Studju kkontrollat sab li fluconazole 200 mg darba kuljum flimkien ma' cisapride 20 mg erba' darbiet kuljum irriżulta f'żieda konsiderevoli fil-livelli ta' cisapride fil-plażma u titwil tal-intervall tal-QTc. It-trattament konkomittanti bi fluconazole u cisapride huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

**Terfenadine:** Minħabba l-okkorrenza ta' dizritmiji kardijaċi serji kkawżati mit-titwil tal-intervall tal-QTc f'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antifungali azole flimkien ma' terfenadine, saru studji dwar l-effetti ta' interazzjoni. Studju wieħed b'doża ta' 200 mg ta' fluconazole kuljum ma wriex titwil fl-intervall tal-QTc. Studju ieħor b'doża ta' 400 mg u 800 mg ta' fluconazole kuljum wera li fluconazole meħud f'dożi ta' 400 mg kuljum jew aktar iżid b'mod konsiderevoli l-livelli ta' terfenadine fil-plażma meta jittieħed fl-istess waqt. L-użu kkombinat ta' fluconazole f'dożi ta' 400 mg jew aktar ma' terfenadine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3). L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole f'dożi iżgħar minn 400 mg kuljum ma' terfenadine għandu jkun sorveljat b'attenzjoni.

**Astemizole:** L-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' astemizole jista' jnaqqas it-tneħħija ta' astemizole. Iż-żieda li tirriżulta fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' astemizole tista' twassal għat-titwil tal-QT u

okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u astemizole huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Pimozide: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' pimozide jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' pimozide. Żieda fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' pimozide tista' twassal għal titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u pimozide huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Quinidine: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' quinidine jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' quinidine. L-użu ta' quinidine ġie assoċjat mat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u quinidine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Erythromycin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u erythromycin għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u erythromycin huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin ma jistax ikun rakkomandat:

Halofantrine: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjoni ta' halofantrine fil-plażma minħabba effett inibitorju fuq CYP3A4. L-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. Din il-kombinazzjoni għandha tiġi evitata (ara sezzjoni 4.4).

L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin iwassal għal prekawzjonijiet u aġġustamenti tad-doża:

L-effett ta' prodotti mediċinali oħrajn fuq fluconazole

Rifampicin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u rifampicin irriżulta fi tnaqqis ta' 25% fl-AUC u f'*half-life* 20% iqsar ta' fluconazole. F'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw rifampicin fl-istess waqt, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża ta' fluconazole.

Studji ta' interazzjoni wrew li meta fluconazole orali jingħata mal-ikel, ma' cimetidine, ma' antaċidi jew wara irradjazzjoni sħiħa tal-ġisem għat-trapjant tal-mudullun, ma jseħħ l-ebda indeboliment klinikament sinifikanti tal-assorbiment ta' fluconazole.

L-effett ta' fluconazole fuq prodotti mediċinali oħrajn

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' ċitokromu P450 (CYP) isoenzima 2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19. Minbarra l-interazzjonijiet osservati/dokumentati msemmija hawn taħt, hemm riskju ta' żieda fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta' komposti oħrajn metabolizzati permezz ta' CYP2C9 u CYP3A4 mogħtija flimkien ma' fluconazole. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-kombinazzjonijiet u l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati sew. L-effett ta' inibizzjoni tal-enzimi ta' fluconazole ikompli għal 4-5 ijiem wara li titwaqqaf il-kura bi fluconazole, minħabba l-*half-life* twila ta' fluconazole (ara sezzjoni 4.3).

Alfentanil: Waqt użu konkomittanti ma' fluconazole (400 mg) u alfentanil mogħti ġol-vina (20 µg/kg) f'voluntiera b'saħħithom, l-AUC<sub>10</sub> ta' alfentanil żdied bid-doppju, probabilmint minħabba l-inibizzjoni ta' CYP3A4. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' alfentanil.

Amitriptyline, nortriptyline: Fluconazole iżid l-effett ta' amitriptyline u ta' nortriptyline. 5-nortriptyline u/jew S-amitriptyline jistgħu jitkejlu fil-bidu tat-terapija kkombinata u wara ġimgħa. Id-doża ta' amitriptyline/nortriptyline għandha tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ.

Amphotericin B: L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u amphotericin B fi ġrieden normali u immunosoppressi infettati ta' dawn ir-riżultati: effett żgħir antifungali addittiv fl-infezzjoni sistemika b'*C. albicans*, l-ebda interazzjoni fl-infezzjoni intrakranjali b'*Cryptococcus neoformans*, u antagoniżmu taż-żewġ mediċini fl-infezzjoni sistemika b'*A. fumigatus*. Is-sinifikat kliniku tar-riżultati miksba f'dawn l-istudji m'huwiex magħruf.

Antikoagulanti: Fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, bħal fil-każ ta' antifungali azole oħrajn, ġew irrapportati avvenimenti ta' fsada (tbenġil, epistassi, fsada gastrointestinali, ematurja u melena), flimkien ma' żidiet fil-ħin tal-protrombina f'pazjenti li nġhataw fluconazole flimkien ma' warfarin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole u warfarin il-ħin ta' protrombina kien imtawwal sa darbtejn aktar, probabilmint minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' warfarin permezz ta' CYP2C9. F'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antikoagulanti tat-tip coumarin flimkien ma' fluconazole, il-ħin tal-protrombina għandu jiġu ssorveljati b'attenzjoni. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' warfarin.

Benzodiazepines (ta' azzjoni qasira), i.e. midazolam, triazolam: Wara l-għoti orali ta' midazolam, fluconazole ikkawża żidiet sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet ta' midazolam u effetti psikomotorji. Meta fluconazole 200 mg ingħata flimkien ma' midazolam 7.5 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 3.7 u 2.2 aktar fl-AUC u l-half-life ta' midazolam rispettivament. Meta fluconazole 200 mg kuljum ingħata fl-istess waqt ma' triazolam 0.25 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 4.4 u 2.3 aktar fl-AUC u l-half-life ta' triazolam rispettivament. Effetti ta' triazolam aktar b'saħħithom u aktar fit-tul kienu osservati waqt trattament flimkien ma' fluconazole. Jekk tkun meħtieġa l-kura konkormittanti b'benzodiazepine f'pazjenti li jkunu qegħdin jiġu kkurati b'fluconazole, għandu jiġi kkunsidrat li titnaqqas id-doża ta' benzodiazepine, u l-pazjenti għandhom jiġu ssorveljati bix-xieraq.

Carbamazepine: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' carbamazepine u ġiet osservata żieda fil-carbamazepine fis-serum ta' 30%. Hemm riskju ta' żvilupp ta' tossiċità minħabba carbamazepine. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' carbamazepine skont il-kejl/l-effett tal-konċentrazzjonijiet.

Imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju: Ċerti antagonisti tal-kanali tal-kalċju (nifedipine, isradipine, amlodipine, verapamil u felodipine) huma metabolizzati b'CYP3A4. Fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika tal-antagonisti tal-kanali tal-kalċju. Huwa rrakkomandat li ssir sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi.

Celecoxib: Waqt il-kura konkormittanti bi fluconazole (200 mg kuljum) u celecoxib (200 mg), is- $C_{max}$  u l-AUC ta' celecoxib żdiedu bi 68% u 134%, rispettivament. Tista' tkun meħtieġa nofs id-doża ta' celecoxib meta kkombinat ma' fluconazole.

Cyclophosphamide: Kura kkombinata b'cyclophosphamide u fluconazole tirriżulta f'żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum. Il-kombinazzjoni tista' tintuża filwaqt li jiġi kkunsidrat aktar ir-riskju ta' żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum.

Fentanyl: Ġie rrapportat każ wieħed fatali ta' intossikazzjoni ta' fentanyl possibilmint minħabba interazzjoni bejn fentanyl u fluconazole. Barra minn hekk, f'volontiera b'saħħithom intwera li fluconazole ittardja b'mod sinifikanti t-tneħħija ta' fentanyl. Konċentrazzjoni għolja ta' fentanyl tista' twassal għal depressjoni respiratorja. Il-pazjenti għandhom ikunu sorveljati mill-qrib għal potenzjal ta' riskju ta' depressjoni respiratorja. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' fentanyl.

Inibituri reductase HMG CoA: Ir-riskju ta' mijopatija u rabdomijoliżi jiżdied meta fluconazole jingħata flimkien ma' inibituri reductase HMG-CoA metabolizzati permezz ta' CYP3A4, bħal atorvastatin u simvastatin, jew permezz ta' CYP2C9, bħal fluvastatin. Jekk tkun meħtieġa kura konkormittanti, il-pazjent għandu jkun osservat għal sintomi ta' mijopatija u rabdomijoliżi u l-creatinine kinase għandu jiġi sorveljat. L-inibituri tal-HMG-CoA reductase għandhom jitwaqqfu jekk tkun osservata żieda notevoli fil-creatinine kinase jew jekk tiġi dijanjostikata jew issuspettata xi mijopatija/rabdomijoliżi.

Immunosuppressuri (i.e. ciclosporin, everolimus, sirolimus u tacrolimus):

Ciclosporin: Fluconazole iżid b'mod sinifikanti l-konċentrazzjoni u l-AUC ta' ciclosporin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole 200 mg kuljum u ciclosporin (2.7 mg/kg/jum) kien hemm żieda ta' 1.8 aktar fl-AUC ta' ciclosporin. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża billi titnaqqas id-doża ta' ciclosporin skont il-konċentrazzjoni ta' ciclosporin.

Everolimus: Għalkemm ma ġiex studjat in vivo jew in vitro, fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet ta' everolimus fis-serum permezz ta' inibizzjoni ta' CYP3A4.

Sirolimus: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' sirolimus fil-plażma preżumibbilment billi jinibixxi l-metaboliżmu ta' sirolimus permezz ta' CYP3A4 u P-glycoprotein. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża b'aġġustament tad-doża ta' sirolimus skont il-kejl tal-effett/tal-konċentrazzjoni.

Tacrolimus: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq sa 5 darbiet minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' tacrolimus permezz ta' CYP3A4 fl-intestini. Ma ġewx osservati bidliet farmakokinetiċi sinifikanti meta tacrolimus jingħata minn ġol-vini. Żieda fil-livelli ta' tacrolimus ġiet assoċjata ma' nefrotossiċità. Id-doża ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq għandha titnaqqas skont il-konċentrazzjoni ta' tacrolimus.

Losartan: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' losartan għall-metabolit attiv tiegħu (E-31 74) li huwa responsabbli għall-parti l-kbira tal-antagonismu tar-riċettur tal-angotensina II li jseħħ waqt il-kura b'losartan. Il-pazjenti għandu jkollhom il-pressjoni tad-demmi tagħhom sorveljata kontinwament.

Methadone: Fluconazole jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni ta' methadone fis-serum. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' methadone.

Mediċini mhux sterojdi kontra l-infjammazzjoni: Is- $C_{max}$  u l-AUC ta' flurbiprofen żdiedu bi 23% u 81%, rispettivament, meta ngħataw flimkien ma' fluconazole meta mqabbel mal-għoti ta' flurbiprofen waħdu. Bl-istess mod, is- $C_{max}$  u l-AUC tal-isomeru attiv farmakoloġikament [S-(+)-ibuprofen] żdiedu bi 15% u 82%, rispettivament, meta fluconazole ingħata flimkien ma' ibuprofen tat-tip racemic (400 mg) meta mqabbel mal-għoti ta' ibuprofen tat-tip racemic waħdu.

Għalkemm ma ġiex studjat b'mod speċifiku, fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika ta' NSAIDs oħrajn li huma metabolizzati permezz ta' CYP2C9 (eż. naproxen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac). Hija rrakkomandata sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi u tossiċità relatati mal-NSAIDs. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża tal-NSAIDs.

Phenytoin: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu epatiku ta' phenytoin. L-għoti b'mod repetut fl-istess waqt ta' 200 mg fluconazole u 250 mg phenytoin mogħti ġol-vina, ikkawża żieda fl-AUC<sub>24</sub> ta' phenytoin b' 75% u f' $C_{min}$  b'128%. Meta jingħataw flimkien, il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' phenytoin fis-serum għandhom jiġu ssorveljati sabiex tiġi evitata t-tossiċità b'phenytoin.

Prednisone: Kien hemm rapport ta' każ li pazjent bil-fwied trapjantat ikkurat bi prednisone żviluppa insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenalni meta twaqqfet il-kura ta' tliet xhur bi fluconazole. It-twaqqif ta' fluconazole preżumibbilment ikkawża attività msaħħa ta' CYP3A4 li wasslet għal żieda fil-metaboliżmu ta' prednisone. Pazjenti fuq kura fit-tul bi fluconazole u prednisone għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenalni meta jitwaqqaf fluconazole.

Rifabutin: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' rifabutin fis-serum, li jwassal għal żieda fl-AUC ta' rifabutin sa 80%. Kien hemm rapporti ta' uveite f'pazjenti li ngħataw fluconazole u rifabutin flimkien. F'terapija kkombinata, għandhom jiġu kkunsidrati s-sintomi ta' tossiċità b'rifabutin.

Saquinavir: Fluconazole iżid l-AUC u is- $C_{max}$  ta' saquinavir b'madwar 50% u 55% rispettivament, minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu epatiku ta' saquinavir permezz ta' CYP3A4 u l-inibizzjoni ta' P-glycoprotein. L-interazzjoni ma' saquinavir/ritonavir għada ma ġietx studjata u tista' tkun aktar b'saħħita. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' saquinavir.

**Sulfonylureas:** Fluconazole intwera li jtaqqas il-*half-life* fis-serum ta' sulfonylureas mogħtija mill-ħalq fl-istess waqt (eż., chlorpropamide, glibenclamide, glipizide, tolbutamide) f'voluntiera b'saħħithom. Hija rakkomandata sorveljanza regolari taz-zokkor fid-demm u għandu jkun hemm tnaqqis xieraq tad-doża ta' sulfonylurea waqt l-għoti taż-żewġ mediċini.

**Theophylline:** Fi studju ta' interazzjoni kkontrollat bil-plaċebo, l-għoti ta' fluconazole 200 mg għal 14-il jum irriżulta fi tnaqqis ta' 18% tar-rata ta' tneħħija medja ta' theophylline mill-plażma. Pazjenti li jkun qegħdin jingħataw doża għolja ta' theophylline jew li b'xi mod huma f'riskju akbar ta' tossiċità b'theophylline għandhom jiġu osservati għal sinjali ta' tossiċità b'theophylline waqt li jingħataw fluconazole. It-terapija għandha tinbidel jekk jiżviluppaw sinjali ta' tossiċità.

**Vinca alkaloids:** Għalkemm ma ġiex studjat, fluconazole jista' jżid il-livelli tal-vinca alkaloids (eż. vincristine u vinblastine) fil-plażma u jwassal għal newrotossiċità, li probabbilment hija dovuta għall-effett inibitorju fuq CYP3A4.

**Vitamina A:** Ibbażat fuq rapport ta' każ f'pazjent wieħed li kien qed jingħataw kura kkombinata ta' *all-trans-retinoid acid* (forma aċida tal-vitamina A) u fluconazole, żviluppaw effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS (sistema nervuża ċentrali) fil-forma ta' psewdotumur *cerebri*, li għeb wara li twaqqfet il-kura bi fluconazole. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża iżda għandha titfakkar l-inċidenza ta' effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS.

**Voriconazole:** (inibituri ta' CYP2C9 u CYP3A4): L-għoti fl-istess waqt ta' voriconazole mill-ħalq (400 mg Q12h għal ġurnata, mbagħad 200 mg Q12h għal 2.5 ġranet) u fluconazole mill-ħalq (400 mg fl-ewwel ġurnata, mbagħad 200 mg Q24h għal 4 ġranet) lil 8 suġġetti maskili b'saħħithom irriżulta f'żieda f' $C_{max}$  u AUC<sub>t</sub> ta' voriconazole b'medja ta' 57% (90% CI: 20%, 107%) u 79% (90% CI: 40%, 128%), rispettivament. Id-doża mnaqqsa u/jew il-frekwenza ta' voriconazole u fluconazole li telimina dan l-effett għadha ma ġietx stabbilita. Huwa rakkomandat li avvenimenti avversi assoċjati ma' voriconazole għandhom jiġu ssorveljati jekk voriconazole jintuża wara fluconazole.

**Zidovudine:** Fluconazole iżid is- $C_{max}$  u l-AUC ta' zidovudine b'84% u b'74%, rispettivament, minħabba tnaqqis ta' madwar 45% fit-tneħħija orali ta' zidovudine. Il-*half-life* ta' zidovudine ittaqlet ukoll b'madwar 128% wara terapija kkombinata bi fluconazole. Pazjenti li jingħataw din il-kombinazzjoni għandhom jiġu ssorveljati għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet avversi relatati ma' zidovudine. Jista' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tad-doża ta' zidovudine.

**Azithromycin:** Studju *open-label*, b'mod fortuwitu, *crossover* fi tliet modi f'18-il suġġett b'saħħtu evalwa l-effett ta' doża orali waħda ta' 1200 mg ta' azithromycin fuq il-farmakokinetika ta' doża orali waħda ta' 800 mg ta' fluconazole kif ukoll l-effetti ta' fluconazole fuq il-farmakokinetika ta' azithromycin. Ma kien hemm l-ebda interazzjoni farmakokinetika sinifikanti bejn fluconazole u azithromycin.

**Kontraċettivi orali:** Saru żewġ studji farmakokinetiċi b'kontraċettivi orali kkombinat bl-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole. Ma kienx hemm effetti rilevanti fuq il-livell tal-ormoni fl-istudju b'50 mg ta' fluconazole, filwaqt li b'200 mg kuljum, l-AUCs ta' ethinyl estradiol u levonorgestrel żiedu b'40% u 24%, rispettivament. Għalhekk, l-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole f'dawn id-dożi m'għandux ikollu effett fuq l-effikaċja tal-kontraċettivi orali kkombinat.

## 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

### Tqala

Informazzjoni minn diversi mijiet ta' nisa tqal ikkurati b'dożi standard (<200 mg/kuljum) ta' fluconazole, mogħti bħala doża waħda jew ripetuta fl-ewwel erba' xhur, ma turi l-ebda effett mhux mixtieq fil-fetu. Kien hemm rapporti ta' diversi anomalitajiet konġenitali (inkluż brakiċefalija, displasja tal-widnejn, fontanelle ta' quddiem kbira, tgħawwiġ tal-wirk u sinostosi radjo-umerali) fi trabi li l-ommijiet tagħhom kienu kkurati għal mill-inqas tliet xhur jew aktar b'dożi għoljin (400-800 mg kuljum) ta' fluconazole għal coccidioidomycosis. Ir-relazzjoni bejn l-użu ta' fluconazole u dawn l-avvenimenti m'hijiex ċara.

Studji fl-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara sezzjoni 5.3).

Fluconazole f'dożi standard u f'kuri għal żmien qasir m'għandux jintuża fit-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod ċar.

Fluconazole f'dożi għoljin u/jew fi skedi twal ma għandux jintuża waqt it-tqala ħlief f'każijiet ta' infezzjonijiet li jkunu ta' theddida għall-ħajja.

#### Treddigħ

Fluconazole jgħaddi fil-ħalib tas-sider sabiex jilħaq konċentrazzjonijiet iżgħar minn dawk fil-plażma. It-treddigħ jista' jibqa' jsir wara użu wieħed ta' doża standard ta' 200 mg fluconazole jew inqas. It-treddigħ m'huwiex rakkomandat wara użu ripetut jew wara dożi għoljin ta' fluconazole.

#### Fertilità

Fluconazole ma affettwax il-fertilità tal-firien irġiel jew nisa (ara sezzjoni 5.3)

### **4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni**

Ma sar l-ebda studju fuq l-effetti ta' Diflucan fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni. Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija dwar il-possibbiltà ta' sturdament jew aċċessjonijiet (ara sezzjoni 4.8) waqt li jkunu qegħdin jieħdu Diflucan u għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux jew ma jħaddmux magni jekk ikollhom xi wieħed minn dawn is-sintomi.

### **4.8 Effetti mhux mixtieqa**

L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati b'mod frekwenti ( $>1/10$ ) kienu uġigħ ta' ras, uġigħ fl-addome, dijareja, nawsja, rimettar, żieda fl-*alanine aminotransferase*, żieda fl-*aspartate aminotransferase*, żieda fl-*alkaline phosphatase* tad-demmm u raxx.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin kienu osservati u rrapportati waqt il-kura b'Diflucan fil-frekwenzi li ġejjin: Komuni ħafna ( $\geq 1/10$ ); komuni ( $\geq 1/100$  sa  $<1/10$ ); mhux komuni ( $\geq 1/1,000$  sa  $<1/100$ ); rari ( $\geq 1/10,000$  sa  $<1/1,000$ ); rari ħafna ( $<1/10,000$ ), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mill-informazzjoni).

| Sistema tal-Klassifika tal-Organi              | Komuni           | Mhux komuni                                                 | Rari                                                                    |
|------------------------------------------------|------------------|-------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------|
| Disturbi tad-demmm u tas-sistema limfatika     |                  | Anemija                                                     | Agranuloċitożi, lewkopenja, tromboċitopenja, newtropenja                |
| Disturbi fis-sistema immuni                    |                  |                                                             | Anafilassi                                                              |
| Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni       |                  | Nuqqas fl-aptit                                             | Iperkolesterolimja, ipertrigliċeridemija, ipokalemija                   |
| Disturbi psikjatriċi                           |                  | Ngħas, insomnja                                             |                                                                         |
| Disturbi fis-sistema nervuża                   | Uġigħ ta' ras    | Aċċessjonijiet, parestesija, sturdament, bidliet fit-togħma | Rogħda                                                                  |
| Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika |                  | Vertigo                                                     |                                                                         |
| Disturbi fil-qalb                              |                  |                                                             | Torsade de pointes (ara sezzjoni 4.4), titwil tal-QT (ara sezzjoni 4.4) |
| Disturbi gastro-                               | Uġigħ fl-addome, | Stitikezza, dispepsja,                                      |                                                                         |

|                                                               |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
|---------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>intestinali</b>                                            | rimettar, dijarea, nawsja                                                                                                                                                | gass fl-istonku, ħalq xott                                                                                 |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi fil-fwied u fil-marrara</b>                       | Żieda fl-alanine aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda fl-aspartate aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda tal-alkaline phosphatase fid-demm (ara sezzjoni 4.4) | Kolestasi (ara sezzjoni 4.4), suffejra (ara sezzjoni 4.4), żieda fil-bilirubin (ara sezzjoni 4.4)          | Insuffiċjenza epatika (ara sezzjoni 4.4), nekrożi epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4), epatite (ara sezzjoni 4.4), ħsara epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4)                                                                  |
| <b>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</b>     | Raxx (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                  | Feġġa ta' raxx minħabba l-mediċina (ara sezzjoni 4.4), urtikarja (ara sezzjoni 4.4), ħakk, żieda fl-ġharaq | Nekrożi tossika tal-ġilda, (ara sezzjoni 4.4), is-sindromu ta' Stevens-Johnson (ara sezzjoni 4.4), pustulozi ekżantematuża mifruxa akuta (ara sezzjoni 4.4), dermatite esfoljattiva, anġjoedema, edema fil-wieċ, alopeċja |
| <b>Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi</b>  |                                                                                                                                                                          | Mijalġja                                                                                                   |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</b> |                                                                                                                                                                          | Għeja, telqa, astenja, deni                                                                                |                                                                                                                                                                                                                           |

#### Popolazzjoni pedjatrika

Il-mudell u l-inċidenza tar-reazzjonijiet avversi u anormalitajiet fil-laboratorju rreġistrati waqt provi kliniċi pedjatriċi, li ma jinkludux l-indikazzjoni tal-kandidjażi ġenitali, huma simili għal dawk li jidhru fl-adulti.

#### **4.9 Doża eċċessiva**

Kien hemm rapporti ta' doża eċċessiva b'Diflucan u magħhom ġew irrapportati alluċinazzjonijiet u mġiba paranojja.

F'każ ta' doża eċċessiva, tista' tkun meħtieġa kura sintomatika (b'miżuri ta' appoġġ u tbatil tal-istonku jekk ikun meħtieġ).

Fluconazole fil-parti l-kbira jitneħħa fl-awrina; dijureżi ta' volum sfurzata aktarx li żżid ir-rata ta' tneħħija. Sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat tnaqqas il-livelli fil-plażma b'madwar 50%.

### **5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU**

#### **5.1 Tagħrif farmakodinamiku**

##### Klassifikazzjoni ATC

Kategorija farmakoterapewtika: Antimijotiċi għal użu sistemiku, derivattivi triazole, Kodiċi ATC: J02AC01.

##### Metodu ta' azzjoni

Fluconazole huwa sustanza antifungali triazole. Il-metodu ta' azzjoni ewlieni tiegħu huwa l-inibizzjoni taċ-ċitokromu fungali P-450 permezz ta' *14 alpha-lanosterol demethylation*, pass essenzjali fil-bijosinteżi tal-ergosterol fungali. L-akkumulazzjoni ta' *14 alpha-methyl sterols* tikkorrispondi mat-telf

sussegwenti ta' ergosterol fil-membrana taċ-ċellola fungali u tista' tkun responsabbli għall-attività antifungali ta' fluconazole. Fluconazole intwera li huwa aktar selettiv għall-enzimi taċ-ċitokromu fungali P-450 milli għal diversi sistemi mamiferi tal-enzimi taċ-ċitokromu P-450.

Fluconazole 50 mg kuljum mogħti għal 28 jum intwera li ma jaffettwax il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tat-testosterone fl-irġiel jew il-konċentrazzjoni ta' steroidi fin-nisa ta' età li jkollhom it-tfal. Fluconazole 200 mg sa 400 mg kuljum m'għandu l-ebda effett klinikament sinifikanti fuq livelli ta' steroidi endoġeni jew fuq ir-reazzjoni stimulata mill-ACTH f'voluntiera rġiel b'saħħithom. Studji ta' interazzjoni b'antipyrine jindikaw li doża waħda jew dożi multipli ta' fluconazole 50 mg ma jaffettwawx il-metaboliżmu tiegħu.

#### Suxxettibbiltà in vitro

*In vitro*, fluconazole juri attività antifungali kontra l-ispeċijiet ta' *Candida* l-aktar komuni klinikament (inklużi *C. albicans*, *C. parapsilosis*, *C. tropicalis*). *C. glabrata* turi medda wiesgħa ta' suxxettibbiltà filwaqt li *C. krusei* hija reżistenti għal fluconazole.

Fluconazole juri wkoll attività *in vitro* kontra *Cryptococcus neoformans* u *Cryptococcus. gattii* kif ukoll il-fungi endemiċi *Blastomyces dermatitidis*, *Coccidioides immitis*, *Histoplasma capsulatum* u *Paracoccidioides brasiliensis*.

#### Ir-relazzjoni FK/FD

Fi studji fuq l-annimali, hemm korrelazzjoni bejn il-valuri MIC u l-effikaċja kontra mikozi sperimentali minħabba *Candida* spp. Fi studji kliniċi, hemm relazzjoni lineari ta' kważi 1:1 bejn l-AUC u d-doża ta' fluconazole. Hemm ukoll relazzjoni diretta għalkemm mhux perfetta bejn l-AUC jew doża u reazzjoni klinika ta' suċċess ta' kandidjozi orali u sa ċertu punt inqas ta' kandidemja għall-kura. Bl-istess mod, il-kura hija inqas probabbli għall-infezzjonijiet ikkawżati minn razez b'MIC oġħla ta' fluconazole.

#### Mekkaniżmu(i) ta' reżistenza

*Candida* spp żviluppaw għadd ta' mekkaniżmi ta' reżistenza għas-sustanzi antifungali azole. Razez fungali li żviluppaw xi wieħed jew aktar minn dawn il-mekkaniżmi ta' reżistenza huma magħrufin li juru konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (*minimum inhibitory concentrations* – MICs) għoljin għal fluconazole li jaffettwa b'mod avvers l-effikaċja *in vivo* u dik klinika.

Kien hemm rapporti ta' superinfezzjoni bi speċijiet ta' *Candida* minbarra *C. albicans*, li naturalment spiss ma jkunux suxxettibbli għal fluconazole (eż. *Candida krusei*). Każijiet bħal dawn ikunu jeħtieġu kura antifungali alternattiva.

#### Il-breakpoints (skont il-EUCAST)

Skont l-analiżi ta' informazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (FK/FD), is-suxxettibbiltà *in vitro* u r-reazzjoni klinika EUCAST-AFST (*European Committee on Antimicrobial susceptibility Testing-subcommittee on Antifungal Susceptibility Testing*) – Il-Kumitat Ewropew għall-Ittestjar tas-suxxettibbiltà antimikrobjali-Sottokumitat dwar l-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antifungali) stabbilixxa *breakpoints* għal fluconazole għall-ispeċijiet *Candida* (EUCAST Dokument razżjonali għal Fluconazole (2007)-verżjoni 2). Dawn ġew maqsuma fi *breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet; li ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi, u *breakpoints* relatati mal-ispeċijiet għal dawg l-ispeċijiet li huma assoċjati l-aktar mal-infezzjoni fil-bniedem. Dawn il-*breakpoints* jingħataw fit-tabella hawn taħt:

| <i>Antifungali</i> | <i>Breakpoints relatati mal-ispeċijiet (S≤/R&gt;)</i> |                         |                       |                             |                           | <i>Breakpoints mhux relatati mal-ispeċijiet<sup>A</sup></i><br><i>S≤/R&gt;</i> |
|--------------------|-------------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------|-----------------------------|---------------------------|--------------------------------------------------------------------------------|
|                    | <i>Candida albicans</i>                               | <i>Candida glabrata</i> | <i>Candida krusei</i> | <i>Candida parapsilosis</i> | <i>Candida tropicalis</i> |                                                                                |
| <i>Fluconazole</i> | 2/4                                                   | IE                      | --                    | 2/4                         | 2/4                       | 2/4                                                                            |

S = Suxxettibbli, R = Reżistenti

A. = *Breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi. Dawn jintużaw biss għal organizzmi li m'għandhomx *breakpoints* speċifiċi.

-- = L-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhux rakkomandat minħabba li l-ispeċi hija mira fqira għall-kura b'din il-mediċina.

IE = M'hemmx biżżejjed provi li l-ispeċi inkwistjoni hija mira tajba għall-kura b'din il-mediċina.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' fluconazole huma simili wara l-għoti minn ġol-vini jew mill-ħalq.

### Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, fluconazole jiġi assorbit sew, u l-livelli fil-plażma (u l-bijodisponibbiltà sistemika) ikunu ogħla minn 90% tal-livelli miksuba wara l-għoti minn ġol-vini. L-assorbiment orali m'huwiex affettwat bit-teħid tal-ikel fl-istess waqt. L-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi stat sajjem iseħħu bejn 0.5 u 1.5 sigħat wara d-doża. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma proporzjonati għad-doża. Livelli ta' disġhin fil-mija fi stat fiss jintlaħqu sar-4-5 jum b'dożi multipli ta' doża waħda kuljum. L-għoti ta' doża inizjali għolja (fl-1 jum) ta' darbtejn id-doża normali ta' kuljum tippermetti li l-livelli fil-plażma jaslu għall-livelli ta' madwar 90% fi stat fiss sat-2 jum.

### Distribuzzjoni

Il-volum apparenti ta' distribuzzjoni joqrob l-ilma totali tal-ġisem. L-irbit mal-proteini fil-plażma huwa baxx (11-12%).

Fluconazole jikseb penetrazzjoni tajba fil-fluwidi tal-ġisem kollha studjati. Il-livelli ta' fluconazole fil-bżieq u l-isputum huma simili għall-livelli fil-plażma. F'pazjenti b'meninġite fungali, il-livelli ta' fluconazole fis-CSF huma madwar 80% tal-livelli fil-plażma korrispondenti.

Konċentrazzjoni għolja ta' fluconazole fil-ġilda, ogħla mill-konċentrazzjonijiet fis-serum, jinkisbu fl-istratum corneum, fl-epidermis-dermis u fl-għaraq tal-eccrine. Fluconazole jakkumula fl-istratum corneum. F'doża ta' 50 mg darba kuljum, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole wara 12-il jum kienet ta' 73 µg/g u 7 ijiem wara l-waqfien tat-trattament il-konċentrazzjoni kienet għadha 5.8 µg/g. Fid-doża ta' darba fil-ġimgħa ta' 150 mg, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fl-istratum corneum fis-7 jum kienet ta' 23.4 µg/g u 7 ijiem wara t-tieni doża kienet għadha 7.1 µg/g.

Il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fid-dwiefer wara 4 xhur minn dożaġġ ta' 150 mg darba f'ġimgħa kienet ta' 4.05 µg/g fi dwiefer b'saħħithom u 1.8 µg/g fi dwiefer morda; u, fluconazole kien għadu jista' jitkejjel f'kampjuni ta' dwiefer 6 xhur wara t-tmien tal-kura.

### Bijotrasformazzjoni

Fluconazole huwa metabolizzat biss sa ċertu punt. Minn doża radjuattiva, 11% biss jitneħħa f'għamla mibdula fl-awrina. Fluconazole huwa inibitur selettiv tal-isożimi CYP2C9 u CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5). Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19.

### Tneħħija

Il-half-life ta' tneħħija mill-plażma għal fluconazole hija ta' madwar 30 siegħa. Ir-rotta ewlenija ta' tneħħija hija renali, b'madwar 80% tad-doża mogħtija tidher fl-awrina bħala mediċina mhux mibdula. It-tneħħija ta' fluconazole hija proporzjonali mat-tneħħija tal-kreatinina. M'hemmx evidenza ta' metaboliti jiċċirkolaw.

Il-*half-life* twil ta' tneħħija mill-plażma jipprovi l-bażi għall-kura b'doża waħda għall-kandidjażi vaġinali, dożar ta' darba kuljum u ta' darba fil-ġimgħa għal indikazzjonijiet oħrajn.

#### Farmakokinetika fl-indeboliment renali

F'pazjenti b'insuffiċjenza renali severa, ( $GFR < 20$  ml/min) il-*half-life* żdiedet minn 30 sa 98 siegħa. Għalhekk, jeħtieġ tnaqqis tad-doża. Fluconazole jitneħħa bl-omodjalizi u sa ċertu punt inqas permezz ta' dijaliżi peritoneali. Wara sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat, madwar 50% ta' fluconazole jitneħħa mid-demm.

#### Farmakokinetika fit-tfal

Informazzjoni farmakokinetika ġiet evalwata għal 113-il pazjent pedjatriku minn 5 studji; 2 studji ta' doża waħda, 2 studji ta' dożi multipli, u studju fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-informazzjoni minn studju minnhom ma setgħetx tiġi interpretata minħabba bidliet fis-sekwenza tal-formulazzjoni matul l-istudju. Informazzjoni oħra kienet disponibbli minn studju ta' użu b'kompassjoni.

Wara l-għoti ta' 2-8 mg/kg fluconazole lil tfal ta' bejn id-9 xhur u l-15-il sena, instab AUC ta' madwar  $38 \mu\text{g}\cdot\text{h}/\text{ml}$  għal kull 1 mg/kg unitajiet ta' doża. Il-*half-life* medja ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma kienet tvarja bejn il-15 u t-18-il siegħa u l-volum ta' distribuzzjoni kien ta' madwar 880 ml/kg wara dożi multipli. *Half-life* ogħla ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma ta' madwar 24 siegħa instabet wara doża waħda. Dan huwa simili għall-*half-life* ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma wara għotja waħda ta' 3 mg/kg i.v. lil tfal ta' bejn 11-il jum -11-il xahar. Il-volum ta' distribuzzjoni f'dan il-grupp ta' età kien ta' madwar 950 ml/kg.

L-esperjenza bi fluconazole fit-trabi hija limitata għal studji farmakokinetiċi fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-età medja fl-ewwel doża kienet ta' 24 siegħa (medda ta' 9-36 siegħa) u l-piż medju fit-twelid kien ta' 0.9 kg (medda ta' 0.75-1.10 kg) għal 12-il tarbija li twieldu qabel iż-żmien ta' ġestazzjoni medja ta' madwar 28 ġimgħa. Seba' pazjenti lestew il-protokoll; ingħataw massimu ta' ħames infużjonijiet minn ġol-vini ta' 6 mg/kg ta' fluconazole kull 72 siegħa. Il-*half-life* medja (sigħat) kienet 74 (medda ta' 44-185) fl-1 jum li naqset, mal-ħin għal medja ta' 53 (medda ta' 30-131) fis-7 jum u 47 (medda ta' 27-68) fit-13-il jum. Iż-żona taħt il-kurva (mikrogramm.h/ml) kienet 271 (medda ta' 173-385) fl-1 jum u żdiedet b'medja ta' 490 (medda ta' 292-734) fis-7 jum u naqset b'medja ta' 360 (medda ta' 167-566) fit-13-il jum. Il-volum ta' distribuzzjoni (ml/kg) kien ta' 1183 (medda ta' 1070-1470) fl-1 jum u żdiedet, mal-ħin, għal medja ta' 1184 (medda ta' 510-2130) fis-7 jum u 1328 (medda ta' 1040-1680) fit-13-il jum.

#### Farmakokinetika fl-anzjani

Sar studju farmakokinetiku fi 22 suġġett, ta' 65 sena jew aktar li ngħataw doża orali waħda ta' 50 mg ta' fluconazole. Għaxra minn dawn il-pazjenti kienu qegħdin jingħataw dijuretiċi fl-istess waqt. Is- $C_{\text{max}}$  kien  $1.54 \mu\text{g}/\text{ml}$  u seħħ 1.3 sigħat wara d-doża. L-AUC medju kien ta'  $76.4 \pm 20.3 \mu\text{g}\cdot\text{h}/\text{ml}$ , u l-*half-life* terminali medju kien ta' 46.2 sigħat. Dawn il-valuri ta' parametri farmakokinetiċi huma ogħla mill-valuri analogi rrapportati għal voluntiera rġiel żgħażaġħ normali. L-għoti fl-istess waqt ta' dijuretiċi ma bidilx b'mod sinifikanti l-AUC jew is- $C_{\text{max}}$ . Barra minn hekk, it-tneħħija tal-kreatinina (74 ml/min), il-perċentwal ta' mediċina rkuprat mhux mibdul fl-awrina (0-24 siegħa, 22%) u l-istimi ta' tneħħija renali ta' fluconazole (0.124 ml/min/kg) għall-anzjani kienu ġeneralment aktar baxxi minn daww ta' voluntiera aktar żgħar. Għalhekk, il-bidla tad-dispożizzjoni ta' fluconazole fl-anzjani tidher li hija relatata ma' funzjoni renali mnaqqsa karatteristika ta' dan il-grupp.

### **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

L-effetti fi studji mhux kliniċi ġew osservati biss f'espożizzjonijiet meqjusa suffiċjentement akbar mill-espożizzjoni tal-bniedem, fatt li jindika ftit rilevanza għall-użu kliniku.

#### Karċinogeneżi

Fluconazole ma wera l-ebda evidenza ta' potenzjal karċinoġeniku fil-ġrieden u l-firien ikkurati mill-ħalq għal 24 xahar f'dożi ta' 2.5, 5, jew 10 mg/kg/jum (madwar 2-7 darbiet id-doża rakkomandata fil-bniedem). Il-firien irġiel ikkurati b'5 u 10 mg/kg/jum kellhom aktar inċidenza ta' adenomi epatoċellulari.

### Tossiċità riproduttiva

Fluconazole ma affettwax il-fertilità ta' firien irġiel jew nisa kkurati mill-ħalq b'dożi ta' 5, 10, jew 20 mg/kg jew b'dożi parenterali ta' 5, 25, jew 75 mg/kg.

Ma kienx hemm effetti fuq il-fetu f' 5 jew 10 mg/kg; ġew osservati varjanti anatomiċi fil-fetu (kustilji supernumerarji, dilazzjoni tal-pelvi renali) u dewmien fl-ossifikazzjoni f' 25 u 50 mg/kg u dożi oġhla.

F'dożi li jvarjaw minn 80 mg/kg sa 320 mg/kg żdiedet il-mewt tal-embriju fil-firien u l-anormalitajiet fil-fetu kienu jinkludu kustilji mmewġa, palat mixquq, u ossifikazzjoni anormali tal-kranju u tal-wieċ.

Il-bidu tal-ħlas ittardja xi ftit b' 20 mg/kg mill-ħalq u ġew osservati distoċja u titwil tal-ħlas f' xi ftit nisa b' 20 mg/kg u 40 mg/kg minn ġol-vini. Id-disturbi fil-ħlas kienu riflessi b'żieda żġhira fl-għadd ta' frieħ li twieldu mejta u tnaqqis fis-sopravvivenza tal-frieħ f'dawn il-livelli ta' dożi. Dawn l-effetti fuq il-ħlas huma konsistenti mal-karatteristika ta' tnaqqis tal-estroġeni speċifika għall-ispeċi prodott permezz ta' dożi għoljin ta' fluconazole. Bidla fl-ormoni bħal din ma ġietx osservata f'nisa kkurati bi fluconazole (ara sezzjoni 5.1).

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

#### Kontenut tal-kapsula:

Lactose monohydrate

Lamtu tal-qamħirrum

Colloidal silica anhydrous

Magnesium stearate

Sodium laurilsulfate

#### Kompożizzjoni tal-qoxra tal-kapsula:

Ġelatina

Titanium dioxide (E171)

Patent blue V (E131)

#### Linka tal-istampar:

Shellac (glejż), iron oxide iswed, alkoħol N-Butyl, alkoħol deidratat, ilma ppurifikat, propylene glycol, methylated spirit industrijali, isopropyl alcohol, soluzzjoni qawwija ta' ammonja, potassium hydroxide

### **6.2 Inkompatibilitajiet**

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

### **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

5 snin

### **6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

### **6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih**

Kapsuli ta' 150 mg: pakketti ta' folji tal-PVC trasparenti jew pakketti ta' folji tal-PVC/PVDC bojod opaki b'kisja fuq wara ta' fojl tal-aluminju.

Kull pakkett fih kapsula waħda iebsa.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

## **6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema**

Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

## **7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott *tinsab fuq is-sit elettroniku ta'* {isem tal-SM/Aġenzija}

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 50 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 100 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 200 mg kapsuli iebsin  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 50 mg.  
Sustanzi mhux attivi: kull kapsula iebsa fiha wkoll 49.70 mg ta' lactose monohydrate

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 100 mg  
Sustanzi mhux attivi: kull kapsula iebsa fiha wkoll 99.41 mg ta' lactose monohydrate

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 150 mg  
Sustanzi mhux attivi: kull kapsula iebsa fiha wkoll 149.12 mg ta' lactose monohydrate

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 200 mg  
Sustanzi mhux attivi: kull kapsula iebsa fiha wkoll 198.82 mg ta' lactose monohydrate

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Kapsula iebsa.

Il-kapsula iebsa tal-ġelatina ta' 50 mg għandha kulur abjad u l-parti ta' fuq blu turkważ bi "Pfizer" u l-kodiċi "FLU-50" stampati fuqha b'linka sewda. Id-daqs tal-kapsula huwa nru. 4.

Il-kapsula iebsa tal-ġelatina ta' 100 mg għandha kulur abjad u l-parti ta' fuq blu bi "Pfizer" u l-kodiċi "FLU-100" stampati fuqha b'linka sewda. Id-daqs tal-kapsula huwa nru. 2.

Il-kapsula iebsa tal-ġelatina ta' 150 mg għandha kulur blu turkważ u l-parti ta' fuq blu turkważ bi "Pfizer" u l-kodiċi "FLU-150" stampati fuqha b'linka sewda. Id-daqs tal-kapsula huwa nru. 1.

Il-kapsula iebsa tal-ġelatina ta' 200 mg għandha kulur abjad u l-parti ta' fuq vjola bi "Pfizer" u l-kodiċi "FLU-200" stampati fuqha b'linka sewda. Id-daqs tal-kapsula huwa nru. 0.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Diflucan huwa indikat għall-infezzjonijiet fungali li ġejjin (ara sezzjoni 5.1).

Diflucan huwa indikat fl-adulti għat-trattament ta':

- Meninġite kriptokokkali (ara sezzjoni 4.4).
- Coccidioidomycosis (ara sezzjoni 4.4).
- Kandidjażi invażiva.

- Kandidjażi mukożali inkluż kandidjażi orofaringeali, esofaġeali, kandidurja u kandidjażi mukokutanja kronika.
- Kandidjażi atrofiga orali kronika (ħalq misluħ fid-dentatura) jekk l-iġjene tas-snien jew kura topika ma jkunux biżżejjed.
- Kandidjażi vaġinali, akuta jew rikorrenti; meta kura topika ma tkunx xierqa.
- *Candida balanitis* meta kura topika ma tkunx xierqa.
- Dermatomikożi inkluż *tinea pedis*, *tinea corporis*, *tinea cruris*, *tinea versicolor*, u infezzjonijiet b'*candida* dermali meta kura sistemika hija indikata.
- *Tinea unguinum (onychomycosis)* meta sustanzi oħra ma jistawx jiġu wżati.

Diflucan huwa indikat fl-adulti għal profilassi ta':

- Rikadenza ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza.
- Rikadenza ta' kandidjażi orofaringeali jew esofaġeali f'pazjenti infettati bl-HIV li għandhom riskju kbir li jesperjenzaw rikadenza.
- Tnaqqis fl-inċidenza ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar f'sena).
- Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtropsenja fit-tul (bħal pazjenti b'kundizzjonijiet ematoloġiċi malinni li qed jirċievu l-kimoterapija jew pazjenti li qed jirċievu Trapijant taċ-Ċelluli Staminali Ematopojetiċi (ara sezzjoni 5.1)

Diflucan huwa indikat fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom, tfal li jkunu għandhom kif telqu jimxu, tfal u adoloxxenti li għandhom minn 0 sa 17-il sena:

Diflucan jintuża għall-kura ta' kandidjażi mukożali (orofaringeali, esofaġeali), kandidjażi invażiva, meninġite kriptokokkali u l-profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti immunokompromessi. Diflucan jista' jintuża bħala terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza (ara sezzjoni 4.4).

Il-kura tista' tinbeda qabel ma jkunu magħrufin ir-riżultati tal-ikkultura u studji oħrajn tal-laboratorju; madankollu, ladarba dawn ir-riżultati jkunu disponibbli, il-kura ta' kontra l-infezzjoni għandha tiġi aġġustata bix-xieraq.

Il-gwida uffiċjali dwar l-użu xieraq ta' antifungali għandha tiġi kkunsidrata.

## **4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata**

### Pożoloġija

Id-doża għandha tkun ibbażata fuq in-natura u s-severità tal-infezzjoni fungali. Il-kura ta' infezzjonijiet li jeħtieġu dożi multipli għandha titkompla sakemm il-parametri kliniċi jew it-testijiet tal-laboratorju jindikaw li l-infezzjoni fungali attiva tkun għebet. Perjodu ta' kura inadegwat jista' jwassal għar-rikorrenza tal-infezzjoni attiva.

## Adulti

| Indikazzjonijiet           |                                                                                                                         | Pożoloġija                                                                                 | Tul tal-Kura                                                                                                                                                                                                 |
|----------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Cryptococcosis</b>      | - Kura ta' meninġite kriptokokkali.                                                                                     | Doża inizjali għolja: 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 200 mg sa 400 mg kuljum | Normalment huwa għallinqas 6 sa 8 ġimgħat.<br>F'infezzjonijiet ta' theddid għall-ħajja, id-doża ta' kuljum tista' tiżdied sa 800 mg                                                                          |
|                            | - Kura ta' manteniment sabiex jimpedixxi rikaduta ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza. | 200 mg kuljum                                                                              | Indefinit b'doża ta' kuljum ta' 200 mg                                                                                                                                                                       |
| <b>Coccidioidomycosis</b>  |                                                                                                                         | 200 mg sa 400 mg                                                                           | 11-il xahar sa 24 xahar jew iktar jiddependi fuq il-pazjent. 800 mg kuljum tista' tiġi kkunsidrata għal xi infezzjonijiet u b'mod speċjali għal mard meninġeali                                              |
| <b>Kandidjażi invażiva</b> |                                                                                                                         | Doża inizjali għolja: 800 mg kuljum fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 400 mg kuljum    | B'mod ġenerali, it-tul tal-kura rakkomandat għal kandidemija huwa ta' ġimagħtejn wara l-ewwel riżultat ta' kultura tad-demm negattiva u wara l-għajbien tas-sinjali u sintomi attribwibbli għal kandidemija. |

|                                                                                                                             |                                                                                           |                                                                                                                           |                                                                                                                                                               |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Kura ta' kandidjażi mukożali</b>                                                                                         | - Kandidjażi orofaringeali                                                                | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum                      | 7 sa 21 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju  |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali                                                                   | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum                      | 14 sa 30 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju |
|                                                                                                                             | - Kandidurja                                                                              | 200 mg sa 400 mg kuljum                                                                                                   | 7 sa 21 jum. Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju.                                                             |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi atrofika kronika                                                             | 50 mg kuljum                                                                                                              | 14-il jum                                                                                                                                                     |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi mukokutanja kronika                                                          | 50 mg sa 100 mg kuljum                                                                                                    | Sa 28 jum. Perjodi itwal jiddependi jew fuq is-severità tal-infezzjoni jew fuq kompromizzazzjoni immuni u infezzjoni bażi                                     |
| <b>Prevenzjoni ta' rikaduta ta' kandidjażi mukożali f'pazjenti infettati bl-HIV b'riskju għoli li jesperjenzaw rikaduta</b> | - Kandidjażi orofaringeali                                                                | , 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                                                 | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                           |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali                                                                   | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                                                   | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                           |
| <b>Kandidjażi ġenitali</b>                                                                                                  | - Kandidjażi vaġinali akuta<br>- Candidal balanitis                                       | 150 mg                                                                                                                    | Doża waħda                                                                                                                                                    |
|                                                                                                                             | - Kura ta' profilassi ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar kull sena) | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) segwita minn doża ta' manteniment ta' 150 mg darba fil-ġimgħa | Doża ta' manteniment: 6 xhur.                                                                                                                                 |

|                                                                                                     |                                                                                                              |                                                       |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Dermatomikoži</b>                                                                                | - <i>tinea pedis</i> ,<br>- <i>tinea corporis</i> ,<br>- <i>tinea cruris</i> ,<br>- infezzjonijiet b'candida | 150 mg darba fil-<br>ġimgħa jew 50 mg<br>darba kuljum | 2 sa 4 ġimgħat, għal<br><i>tinea pedis</i> jista' jkun<br>hemm bżonn ta' kura li<br>ddum sa 6 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|                                                                                                     | - <i>tinea versicolor</i>                                                                                    | 300 mg sa 400 mg<br>darba fil-ġimgħa                  | 1 sa 3 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|                                                                                                     |                                                                                                              | 50 mg darba<br>kuljum                                 | 2 sa 4 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|                                                                                                     | - <i>tinea unguium</i><br>( <i>onychomycosis</i> )                                                           | 150 mg darba fil-<br>ġimgħa                           | Il-kura għandha<br>titkompla sakemm id-<br>difer infettat jinbidel<br>(difer mhux infettat<br>jikber 'l ġewwa). Sabiex<br>id-dwiefer tas-swaba'<br>tal-idejn u tas-saqajn<br>jikbru mill-ġdid<br>normalment ikun hemm<br>bżonn ta' 3 sa 6 xhur u 6<br>sa 12-il xahar<br>rispettivament.<br>Madankollu, ir-rati tat-<br>tkabbir jistgħu jvarjaw<br>ħafna f'individwi u<br>skont l-età. Wara kura<br>b'suċċess ta'<br>infezzjonijiet kroniċi fit-<br>tul, kultant id-dwiefer<br>jibqgħu sfigurati. |
| <b>Profilassi ta'<br/>infezzjonijiet<br/>kandidali<br/>f'pazjenti<br/>b'newtropenja<br/>fit-tul</b> |                                                                                                              | 200 mg sa 400 mg                                      | Il-kura għandha tinbeda<br>bosta jiem qabel il-feġġa<br>mistennija ta'<br>newtropenja u għandha<br>tkompli għal 7 ijiem<br>wara l-irkupru minn<br>newtropenja wara li l-<br>għadd ta' newtrofili<br>jiżdied aktar minn 1000<br>ċellola kull mm <sup>3</sup> .                                                                                                                                                                                                                                    |

### Popolazzjonijiet speċjali

#### *Anzjani*

Id-dożaġġ għandu jiġi aġġustat fuq bażi tal-funzjoni tal-kliwi (ara “*Indeboliment Renali*”).

#### *Indeboliment renali*

M'hemmx bżonn ta' aġġustamenti f'terapija ta' doża waħda. F'pazjenti (inkluż popolazzjoni pedjatrika) b'funzjoni tal-kliwi indebolita li jkunu sejrini jirċievu aktar minn doża waħda ta' fluconazole, għandha tingħata doża tal-bidu ta' 50 mg sa 400 mg, fuq il-bażi tad-doża rakkomandata ta' kuljum għall-indikazzjoni. Wara din doża inizjali għolja, id-doża ta' kuljum (skont l-indikazzjoni) għandha tkun ibbażata fuq it-tabella li ġejja:

| <b>Tneħħija tal-kreatinina (ml/min)</b> | <b>Perċentwal tad-doża rakkomandata</b> |
|-----------------------------------------|-----------------------------------------|
| >50                                     | 100%                                    |
| ≤50 (ebda dijaliżi)                     | 50%                                     |
| Dijaliżi regolari                       | 100% wara kull dijaliżi                 |

Pazjenti li qed issirilhom dijaliżi regolari għandhom jirċievu 100% tad-doża rakkomandata wara kull dijaliżi; fil-ġranet meta ma ssirilhomx id-dijaliżi, il-pazjenti għandhom jirċievu doża mnaqqsa skont it-tneħħija tal-kreatinina tagħhom.

#### *Indeboliment epatiku*

Hemm ftit informazzjoni disponibbli f'pazjenti b'indeboliment epatiku, għalhekk fluconazole għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'funzjoni indebolita tal-fwied (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

#### Popolazzjoni pedjatrika

Fil-popolazzjoni pedjatrika, ma għandhiex tinqabeż doża massima ta' 400 mg kuljum.

Bħal f'infezzjonijiet simili fl-adulti, it-tul tal-kura huwa bbażat fuq ir-rispons kliniku u mijokoloġiku. Diflucan jingħata bħala doża waħda kuljum.

Għal pazjenti pedjatriki b'funzjoni renali indebolita, ara dożaġġ f'"Indeboliment renali". Il-farmakokinetiċi ta' fluconazole għadhom ma ġewx studjati fil-popolazzjoni pedjatrika b'insuffiċjenza renali (għal "Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom" li ta' spiss juru li l-kliewi primarjament ma żviluppawx biżżejjed, jekk jogħġbok ara hawn taħt).

*Trabi tat-twelid, tfal li telqu jinxu u tfal (minn 28 jum sa 11-il sena):*

| <b>Indikazzjoni</b>                                                                                                                      | <b>Pożoloġija</b>                                          | <b>Rakkomandazzjonijiet</b>                                                                   |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------|
| - Kandidjażi mukożali                                                                                                                    | Doża inizjali: 6 mg/kg<br>Doża sussegwenti: 3 mg/kg kuljum | Fl-ewwel jum tista' tintuża doża tal-bidu sabiex jintlaħqu livelli ta' stat fiss aktar malajr |
| - Kandidjażi invażiva<br>- Meninġite kriptokokkali                                                                                       | Doża: 6 sa 12 mg/kg kuljum                                 | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza. | Doża: 6mg/kg kuljum                                        | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Profilassi ta' <i>Candida</i> f'pazjenti immunokompromessi                                                                             | Doża: 3 sa 12 mg/kg kuljum                                 | Jiddependi fuq il-firxa u kemm iddum in-newtopenja indotta (ara Pożoloġija għall-adulti)      |

*Adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena):*

Jiddependi fuq il-piż u l-iżvilupp fil-pubertà, it-tabib ikun jeħtieġ jivvaluta liema pożoloġija (adulti jew tfal) tkun l-aktar xierqa. Tagħrif kliniku jindika li t-tfal ineħħu aktar fluconazole milli ġie osservat fl-adulti. Doża ta' 100, 200 u 400 mg fl-adulti tikkorrispondi għal doża ta' 3, 6 u 12 mg/kg fi tfal sabiex tinkiseb espożizzjoni sistemika komparabbli.

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-użu f'kandidjażi ġenitali fil-popolazzjoni pedjatrika għadha mhix stabbilita. Informazzjoni kurrenti dwar is-sigurtà disponibbli għal indikazzjonijiet oħra fit-tfal hija deskritta f'sezzjoni 4.8. Jekk il-kura għal kandidjażi ġenitali għall-adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena) tkun assolutament neċessarja, il-pożoloġija għandha tkun l-istess bħal tal-adulti.

*Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 27 jum):*

It-tfal tat-twelid ineħħu fluconazole bil-mod. Ftit hemm tagħrif farmakokinetiku biex jappoġġa din il-pożoloġija fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (ara sezzjoni 5.2).

| <b>Grupp ta' età</b> | <b>Pożoloġija</b>         | <b>Rakkomandazzjonijiet</b>       |
|----------------------|---------------------------|-----------------------------------|
| Trabi tat-twelid li  | Għandha tingħata l-istess | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 72 |

|                                                                      |                                                                                                                               |                                                                   |
|----------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------|
| twieldu fi<br>żmienhom (0 sa 14<br>jum)                              | doża mg/kg bħal dik tat-trabi,<br>tfal li jkunu għadhom kif telqu<br>jimxu u tfal kull 72 siegħa                              | siegħa ma għandhiex tinqabeż                                      |
| Trabi tat-twelid li<br>twieldu fi<br>żmienhom (minn<br>15 sa 27 jum) | Għandha tingħata l-istess<br>doża mg/kg bħal dik tat-trabi,<br>tfal li jkunu għadhom kif telqu<br>jimxu u tfal kull 48 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 48<br>siegħa ma għandhiex tinqabeż |

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Diflucan jista' jingħata mill-ħalq jew permezz ta' infużjoni fil-vini, bil-metodu jiddependi fuq l-istat kliniku tal-pazjent. Jekk ikun hemm tibdil minn infużjoni fil-vini għall-metodu orali, jew *vice versa*, m'hemmx hteġa li tinbidel id-doża ta' kuljum.

Il-kapsuli għandhom jinbelgħu sħaħ u indipendenti mit-teħid tal-ikel.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, għal sustanzi azole relatati, jew għal xi sustanzi mhux attivi (ara sezzjoni 6.1).

L-għoti fl-istess waqt ta' terfenadine huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw Diflucan f'dożi multipli ta' 400 mg kuljum jew aktar skont ir-riżultati ta' studju dwar l-interazzjoni ta' dożi multipli. L-għoti flimkien ma' mediċini oħrajn magħrufa li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 bħal cisapride, astemizole, pimozone, quinidine u erythromycin huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw fluconazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

#### *Tinea capitis*

Kien hemm studji ta' fluconazole għat-trattament ta' *tinea capitis* fit-tfal. Dawn wrew li mhuwiex aktar superjuri għal griseofulvin u ir-rata ta' suċċess fuq kollox kienet anqas minn 20%. Għalhekk, Diflucan m'għandux jintuża għal *tinea capitis*.

#### *Cryptococcosis*

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' *cryptococcosis* f'siti oħra (e.ż. *cryptococcosis* fil-pulmun u fil-ġilda) hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet dwar id-doża.

#### Mikozi endemika profonda

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' forom oħra ta' mikozi endemika bħal *paracoccidioidomycosis*, *lymphocutaneous sporotrichosis* u *histoplasmosis* hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar id-doża.

#### Is-sistema renali

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-kliwi (ara sezzjoni 4.2).

#### Is-sistema epatobiljari

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Diflucan ġie assoċjat ma' każijiet rari ta' tossiċità epatika serja inkluż mewt, l-aktar f'pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi eżistenti serji. F'każ ta' epatossiċità assoċjata ma' fluconazole, ma' għet osservata l-ebda relazzjoni ċara mad-doża totali ta' kuljum, it-tul tat-trattament, is-sess jew l-età tal-pazjent. L-epatossiċità minħabba fluconazole normalment kienet riversibbli meta twaqqfet il-kura.

Pazjenti li jkollhom riżultati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni tal-fwied waqt il-kura bi fluconazole għandhom jiġu sorveljati mill-qrib għall-iżvilupp ta' ħsara epatika aktar serja.

Il-pazjent għandu jkun avżat dwar sintomi li jindikaw effetti serji fuq il-fwied (l-importanti huma astenja, anoressija, dardir persistenti, rimettar u suffeġra). Il-kura bi fluconazole għandu titwaqqaf minnufih u l-pazjenti għandhom jikkonsultaw it-tabib.

#### Is-sistema kardjovaskulari

Xi azoles, inkluż fluconazole, ġew assoċjati mat-titwil tal-intervall tal-QT fuq l-elettrokardjogramma. Waqt is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kien hemm każijiet rari ta' titwil tal-QT u *torsades de pointes* f'pazjenti li kienu qegħdin jieħdu Diflucan. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu pazjenti morda serjament b'diversi fatturi ta' riskju li jfixxlu, bħal mard tal-qalb strutturali, anormalitajiet fl-elettroliti u kura konkormittanti li setgħu kienu kontributorji.

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet potenzjalment proarritmiċi. L-amministrazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li huma magħrufin li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 hija kontraindikata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Halofantrine

Halofantrine intwera li jtawwal l-intervall QTc fid-doża terapewtika rrakkomandata u huwa substrat ta' CYP3A4. Għaldaqstant, l-użu konkormittanti ta' fluconazole u halofantrine m'huwiex rakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

#### Reazzjonijiet dermatoloġiċi

Il-pazjenti rarament żviluppaw reazzjonijiet esfoljattivi fil-ġilda, bħas-sindromu ta' Stevens-Johnson u nekrożi epidermali tossika, waqt it-trattament bi fluconazole. Il-pazjenti li jkollhom l-AIDS huma aktar suxxettibbli li jiżviluppaw reazzjonijiet severi fil-ġilda għal bosta prodotti mediċinali. Jekk jiżviluppa xi raxx, li jista' jiġi assoċjat ma fluconazole, f'pazjent ikkurat għal infezzjoni fungali superfiċjali, għandha titwaqqaf il-kura b'dan il-prodott mediċinali. Jekk pazjent b'infezzjonijiet fungali invażivi/sistemiċi jiżviluppaw xi raxx, dawn għandhom ikunu sorveljati mill-qrib u fluconazole għandu jitwaqqaf jekk jiżviluppaw leżjonijiet bl-*infafet* jew *eritema* multiformi.

#### Sensittività eċċessiva

F'każijiet rari, ġiet irrapportata anafilassi (ara sezzjoni 4.3).

#### Ċitokromu P450

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' CYP2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur ta' CYP2C19. Pazjenti kkurati b'Diflucan li jkunu kkurati fl-istess waqt b'mediċini ta' medda terapewtika żgħira metabolizzati permezz ta' CYP2C9, CYP2C19 u CYP3A4, għandhom jiġu ssorveljati (ara sezzjoni 4.5).

#### Terfenadine

L-ġhoti ta' fluconazole f'dożi inqas minn 400 mg kuljum flimkien ma' terfenadine għandu jkun sorveljat sew (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Sustanzi mhux attivi

Il-kapsuli fihom lactose monohydrate. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' nuqqas ta' tolleranza għall-galactose, id-defiċjenza ta' Lapp lactase jew in-nuqqas ta' assorbiment ta' glucose-galactose m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

### **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

L-użu konkormittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin huwa kontra-indikat:

Cisapride: Kien hemm rapporti ta' avvenimenti kardijaċi inkluż *torsades de pointes* f'pazjenti li ngħataw fluconazole u cisapride flimkien. Studju kkontrollat sab li fluconazole 200 mg darba kuljum flimkien ma' cisapride 20 mg erba' darbiet kuljum irriżulta f'żieda konsiderevoli fil-livelli ta' cisapride fil-

plażma u titwil tal-intervall tal-QTc. It-trattament konkomittanti bi fluconazole u cisapride huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Terfenadine: Minħabba l-okkorrenza ta' dizritmiji kardijaċi serji kkawżati mit-titwil tal-intervall tal-QTc f'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antifungali azole flimkien ma' terfenadine, saru studji dwar l-effetti ta' interazzjoni. Studju wieħed b'doża ta' 200 mg ta' fluconazole kuljum ma wriex titwil fl-intervall tal-QTc. Studju ieħor b'doża ta' 400 mg u 800 mg ta' fluconazole kuljum wera li fluconazole meħud f'dożi ta' 400 mg kuljum jew aktar iżid b'mod konsiderevoli l-livelli ta' terfenadine fil-plażma meta jittieħed fl-istess waqt. L-użu kkombinat ta' fluconazole f'dożi ta' 400 mg jew aktar ma' terfenadine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3). L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole f'dożi iżgħar minn 400 mg kuljum ma' terfenadine għandu jkun sorveljat b'attenzjoni.

Astemizole: L-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' astemizole jista' jnaqqas it-tneħħija ta' astemizole. Iż-żieda li tirriżulta fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' astemizole tista' twassal għat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u astemizole huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Pimozide: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' pimozide jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' pimozide. Żieda fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' pimozide tista' twassal għal titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u pimozide huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Quinidine: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' quinidine jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' quinidine. L-użu ta' quinidine ġie assoċjat mat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u quinidine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Erythromycin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u erythromycin għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u erythromycin huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin ma jistax ikun rakkomandat:

Halofantrine: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjoni ta' halofantrine fil-plażma minħabba effett inibitorju fuq CYP3A4. L-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. Din il-kombinazzjoni għandha tiġi evitata (ara sezzjoni 4.4).

L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin iwassal għal prekawzjonijiet u aġġustamenti tad-doża:

L-effett ta' prodotti mediċinali oħrajn fuq fluconazole

Rifampicin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u rifampicin irriżulta fi tnaqqis ta' 25% fl-AUC u f'*half-life* 20% iqsar ta' fluconazole. F'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw rifampicin fl-istess waqt, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża ta' fluconazole.

Studji ta' interazzjoni urew li meta fluconazole orali jingħata mal-ikel, ma' cimetidine, ma' antaċidi jew wara irradjazzjoni sħiħa tal-ġisem għat-trapjant tal-mudullun, ma jseħħ l-ebda indeboliment klinikament sinifikanti tal-assorbiment ta' fluconazole.

L-effett ta' fluconazole fuq prodotti mediċinali oħrajn

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' ċitokromu P450 (CYP) isoenzima 2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19. Minbarra l-interazzjonijiet osservati/dokumentati msemmija hawn taħt, hemm riskju ta' żieda fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta'

komposti oħrajn metabolizzati permezz ta' CYP2C9 u CYP3A4 mogħtija flimkien ma' fluconazole. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-kombinazzjonijiet u l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati sew. L-effett ta' inibizzjoni tal-enzimi ta' fluconazole ikompli għal 4-5 ijiem wara li titwaqqaf il-kura bi fluconazole minħabba l-*half-life* twila ta' fluconazole (ara sezzjoni 4.3).

**Alfentanil:** Waqt użu konkormittanti ma' fluconazole (400 mg) u alfentanil mogħti ġol-vina (20 µg/kg) f'voluntiera b'saħħithom, l-AUC<sub>10</sub> ta' alfentanil żdied bid-doppju, probabilmint minħabba l-inibizzjoni ta' CYP3A4. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' alfentanil.

**Amitriptyline, nortriptyline:** Fluconazole iżid l-effett ta' amitriptyline u ta' nortriptyline. 5-nortriptyline u/jew S-amitriptyline jistgħu jitkejlu fil-bidu tat-terapija kkombinata u wara ġimgħa. Id-doża ta' amitriptyline/nortriptyline għandha tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ.

**Amphotericin B:** L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u amphotericin B fi ġrieden normali u immunosoppressi infettati ta' dawn ir-riżultati: effett żgħir antifungali addittiv fl-infezzjoni sistemika b'*C. albicans*, l-ebda interazzjoni fl-infezzjoni intrakranjali b'*Cryptococcus neoformans*, u antagoniżmu taż-żewġ mediċini fl-infezzjoni sistemika b'*A. fumigatus*. Is-sinifikat kliniku tar-riżultati miksuba f'dawn l-istudji m'huwiex magħruf.

**Antikoagulanti:** Fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, bħal fil-każ ta' antifungali azole oħrajn, ġew irrapporati avvenimenti ta' fsada (tbenġil, epistassi, fsada gastrointestinali, ematurja u meleni), flimkien ma' żidiet fil-ħin tal-protrombina f'pazjenti li nġataw fluconazole flimkien ma' warfarin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole u warfarin il-ħin ta' protrombina kien imtawwal sa darbtejn aktar, probabilmint minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' warfarin permezz ta' CYP2C9. F'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antikoagulanti tat-tip coumarin flimkien ma' fluconazole, il-ħin tal-protrombina għandu jiġi ssorveljat b'attenzjoni. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' warfarin.

**Benzodiazepines (ta' azzjoni qasira), i.e. midazolam, triazolam:** Wara l-għoti orali ta' midazolam, fluconazole ikkawża żidiet sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet ta' midazolam u effetti psikomotorji. Meta fluconazole 200 mg ingħata flimkien ma' midazolam 7.5 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 3.7 u 2.2 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' midazolam rispettivament. Meta fluconazole 200 mg kuljum ingħata fl-istess waqt ma' triazolam 0.25 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 4.4 u 2.3 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' triazolam rispettivament. Effetti ta' triazolam aktar b'saħħithom u aktar fit-tul kienu osservati waqt trattament flimkien ma' fluconazole. Jekk tkun meħtieġa l-kura konkormittanti b'benzodiazepine f'pazjenti li jkunu qegħdin jiġu kkurati b'fluconazole, għandu jiġi kkunsidrat li titnaqqas id-doża ta' benzodiazepine, u l-pazjenti għandhom jiġu ssorveljati bix-xieraq.

**Carbamazepine:** Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' carbamazepine u ġiet osservata żieda fil-carbamazepine fis-serum ta' 30%. Hemm riskju ta' żvilupp ta' tossiċità minħabba carbamazepine. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' carbamazepine skont il-kejl/l-effett tal-konċentrazzjonijiet.

**Imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju:** Ċerti antagonisti tal-kanali tal-kalċju (nifedipine, isradipine, amlodipine, verapamil u felodipine) huma metabolizzati b'CYP3A4. Fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika tal-antagonisti tal-kanali tal-kalċju. Huwa rrakkomandat li ssir sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi.

**Celecoxib:** Waqt il-kura konkormittanti bi fluconazole (200 mg kuljum) u celecoxib (200 mg), is-C<sub>max</sub> u l-AUC ta' celecoxib żdiedu bi 68% u 134%, rispettivament. Tista' tkun meħtieġa nofs id-doża ta' celecoxib meta kkombinat ma' fluconazole.

**Cyclophosphamide:** Kura kkombinata b'cyclophosphamide u fluconazole tirriżulta f'żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum. Il-kombinazzjoni tista' tintuża fil-waqt li jiġi kkunsidrat aktar ir-riskju ta' żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum.

**Fentanyl:** Ġie rrapportat każ wieħed fatali ta' intossikazzjoni ta' fentanyl possibilmint minħabba interazzjoni bejn fentanyl u fluconazole. Barra minn hekk, f'voluntiera b'saħħithom intwera li

fluconazole ittardja b'mod sinifikanti t-tneħħija ta' fentanyl. Konċentrazzjoni għolja ta' fentanyl tista' twassal għal depressjoni respiratorja. Il-pazjenti għandhom ikunu sorveljati mill-qrib għal potenzjal ta' riskju ta' depressjoni respiratorja. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doġa ta' fentanyl.

Inibituri reductase HMG CoA: Ir-riskju ta' mijopatija u rabdomijoliżi jiżdied meta fluconazole jingħata flimkien ma' inibituri reductase HMG-CoA metabolizzati permezz ta' CYP3A4, bħal atorvastatin u simvastatin, jew permezz ta' CYP2C9, bħal fluvastatin. Jekk tkun meħtieġa kura konkormittanti, il-pazjent għandu jkun osservat għal sintomi ta' mijopatija u rabdomijoliżi u l-kinase tal-kreatinina għandu jiġi sorveljat. L-inibituri reductase HMG-CoA għandhom jitwaqqfu jekk tkun osservata żieda notevoli fil-kinase tal-kreatinina jew jekk tiġi dijanjostikata jew issuspettata xi mijopatija/rabdomijoliżi.

Immunosuppressuri (i.e. ciclosporin, everolimus, sirolimus u tacrolimus):

Ciclosporin: Fluconazole iżid b'mod sinifikanti l-konċentrazzjoni u l-AUC ta' ciclosporin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole 200 mg kuljum u ciclosporin (2.7 mg/kg/jum) kien hemm żieda ta' 1.8 aktar fl-AUC ta' ciclosporin. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża billi titnaqqas id-doġa ta' ciclosporin skont il-konċentrazzjoni ta' ciclosporin.

Everolimus: Għalkemm ma ġiex studjat in vivo jew in vitro, fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet ta' everolimus fis-serum permezz ta' inibizzjoni ta' CYP3A4.

Sirolimus: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' sirolimus fil-plażma preżumibbilment billi jinibixxi l-metaboliżmu ta' sirolimus permezz ta' CYP3A4 u P-glycoprotein. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża b'aġġustament tad-doġa ta' sirolimus skont il-kejl tal-effett/tal-konċentrazzjoni.

Tacrolimus: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq sa 5 darbiet minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' tacrolimus permezz ta' CYP3A4 fl-intestini. Ma ġeww osservati bidliet farmakokinetiċi sinifikanti meta tacrolimus jingħata minn ġol-vini. Żieda fil-livelli ta' tacrolimus ġiet assoċjata ma' nefrotossiċità. Id-doġa ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq għandha titnaqqas skont il-konċentrazzjoni ta' tacrolimus.

Losartan: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' losartan għall-metabolit attiv tiegħu (E-31 74) li huwa responsabbli għall-parti l-kbira tal-antagonismu tar-riċettur tal-angotensina II li jseħħ waqt il-kura b'losartan. Il-pazjenti għandu jkollhom il-pessjoni tad-demm tagħhom sorveljata kontinwament.

Methadone: Fluconazole jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni ta' methadone fis-serum. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doġa ta' methadone.

Mediċini mhux sterojdi kontra l-infjammazzjoni: Is- $C_{max}$  u l-AUC ta' flurbiprofen żdiedu bi 23% u 81%, rispettivament, meta ngħataw flimkien ma' fluconazole meta mqabbel mal-għoti ta' flurbiprofen waħdu. Bl-istess mod, is- $C_{max}$  u l-AUC tal-isomeru attiv farmakoloġikament [S-(+)-ibuprofen] żdiedu bi 15% u 82%, rispettivament, meta fluconazole ingħata flimkien ma' ibuprofen raċemiku (400 mg) meta mqabbel mal-għoti ta' ibuprofen raċemiku waħdu.

Għalkemm ma ġiex studjat b'mod speċifiku, fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika ta' NSAIDs oħrajn li huma metabolizzati permezz ta' CYP2C9 (eż. naproxen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac). Hija rrakkomandata sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi u tossiċità relatati mal-NSAIDs. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doġa tal-NSAIDs.

Phenytoin: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu epatiku ta' phenytoin. L-għoti b'mod repetut fl-istess waqt ta' 200 mg fluconazole u 250 mg phenytoin mogħti ġol-vina, ikkawża żieda fl-AUC<sub>24</sub> ta' phenytoin b' 75% u  $fC_{min}$  b' 128%. Meta jingħataw flimkien, il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' phenytoin fis-serum għandhom jiġu ssorveljati sabiex tiġi evitata t-tossiċità b'phenytoin.

**Prednisone:** Kien hemm rapport ta' każ li pazjent bil-fwied trapjantat ikkurat bi prednisone żviluppa insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta twaqqfet il-kura ta' tliet xhur bi fluconazole. It-twaqqif ta' fluconazole preżumibbilment ikkawża attività msaħħa ta' CYP3A4 li wasslet għal żieda fil-metaboliżmu ta' prednisone. Pazjenti fuq kura fit-tul bi fluconazole u prednisone għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta jitwaqqaf fluconazole.

**Rifabutin:** Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' rifabutin fis-serum, li jwassal għal żieda fl-AUC ta' rifabutin sa 80%. Kien hemm rapporti ta' uveite f'pazjenti li ngħataw fluconazole u rifabutin flimkien. F'terapija kkombinata, għandhom jiġu kkunsidrati s-sintomi ta' tossiċità b'rifabutin.

**Saquinavir:** Fluconazole iżid l-AUC u is- $C_{max}$  ta' saquinavir b'madwar 50% u 55% rispettivament, minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu epatiku ta' saquinavir permezz ta' CYP3A4 u l-inibizzjoni ta' P-glycoprotein. L-interazzjoni ma' saquinavir/ritonavir għada ma ġietx studjata u tista' tkun aktar b'saħħita. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' saquinavir.

**Sulfonylureas:** Fluconazole intwera li jtawwal il-*half-life* fis-serum ta' sulfonylureas mogħtija mill-ħalq fl-istess waqt (eż., chlorpropamide, glibenclamide, glipizide, tolbutamide) f'voluntiera b'saħħithom. Hija rakkomandata sorveljanza regolari taz-zokkor fid-demm u għandu jkun hemm tnaqqis xieraq tad-doża ta' sulfonylurea waqt l-għoti taż-żewġ mediċini.

**Theophylline:** Fi studju ta' interazzjoni kkontrollat bil-plaċebo, l-għoti ta' fluconazole 200 mg għal 14-il jum irriżulta fi tnaqqis ta' 18% tar-rata ta' tneħħija medja ta' theophylline mill-plażma. Pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw doża għolja ta' theophylline jew li b'xi mod huma f'riskju akbar ta' tossiċità b'theophylline għandhom jiġu osservati għal sinjali ta' tossiċità b'theophylline waqt li jingħataw fluconazole. It-terapija għandha tinbidel jekk jiżviluppaw sinjali ta' tossiċità.

**Vinca alkaloids:** Għalkemm ma ġiex studjat, fluconazole jista' jżid il-livelli tal-vinca alkaloids (eż. vincristine u vinblastine) fil-plażma u jwassal għal newrotossiċità, li probabbilment hija dovuta għall-effett inibitorju fuq CYP3A4.

**Vitamina A:** Ibbażat fuq rapport ta' każ f'pazjent wieħed li kien qed jingħata kura kkombinata ta' *all-trans-retinoid acid* (forma aċida tal-vitamina A) u fluconazole, żviluppaw effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS (sistema nervuża ċentrali) fil-forma ta' psewdotumur *cerebri*, li għeb wara li twaqqfet il-kura bi fluconazole. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża iżda għandha titfakkar l-inċidenza ta' effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS.

**Voriconazole:** (inibituri ta' CYP2C9 u CYP3A4): L-għoti fl-istess waqt ta' voriconazole mill-ħalq (400 mg Q12h għal ġurnata, mbagħad 200 mg Q12h għal 2.5 ġranet) u fluconazole mill-ħalq (400 mg fl-ewwel ġurnata, mbagħad 200 mg Q24h għal 4 ġranet) lil 8 suġġetti maskili b'saħħithom irriżulta f'żieda f' $C_{max}$  u AUC $\tau$  ta' voriconazole b'medja ta' 57% (90% CI: 20%, 107%) u 79% (90% CI: 40%, 128%), rispettivament. Id-doża mnaqqsa u/jew il-frekwenza ta' voriconazole u fluconazole li telimina dan l-effett għadha ma ġietx stabbilita. Huwa rakkomandat li avvenimenti avversi assoċjati ma' voriconazole għandhom jiġu ssorveljati jekk voriconazole jintuża wara fluconazole.

**Zidovudine:** Fluconazole iżid is- $C_{max}$  u l-AUC ta' zidovudine b'84% u b'74%, rispettivament, minħabba tnaqqis ta' madwar 45% fit-tneħħija orali ta' zidovudine. Il-*half-life* ta' zidovudine ittaqlat ukoll b'madwar 128% wara terapija kkombinata bi fluconazole. Pazjenti li jingħataw din il-kombinazzjoni għandhom jiġu ssorveljati għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet avversi relatati ma' zidovudine. Jista' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tad-doża ta' zidovudine.

**Azithromycin:** Studju *open-label*, b'mod fortuwitu, *crossover* fi tliet modi f'18-il suġġett b'saħħtu evalwa l-effett ta' doża orali waħda ta' 1200 mg ta' azithromycin fuq il-farmakokinetika ta' doża orali waħda ta' 800 mg ta' fluconazole kif ukoll l-effetti ta' fluconazole fuq il-farmakokinetika ta' azithromycin. Ma kien hemm l-ebda interazzjoni farmakokinetika sinifikanti bejn fluconazole u azithromycin.

**Kontraċettivi orali:** Saru żewġ studji farmakokinetiċi b'kontraċettiv orali kkombinat bl-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole. Ma kienx hemm effetti rilevanti fuq il-livell tal-ormoni fl-istudju b'50 mg ta' fluconazole, filwaqt li b'200 mg kuljum, l-AUCs ta' ethinyl estradiol u levonorgestrel żdiedu b'40% u 24%, rispettivament. Għalhekk, l-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole f'dawn id-dożi m'għandux ikollu effett fuq l-effikaċja tal-kontraċettiv orali kkombinat.

#### 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

##### Tqala

Informazzjoni minn diversi mijiet ta' nisa tqal ikkurati b'dożi standard (<200 mg/kuljum) ta' fluconazole, mogħti bħala doża waħda jew ripetuta fl-ewwel erba' xhur, ma turi l-ebda effett mhux mixtieq fil-fetu. Kien hemm rapporti ta' diversi anormalitajiet konġenitali (inkluż brakiċefalija, displasja tal-widnejn, fontanelle ta' quddiem kbira, tgħawwiġ tal-wirk u sinostosi radjo-umerali) fi trabi li l-ommijiet tagħhom kienu kkurati għal mill-inqas tliet xhur jew aktar b'dożi għoljin (400-800 mg kuljum) ta' fluconazole għal *coccidioidomycosis*. Ir-relazzjoni bejn l-użu ta' fluconazole u dawn l-avvenimenti m'hijiex ċara.

Studji fl-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara sezzjoni 5.3).

Fluconazole f'dożi standard u f'kuri għal żmien qasir m'għandux jintuża fit-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod ċar.

Fluconazole f'dożi għoljin u/jew fi skedi twal ma għandux jintuża waqt it-tqala ħlief f'każijiet ta' infezzjonijiet li jkunu ta' theddida għall-ħajja.

##### Treddigħ

Fluconazole jgħaddi fil-ħalib tas-sider sabiex jilħaq konċentrazzjonijiet iżgħar minn dawk fil-plażma. It-treddigħ jista' jibqa' jsir wara użu wieħed ta' doża standard ta' 200 mg fluconazole jew inqas. It-treddigħ m'huwix rakkomandat wara użu ripetut jew wara dożi għoljin ta' fluconazole.

##### Fertilità

Fluconazole ma affettwax il-fertilità tal-firien irġiel jew nisa (ara sezzjoni 5.3)

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sar l-ebda studju fuq l-effetti ta' Diflucan fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

Il-pazjenti għandhom jiġu mwissja dwar il-possibbiltà ta' sturdament jew aċċessjonijiet (ara sezzjoni 4.8) waqt li jkunu qegħdin jieħdu Diflucan u għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux jew ma jħaddmux magni jekk ikollhom xi wieħed minn dawn is-sintomi.

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati b'mod frekwenti (>1/10) kienu uġiġħ ta' ras, uġiġħ fl-addome, dijareja, nawsja, rimettar, żieda fl-alanine aminotransferase, żieda fl-aspartate aminotransferase, żieda fl-alkaline phosphatase tad-demem u raxx.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin kienu osservati u rrapportati waqt il-kura b'Diflucan fil-frekwenzi li ġejjin: Komuni ħafna ( $\geq 1/10$ ); komuni ( $\geq 1/100$  sa  $< 1/10$ ); mhux komuni ( $\geq 1/1,000$  sa  $< 1/100$ ); rari ( $\geq 1/10,000$  sa  $< 1/1,000$ ); rari ħafna ( $< 1/10,000$ ), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

| Sistema tal-Klassifika tal-Organi          | Komuni | Mhux komuni | Rari                                                     |
|--------------------------------------------|--------|-------------|----------------------------------------------------------|
| Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika |        | Anemija     | Agranuloċitożi, lewkopenja, tromboċitopenja, newtropenja |
| Disturbi fis-sistema                       |        |             | Anafilassi                                               |

|                                                               |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
|---------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>immuni</b>                                                 |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni</b>               |                                                                                                                                                                          | Nuqqas fl-aptit                                                                                            | Iperkolesterolimja, ipertrigliċeridemija, ipokalemija                                                                                                                                                                     |
| <b>Disturbi psikjatriċi</b>                                   |                                                                                                                                                                          | Ngħas, insomnja                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi fis-sistema nervuża</b>                           | Ugħigh ta' ras                                                                                                                                                           | Aċċessjonijiet, parestesija, sturdament, bidliet fit-togħma                                                | Rogħda                                                                                                                                                                                                                    |
| <b>Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika</b>         |                                                                                                                                                                          | Vertigo                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi fil-qalb</b>                                      |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            | Torsade de pointes (ara sezzjoni 4.4), titwil tal-QT (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   |
| <b>Disturbi gastro-intestinali</b>                            | Ugħigh fl-addome, rimettar, dijarea, nawsja                                                                                                                              | Stitikezza, dispepsja, gass fl-istonku, ħalq xott                                                          |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi fil-fwied u fil-marrara</b>                       | Żieda fl-alanine aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda fl-aspartate aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda tal-alkaline phosphatase fid-demm (ara sezzjoni 4.4) | Kolestasi (ara sezzjoni 4.4), suffejra (ara sezzjoni 4.4), żieda fil-bilirubin (ara sezzjoni 4.4)          | Insuffiċjenza epatika (ara sezzjoni 4.4), nekrożi epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4), epatite (ara sezzjoni 4.4), ħsara epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4)                                                                  |
| <b>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</b>     | Raxx (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                  | Feġġa ta' raxx minħabba l-mediċina (ara sezzjoni 4.4), urtikarja (ara sezzjoni 4.4), ħakk, żieda fl-għaraq | Nekrożi tossika tal-ġilda, (ara sezzjoni 4.4), is-sindromu ta' Stevens-Johnson (ara sezzjoni 4.4), pustulozi ekżantematuża mifruxa akuta (ara sezzjoni 4.4), dermatite esfoljattiva, anġjoedema, edema fil-wiċċ, alopeċja |
| <b>Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi</b>  |                                                                                                                                                                          | Mijaġġa                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| <b>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</b> |                                                                                                                                                                          | Għeja, telqa, astenja, deni                                                                                |                                                                                                                                                                                                                           |

#### Popolazzjoni pedjatrika

Il-mudell u l-inċidenza tar-reazzjonijiet avversi u anormalitajiet fil-laboratorju rreġistrati waqt provi kliniċi pedjatriċi, li ma jinkludux l-indikazzjoni tal-kandidjażi ġenitali, huma simili għal dawk li jidhru fl-adulti.

#### **4.9 Doża eċċessiva**

Kien hemm rapporti ta' doża eċċessiva b'Diflucan u magħhom ġew irrapportati alluċinazzjonijiet u mġiba paranojja.

F'każ ta' doża eċċessiva, tista' tkun meħtieġa kura sintomatika (b'miżuri ta' appoġġ u tbatil tal-istonku jekk ikun meħtieġ).

Fluconazole fil-parti l-kbira jitneħħa fl-awrina; dijureżi ta' volum sfurzata aktarx li żżid ir-rata ta' tneħħija. Sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat tnaqqas il-livelli fil-plażma b'madwar 50%.

## 5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

### 5.1 Tagħrif farmakodinamiku

#### Klassifikazzjoni ATC

Kategorija farmakoterapewtika: Antimijotiċi għal użu sistemiku, derivattivi triazole, Kodiċi ATC: J02AC01.

#### Metodu ta' azzjoni

Fluconazole huwa sustanza antifungali triazole. Il-metodu ta' azzjoni ewlieni tiegħu huwa l-inibizzjoni taċ-ċitokromu fungali P-450 permezz ta' *14 alpha-lanosterol demethylation*, pass essenzjali fil-bijosinteżi tal-ergosterol fungali. L-akkumulazzjoni ta' *14 alpha-methyl sterols* tikkorrispondi mat-telf sussegwenti ta' ergosterol fil-membrana taċ-ċellola fungali u tista' tkun responsabbli għall-attività antifungali ta' fluconazole. Fluconazole intwera li huwa aktar selettiv għall-enzimi taċ-ċitokromu fungali P-450 milli għal diversi sistemi mammiferi tal-enzimi taċ-ċitokromu P-450.

Fluconazole 50 mg kuljum mogħti għal 28 jum intwera li ma jaffettwax il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tat-testosterone fl-irġiel jew il-konċentrazzjoni ta' steroidi fin-nisa ta' età li jkollhom it-tfal. Fluconazole 200 mg sa 400 mg kuljum m'għandu l-ebda effett klinikament sinifikanti fuq livelli ta' steroidi endoġeni jew fuq ir-reazzjoni stimolata mill-ACTH f'voluntiera rġiel b'saħħithom. Studji ta' interazzjoni b'antipyrine jindikaw li doża waħda jew dożi jew multipli ta' fluconazole 50 mg ma jaffettwawx il-metaboliżmu tiegħu.

#### Suxxettibbiltà in vitro

*In vitro*, fluconazole juri attività antifungali kontra l-ispeċijiet ta' *Candida* l-aktar komuni klinikament (inklużi *C. albicans*, *C. parapsilosis*, *C. tropicalis*). *C. glabrata* turi medda wiesgħa ta' suxxettibbiltà filwaqt li *C. krusei* hija reżistenti għal fluconazole.

Fluconazole juri wkoll attività *in vitro* kontra *Cryptococcus neoformans* u *Cryptococcus gattii* kif ukoll il-funġi endemiċi *Blastomyces dermatitidis*, *Coccidioides immitis*, *Histoplasma capsulatum* u *Paracoccidioides brasiliensis*.

#### Ir-relazzjoni FK/FD

Fi studji fuq l-annimali, hemm korrelazzjoni bejn il-valuri MIC u l-effikaċja kontra mikożi sperimentali minħabba *Candida* spp. Fi studji kliniċi, hemm relazzjoni lineari ta' kważi 1:1 bejn l-AUC u d-doża ta' fluconazole. Hemm ukoll relazzjoni diretta għalkemm mhux perfetta bejn l-AUC jew doża u reazzjoni klinika ta' suċċess ta' kandidjozi orali u sa ċertu punt inqas ta' kandidemja għall-kura. Bl-istess mod, il-kura hija inqas probabbli għall-infezzjonijiet ikkawżati minn razez b'MIC ogħla ta' fluconazole.

#### Mekkaniżmu(i) ta' reżistenza

*Candida* spp żviluppaw għadd ta' mekkaniżmi ta' reżistenza għas-sustanzi antifungali azole. Razez fungali li żviluppaw xi wieħed jew aktar minn dawn il-mekkaniżmi ta' reżistenza huma magħrufin li juru konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (*minimum inhibitory concentrations* – MICs) għoljin għal fluconazole li jaffettwa b'mod avvers l-effikaċja *in vivo* u dik klinika.

Kien hemm rapporti ta' superinfezzjoni bi speċijiet ta' *Candida* minbarra *C. albicans*, li naturalment spiss ma jkunux suxxettibbli għal fluconazole (eż. *Candida krusei*). Każijiet bħal dawn ikunu jeħtieġu kura antifungali alternattiva.

#### Il-breakpoints (skont il-EUCAST)

Skont l-analiżi ta' informazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (FK/FD), is-suxxettibbiltà in vitro u r-reazzjoni klinika EUCAST-AFST (*European Committee on Antimicrobial susceptibility Testing-subcommittee on Antifungal Susceptibility Testing*) – Il-Kumitat Ewropew għall-Ittestjar tas-suxxettibbiltà antimikrobjali-Sottokumitat dwar l-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antifungali) stabbilixxa *breakpoints* għal fluconazole għall-ispeċijiet *Candida* (EUCAST Dokument razżjonali għal Fluconazole (2007)-verżjoni 2). Dawn ġew maqsuma fi *breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet; li ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi, u *breakpoints* relatati mal-ispeċijiet għal daww l-ispeċijiet li huma assoċjati l-aktar mal-infezzjoni fil-bniedem. Dawn il-*breakpoints* jingħataw fit-tabella hawn taħt:

| Antifungali | <i>Breakpoints</i> relatati mal-ispeċijiet (S≤/R>) |                         |                       |                             |                           | <i>Breakpoints</i> mhux relatati mal-ispeċijiet <sup>A</sup><br>S≤/R> |
|-------------|----------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------|-----------------------------|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------|
|             | <i>Candida albicans</i>                            | <i>Candida glabrata</i> | <i>Candida krusei</i> | <i>Candida parapsilosis</i> | <i>Candida tropicalis</i> |                                                                       |
| Fluconazole | 2/4                                                | IE                      | --                    | 2/4                         | 2/4                       | 2/4                                                                   |

S = Suxxettibbli, R = Reżistenti

A = *Breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi. Dawn jintużaw biss għal organiżmi li m'għandhomx *breakpoints* speċifiċi.

-- = L-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhux rakkomandat minħabba li l-ispeċi hija mira fqira għall-kura b'din il-mediċina.

IE = M'hemmx biżżejjed provi li l-ispeċi inkwistjoni hija mira tajba għall-kura b'din il-mediċina

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' fluconazole huma simili wara l-għoti minn ġol-vini jew mill-ħalq.

### Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, fluconazole jiġi assorbit sew, u l-livelli fil-plażma (u l-bijodisponibbiltà sistemika) ikunu ogħla minn 90% tal-livelli miksuba wara l-għoti minn ġol-vini. L-assorbiment orali m'huwiex affettwat bit-tehd tal-ikel fl-istess waqt. L-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi stat sajjem iseħħu bejn 0.5 u 1.5 sigħat wara d-doża. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma proporzjonati għad-doża. Livelli ta' disġhin fil-mija fi stat fiss jintlaħqu sar-4-5 jum b'dożi multipli ta' doża waħda kuljum. L-għoti ta' doża inizjali għolja (fl-1 jum) ta' darbtejn id-doża normali ta' kuljum tippermetti li l-livelli fil-plażma jaslu għal-livelli ta' madwar 90% fi stat fiss sat-2 jum.

### Distribuzzjoni

Il-volum apparenti ta' distribuzzjoni joqrob l-ilma totali tal-ġisem. L-irbit mal-proteini fil-plażma huwa baxx (11-12%).

Fluconazole jikseb penetrazzjoni tajba fil-fluwidi tal-ġisem kollha studjati. Il-livelli ta' fluconazole fil-bżieq u l-isputum huma simili għal-livelli fil-plażma. F'pazjenti b'meninġite fungali, il-livelli ta' fluconazole fis-CSF huma madwar 80% tal-livelli fil-plażma korrispondenti.

Konċentrazzjoni għolja ta' fluconazole fil-ġilda, ogħla mill-konċentrazzjonijiet fis-serum, jinkisbu fl-istratum corneum, fl-epidermis-dermis u fl-għaraq tal-eccrine. Fluconazole jakkumula fl-istratum corneum. F'doża ta' 50 mg darba kuljum, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole wara 12-il jum kienet ta' 73 µg/g u 7 ijiem wara l-waqfien tat-trattament il-konċentrazzjoni kienet għadha 5.8 µg/g. Fid-doża ta' darba fil-ġimgħa ta' 150 mg, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fl-istratum corneum fis-7 jum kienet ta' 23.4 µg/g u 7 ijiem wara t-tieni doża kienet għadha 7.1 µg/g.

Il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fid-dwiefer wara 4 xhur minn dożaġġ ta' 150 mg darba f'ġimgħa kienet ta' 4.05 µg/g fi dwiefer b'saħħithom u 1.8 µg/g fi dwiefer morda; u, fluconazole kien għadu jista' jitkejjel f'kampjuni ta' dwiefer 6 xhur wara t-tmiem tal-kura.

#### Bijotrasformazzjoni

Fluconazole huwa metabolizzat biss sa ċertu punt. Minn doża radjuattiva, 11% biss jitneħħa f'għamla mibdula fl-awrina. Fluconazole huwa inibitur selettiv tal-isożimi CYP2C9 u CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5). Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19.

#### Tneħħija

Il-*half-life* ta' tneħħija mill-plażma għal fluconazole hija ta' madwar 30 siegħa. Ir-rotta ewlenija ta' tneħħija hija renali, b'madwar 80% tad-doża mogħtija tidher fl-awrina bħala mediċina mhux mibdula. It-tneħħija ta' fluconazole hija proporzjonali mat-tneħħija tal-kreatinina. M'hemmx evidenza ta' metaboliti jiċċirkolaw.

Il-*half-life* twil ta' tneħħija mill-plażma jipprovd i-bażi għall-kura b'doża waħda għall-kandidjażi vaġinali, dożar ta' darba kuljum u ta' darba fil-ġimgħa għal indikazzjonijiet oħrajn.

#### Farmakokinetika fl-indeboliment renali

F'pazjenti b'insuffiċjenza renali severa, (GFR < 20 ml/min) il-*half-life* żdiedet minn 30 sa 98 siegħa. Għalhekk, jeħtieġ tnaqqis tad-doża. Fluconazole jitneħħa bl-*emodijaliżi* u sa ċertu punt inqas permezz ta' *dijaliżi peritoneali*. Wara sessjoni ta' *emodijaliżi* ta' tliet sigħat, madwar 50% ta' fluconazole jitneħħa mid-demm.

#### Farmakokinetika fit-tfal

Informazzjoni farmakokinetika ġiet evalwata għal 113-il pazjent pedjatriku minn 5 studji; 2 studji ta' doża waħda, 2 studji ta' dożi multipli, u studju fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-informazzjoni minn studju minnhom ma setgħetx tiġi interpretata minħabba bidliet fis-sekwenza tal-formulazzjoni matul l-istudju. Informazzjoni oħra kienet disponibbli minn studju ta' użu b'kompassjoni.

Wara l-għoti ta' 2-8 mg/kg fluconazole lil tfal ta' bejn id-9 xhur u l-15-il sena, instab AUC ta' madwar 38 µg·h/ml għal kull 1 mg/kg unitajiet ta' doża. Il-*half-life* medja ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma kienet tvarja bejn il-15 u t-18-il siegħa u l-volum ta' distribuzzjoni kien ta' madwar 880 ml/kg wara dożi multipli. *Half-life* ogħla ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma ta' madwar 24 siegħa instabet wara doża waħda. Dan huwa simili għall-*half-life* ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma wara għotja waħda ta' 3 mg/kg i.v. lil tfal ta' bejn 11-il jum -11-il xahar. Il-volum ta' distribuzzjoni f'dan il-grupp ta' età kien ta' madwar 950 ml/kg.

L-esperjenza bi fluconazole fit-trabi hija limitata għal studji farmakokinetiċi fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-età medja fl-ewwel doża kienet ta' 24 siegħa (medda ta' 9-36 siegħa) u l-piż medju fit-twelid kien ta' 0.9 kg (medda ta' 0.75-1.10 kg) għal 12-il tarbija li twieldu qabel iż-żmien ta' ġestazzjoni medja ta' madwar 28 ġimgħa. Seba' pazjenti lestew il-protokoll; ingħataw massimu ta' ħames infużjonijiet minn ġol-vini ta' 6 mg/kg ta' fluconazole kull 72 siegħa. Il-*half-life* medja (sigħat) kienet 74 (medda ta' 44-185) fl-1 jum li naqset, mal-ħin għal medja ta' 53 (medda ta' 30-131) fis-7 jum u 47 (medda ta' 27-68) fit-13-il jum. Iż-żona taħt il-kurva (mikrogramm.h/ml) kienet 271 (medda ta' 173-385) fl-1 jum u żdiedet b'medja ta' 490 (medda ta' 292-734) fis-7 jum u naqset b'medja ta' 360 (medda ta' 167-566) fit-13-il jum. Il-volum ta' distribuzzjoni (ml/kg) kien ta' 1183 (medda ta' 1070-1470) fl-1 jum u żdiedet, mal-ħin, għal medja ta' 1184 (medda ta' 510-2130) fis-7 jum u 1328 (medda ta' 1040-1680) fit-13-il jum.

#### Farmakokinetika fl-anzjani

Sar studju farmakokinetiku fi 22 suġġett, ta' 65 sena jew aktar li ngħataw doża orali waħda ta' 50 mg ta' fluconazole. Għaxra minn dawn il-pazjenti kienu qegħdin jingħataw dijuretiċi fl-istess waqt. Is-C<sub>max</sub> kien 1.54 µg/ml u seħħ 1.3 sigħat wara d-doża. L-AUC medju kien ta' 76.4 ± 20.3 µg·h/ml, u l-*half-life* terminali medju kien ta' 46.2 sigħat. Dawn il-valuri ta' parametri farmakokinetiċi huma ogħla mill-valuri analogi rrapportati għal voluntiera rġiel żgħażaġħ normali. L-għoti fl-istess waqt ta' dijuretiċi ma bidilx b'mod sinifikanti l-AUC jew is-C<sub>max</sub>. Barra minn hekk, it-tneħħija tal-kreatinina (74 ml/min), il-perċentwal ta' mediċina rkuprat mhux mibdul fl-awrina (0-24 siegħa, 22%) u l-istimi ta' tneħħija renali ta' fluconazole

(0.124 ml/min/kg) għall-anzjani kienu ġeneralment aktar baxxi minn dawk ta' voluntiera aktar żgħar. Għalhekk, il-bidla tad-dispożizzjoni ta' fluconazole fl-anzjani tidher li hija relatata ma' funzjoni renali mnaqqa karatteristika ta' dan il-grupp.

### 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

L-effetti fi studji mhux kliniċi ġew osservati biss f'espożizzjonijiet meqjusa suffiċjentement akbar mill-espożizzjoni tal-bniedem, fatt li jindika ftit rilevanza għall-użu kliniku.

#### Karċinogenezi

Fluconazole ma wera l-ebda evidenza ta' potenzjal karċinoġeniku fil-ġrieden u l-firien ikkurati mill-ħalq għal 24 xahar f'dożi ta' 2.5, 5, jew 10 mg/kg/jum (madwar 27 darbiet id-doża rakkomandata fil-bniedem). Il-firien irġiel ikkurati b'5 u 10 mg/kg/jum kellhom aktar inċidenza ta' adenomi epatoċellulari.

#### Tossiċità riproduttiva

Fluconazole ma affettwax il-fertilità ta' firien irġiel jew nisa kkurati mill-ħalq b'dożi ta' kuljum ta' 5, 10, jew 20 mg/kg jew b'dożi parenterali ta' 5, 25, jew 75 mg/kg.

Ma kienx hemm effetti fuq il-fetu f'5 jew 10 mg/kg; ġew osservati varjanti anatomiċi fil-fetu (kustilji supernumerarji, dilazzjoni tal-pelvi renali) u dewmien fl-ossifikazzjoni f'25 u 50 mg/kg u dożi ogħla. F'dożi li jvarjaw minn 80 mg/kg sa 320 mg/kg żdiedet il-mewt tal-embriju fil-firien u l-anormalitajiet fil-fetu kienu jinkludu kustilji mmewġa, palat mixquq, u ossifikazzjoni anormali tal-kranju u tal-wiċċ. Il-bidu tal-ħlas ittardja xi ftit b'20 mg/kg mill-ħalq u ġew osservati distoċja u titwil tal-ħlas f'xi ftit nisa b'20 mg/kg u 40 mg/kg minn ġol-vini. Id-disturbi fil-ħlas kienu riflessi b'żieda żgħira fl-għadd ta' frieħ li twieldu mejta u tnaqqis fis-sopravvivenza tal-frieħ f'dawn il-livelli ta' dożi. Dawn l-effetti fuq il-ħlas huma konsistenti mal-karatteristika ta' tnaqqis tal-estroġenu speċifika għall-ispeċi prodott permezz ta' dożi għoljin ta' fluconazole. Bidla fl-ormoni bħal din ma ġietx osservata f'nisa kkurati bi fluconazole (ara sezzjoni 5.1).

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

#### Kontenut tal-kapsula:

Lactose monohydrate  
Lamtu tal-qamħirrum  
Colloidal silica anhydrous  
Magnesium stearate  
Sodium laurilsulfate

#### Kompożizzjoni tal-qoxra tal-kapsula:

Kapsuli ta' 50 mg  
Ġelatina  
Titanium dioxide (E171)  
Patent blue V (E131)

Kapsuli ta' 100 mg  
Ġelatina  
Titanium dioxide (E171)  
Erythrosin (E127)  
Patent blue V (E131)

Kapsuli ta' 150 mg  
Ġelatina  
Titanium dioxide (E171)  
Patent blue V (E131)

Kapsuli ta' 200 mg  
Ġelatina  
Titanium dioxide (E171)  
Erythrosin (E127))  
Indigo carmine (E132)

Linka tal-istampar:

Shellac (glejż), iron oxide iswed, alkoħol N-Butyl, alkoħol deidratat, ilma ppurifikat, propylene glycol, methylated spirit industrijali, isopropyl alcohol, soluzzjoni qawwija ta' ammonja, potassium hydroxide

## **6.2 Inkompatibilitajiet**

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

## **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

5 snin

## **6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

## **6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih**

Kapsuli ta' 50 mg u 150 mg: pakketti ta' folji tal-PVC trasparenti jew pakketti ta' folji tal-PVC/PVDC bojod opaki b'kisja fuq wara ta' fojl tal-aluminju.

Kapsuli ta' 100 mg u 200 mg: pakketti ta' folji tal-PVC trasparenti jew pakketti ta' folji tal-PVC bojod opaki b'kisja fuq wara ta' fojl tal-aluminju.

Kull pakkett fih 1, 2, 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 20, 28, 30, 42, 50, 60, 100 jew 500 kapsula iebsa.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għal skop kummerċjali.

## **6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema**

Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

## **7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {isem tal-SM/Aġenzija}  
[Sabiex timtela mill-pajjiż].

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 5 mg/ml soluzzjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

1 ml ta' soluzzjoni orali fih 5 mg ta' fluconazole.

Sustanza mhux attiva: kull 1 ml fih ukoll 0.1334 g ta' sucrose u 0.9635 g ta' glycerol.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Użu orali

Soluzzjoni ċara, bla kulur għal kemmxejn fl-isfar b'viskożità ikbar mill-ilma.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Diflucan huwa indikat għall-infezzjonijiet fungali li ġejjin (ara sezzjoni 5.1).

Diflucan huwa indikat fl-adulti għat-trattament ta':

- Meninġite kriptokokkali (ara sezzjoni 4.4).
- *Coccidioidomycosis* (ara sezzjoni 4.4).
- Kandidjażi invażiva.
- Kandidjażi mukożali inkluż kandidjażi orofaringeali, esofaġeali, kandidurja u kandidjażi mukokutanja kronika.
- Kandidjażi atrofika orali kronika (ħalq misluħ fid-dentatura) jekk l-iġjene tas-snien jew kura topika ma jkunx biżżejjed.
- Kandidjażi vaġinali, akuta jew rikorrenti; meta kura topika ma tkunx xierqa.
- *Candidal balanitis* meta kura topika ma tkunx xierqa.
- Dermatomiċozi inkluż *tinea pedis*, *tinea corporis*, *tinea cruris*, *tinea versicolor*, u infezzjonijiet b'candida dermali meta kura sistemika hija indikata.
- *Tinea unguium* (*onychomycosis*) meta sustanzi oħra ma jistawx jiġu wżati.

Diflucan huwa indikat fl-adulti għal profilassi ta':

- Rikadenza ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza.
- Rikadenza ta' kandidjażi orofaringeali jew esofaġeali f'pazjenti infettati bl-HIV li għandhom riskju kbir li jesperjenzaw rikadenza.
- Tnaqqis fl-inċidenza ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar f'sena).
- Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtrogenja fit-tul (bħal pazjenti b'kundizzjonijiet ematoloġiċi malinni li qed jirċievu l-kimoterapija jew pazjenti li qed jirċievu Trapijant taċ-Ċelluli Staminali Ematopojetiki (ara sezzjoni 5.1)

Diflucan huwa indikat fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu, tfal u adoloxxenti li għandhom minn 0 sa 17-il sena:

Diflucan jintuża għall-kura ta' kandidjażi mukożali (orofaringeali, esofaġeali), kandidjażi invażiva, meninġite kriptokokkali u l-profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti immunokompromessi. Diflucan jista' jintuża bħala terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza (ara sezzjoni 4.4).

Il-kura tista' tinbeda qabel ma jkunu magħruġin ir-riżultati tal-ikkultura u studji oħrajn tal-laboratorju; madankollu, ladarba dawn ir-riżultati jkunu disponibbli, il-kura ta' kontra l-infezzjoni għandha tiġi aġġustata bix-xieraq.

Il-gwida uffċjali dwar l-użu xieraq ta' antifungali għandha tiġi kkunsidrata.

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

### Pożoloġija

Id-doża għandha tkun ibbażata fuq in-natura u s-severità tal-infezzjoni fungali. Il-kura ta' infezzjonijiet li jeħtieġu dożi multipli għandha titkompla sakemm il-parametri kliniċi jew it-testijiet tal-laboratorju jindikaw li l-infezzjoni fungali attiva tkun għebet. Perjodu ta' kura inadegwat jista' jwassal għar-rikorrenza tal-infezzjoni attiva.

### Adulti:

| Indikazzjonijiet    |                                                                                                                         | Pożoloġija                                                                                      | Tul tal-Kura                                                                                                                                                                                                  |
|---------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Cryptococcosis      | - Kura ta’ meninġite kriptokokkali.                                                                                     | Doża inizjali għolja: 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 200mg sa 400 mg darba kuljum | Normalment huwa għallinqas 6 sa 8 ġimgħat.<br>F’infezzjonijiet ta’ theddid għall-ħajja, id-doża ta’ kuljum tista’ tiżdied sa 800 mg                                                                           |
|                     | - Kura ta’ manteniment sabiex jimpedixxi rikaduta ta’ meninġite kriptokokkali f’pazjenti b’riskju għoli ta’ rikorrenza. | Doża sussegwenti: 200 mg kuljum                                                                 | Indefinit b’doża ta’ kuljum ta’ 200 mg                                                                                                                                                                        |
| Coccidioidomycosis  |                                                                                                                         | 200 mg sa 400 mg                                                                                | 11-il xahar sa 24 xahar jew iktar jiddependi fuq il-pazjent. 800 mg kuljum tista’ tiġi kkunsidrata għal xi infezzjonijiet u b’mod speċjali għal mard meningiċjali                                             |
| Kandidjażi invażiva |                                                                                                                         | Doża inizjali għolja: 800 mg kuljum fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 400 mg kuljum         | B’mod ġenerali, it-tul tal-kura rakkomandat għal kandidemija huwa ta’ ġimagħtejn wara l-ewwel riżultat ta’ kultura tad-demmi negattiva u wara l-għajbien tas-sinjali u sintomi attribwibbli għal kandidemija. |

|                                                                                                                             |                                                                                           |                                                                                                                           |                                                                                                                                                               |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Kura ta' kandidjażi mukożali</b>                                                                                         | - Kandidjażi orofaringeali                                                                | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum                      | 7 sa 21 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju  |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali                                                                   | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum                      | 14 sa 30 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju |
|                                                                                                                             | - Kandidurja                                                                              | 200 sa 400 mg kuljum                                                                                                      | 7 sa 21 jum. Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju.                                                             |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi atrofika kronika                                                             | 50 mg kuljum                                                                                                              | 14-il jum                                                                                                                                                     |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi mukokutanja kronika                                                          | 50 sa 100 mg kuljum                                                                                                       | Sa 28 jum. Perjodi itwal jiddependi jew fuq is-severità tal-infezzjoni jew fuq kompromizzazzjoni immuni u infezzjoni bażi                                     |
| <b>Prevenzjoni ta' rikaduta ta' kandidjażi mukożali f'pazjenti infettati bl-HIV b'riskju għoli li jesperjenzaw rikaduta</b> | - Kandidjażi orofaringeali                                                                | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                                                   | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                           |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali                                                                   | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                                                   | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                           |
| <b>Kandidjażi ġenitali</b>                                                                                                  | - Kandidjażi vaġinali akuta<br>- Candidal balanitis                                       | 150 mg                                                                                                                    | Doża waħda                                                                                                                                                    |
|                                                                                                                             | - Kura ta' profilassi ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar kull sena) | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) segwita minn doża ta' manteniment ta' 150 mg darba fil-ġimgħa | Doża ta' manteniment: 6 xhur.                                                                                                                                 |

|                                                                                                     |                                                                                                              |                                                                        |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Dermatomikoži</b>                                                                                | - <i>tinea pedis</i> ,<br>- <i>tinea corporis</i> ,<br>- <i>tinea cruris</i> ,<br>- infezzjonijiet b'candida | 150 mg darba fil-<br>ġimgħa jew 50 mg<br>darba kuljum                  | 2 sa 4 ġimgħat, għal<br><i>tinea pedis</i> jista' jkun<br>hemm bżonn ta' kura li<br>ddum sa 6 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|                                                                                                     | - <i>tinea versicolor</i>                                                                                    | 300 mg sa 400 mg<br>darba fil-ġimgħa<br><br>50 mg darba fil-<br>ġimgħa | 1 sa 3 ġimgħat.<br><br>2 sa 4 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|                                                                                                     | - <i>tinea unguium</i><br>( <i>onychomycosis</i> )                                                           | 150 mg darba fil-<br>ġimgħa                                            | Il-kura għandha<br>titkompla sakemm id-<br>difer infettat jinbidel<br>(difer mhux infettat<br>jikber 'l ġewwa). Sabiex<br>id-dwiefer tas-swaba'<br>tal-idejn u tas-saqajn<br>jikbru mill-ġdid<br>normalment ikun hemm<br>bżonn ta' 3 sa 6 xhur u 6<br>sa 12-il xahar<br>rispettivament.<br>Madankollu, ir-rati tat-<br>tkabbir jistgħu jvarjaw<br>ħafna f'individwi u<br>skont l-età. Wara kura<br>b'suċċess ta'<br>infezzjonijiet kroniċi fit-<br>tul, kultant id-dwiefer<br>jibqgħu sfigurati. |
| <b>Profilassi ta'<br/>infezzjonijiet<br/>kandidali<br/>f'pazjenti<br/>b'newtropenja<br/>fit-tul</b> |                                                                                                              | 200 mg sa 400 mg                                                       | Il-kura għandha tinbeda<br>bosta jiem qabel il-feġġa<br>mistennija ta'<br>newtropenja u għandha<br>tkompli għal 7 ijiem<br>wara l-irkupru minn<br>newtropenja wara li l-<br>għadd ta' newtrofili<br>jiżdied aktar minn 1000<br>ċellola kull mm <sup>3</sup> .                                                                                                                                                                                                                                    |

### Popolazzjonijiet speċjali

#### *Anzjani*

Id-dożaġġ għandu jiġi aġġustat fuq bażi tal-funzjoni tal-kliwi (ara “*Indeboliment Renali*”).

#### *Indeboliment renali*

M'hemmx bżonn ta' aġġustamenti f'terapija ta' doża waħda. F'pazjenti (inkluż popolazzjoni pedjatrika) b'funzjoni tal-kliwi indebolita li jkunu sejrini jirċievu aktar minn doża waħda ta' fluconazole, għandha tingħata doża tal-bidu ta' 50 mg sa 400 mg, fuq il-bażi tad-doża rakkomandata ta' kuljum għall-indikazzjoni. Wara din id-doża għolja tal-bidu, id-doża ta' kuljum (skont l-indikazzjoni) għandha tkun ibbażata fuq it-tabella li ġejja:

| <b>Tneħħija tal-kreatinina (ml/min)</b> | <b>Perċentwal tad-doża rakkomandata</b> |
|-----------------------------------------|-----------------------------------------|
| >50                                     | 100%                                    |
| ≤50 (ebda dijaliżi)                     | 50%                                     |
| Dijaliżi regolari                       | 100% wara kull dijaliżi                 |

Pazjenti li qed issirihom dijaliżi regolari għandhom jirċievu 100% tad-doża rakkomandata wara kull dijaliżi; fil-ġranet meta ma ssirihomx id-dijaliżi, il-pazjenti għandhom jirċievu doża mnaqqa skont it-tneħħija tal-kreatinina tagħhom.

#### *Indeboliment Epatiku*

Hemm ftit informazzjoni disponibbli f'pazjenti b'indeboliment epatiku, għalhekk fluconazole għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'funzjoni indebolita tal-fwied (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

#### Popolazzjoni pedjatrika

Fil-popolazzjoni pedjatrika, ma għandhiex tinqabeż doża massima ta' 400 mg kuljum.

Bħal f'infezzjonijiet simili fl-adulti, it-tul tal-kura huwa bbażat fuq ir-rispons kliniku u mijokoloġiku. Diflucan jingħata b'haġġ doża waħda kuljum.

Għal pazjenti pedjatriki b'funzjoni renali indebolita, ara dożaġġ f'"*Indeboliment renali*". Il-farmakokinetiċi ta' fluconazole għandhom ma ġewx studjati fil-popolazzjoni pedjatrika b'insuffiċjenza renali (għal "Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom" li ta' spiss juru li l-kliwi primarjament ma żviluppawx biżżejjed, jekk jogħġbok ara hawn taħt).

*Trabi tat-twelid, tfal li telqu jinxu u tfal (minn 28 jum sa 11-il sena):*

| <b>Indikazzjoni</b>                                                                                                                      | <b>Pożoloġija</b>                                             | <b>Rakkomandazzjonijiet</b>                                                                   |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------|
| - Kandidjażi mukożali                                                                                                                    | Doża inizjali: 6 mg/kg<br>Doża sussegwenti: 3 mg/kg<br>kuljum | Fl-ewwel jum tista' tintuża doża tal-bidu sabiex jintlaħqu livelli ta' stat f'is aktar malajr |
| - Kandidjażi invażiva<br>- Meninġite<br>kriptokokkali                                                                                    | Doża: 6 sa 12 mg/kg kuljum                                    | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza. | Doża: 6mg/kg kuljum                                           | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Profilassi ta' <i>Candida</i> f'pazjenti immunokompromessi                                                                             | Doża: 3 sa 12 mg/kg kuljum                                    | Jiddependi fuq il-firxa u kemm iddum in-newtopenja indotta (ara Pożoloġija għall-adulti)      |

*Adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena):*

Jiddependi fuq il-piż u l-iżvilupp fil-pubertà, it-tabib ikun jeħtieġ jivvaluta liema pożoloġija (adulti jew tfal) tkun l-aktar xierqa. Tagħrif kliniku jindika li t-tfal ineħħu aktar fluconazole milli ġie osservat fl-adulti. Doża ta' 100, 200 u 400 mg fl-adulti tikkorrispondi għal doża ta' 3, 6 u 12 mg/kg fi tfal sabiex tinkiseb espożizzjoni sistemika komparabbli.

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-użu f'kandidjażi ġenitali fil-popolazzjoni pedjatrika għadha mhix stabbilita. Informazzjoni kurrenti dwar is-sigurtà disponibbli għal indikazzjonijiet oħra fit-tfal hija deskritta f'sezzjoni 4.8. Jekk il-kura għal kandidjażi ġenitali għall-adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena) tkun assolutament neċessarja, il-pożoloġija għandha tkun l-istess bħal tal-adulti.

*Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 27 jum):*

It-tfal tat-twelid inehhu fluconazole bil-mod.

Ftit hemm tagħrif farmakokinetiku biex jappoġġa din il-pożoloġija fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (ara sezzjoni 5.2).

| <b>Grupp ta' età</b>                                        | <b>Pożoloġija</b>                                                                                                    | <b>Rakkomandazzjonijiet</b>                                    |
|-------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 14 jum)       | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 72 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 72 siegħa ma għandhiex tinqabeż |
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (minn 15 sa 27 jum) | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 48 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 48 siegħa ma għandhiex tinqabeż |

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Diflucan jista' jingħata mill-ħalq jew permezz ta' infużjoni fil-vini, bil-metodu jiddependi fuq l-istat kliniku tal-pazjent. Jekk ikun hemm tibdil minn infużjoni fil-vini għall-metodu orali, jew *vice versa*, m'hemmx hteġġa li tinbidel id-doża ta' kuljum.

Diflucan jista' jittieħed kemm mal-ikel kif ukoll mhux mal-ikel.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, għal sustanzi azole relatati, jew għal xi sustanzi mhux attivi (ara sezzjoni 6.1).

L-għoti fl-istess waqt ta' terfenadine huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw Diflucan f'dożi multipli ta' 400 mg kuljum jew aktar skont ir-riżultati ta' studju dwar l-interazzjoni ta' dożi multipli. L-għoti flimkien ma' mediċini oħrajn magħrufa li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 bħal cisapride, astemizole, pimozi, quinidine u erythromycin huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw fluconazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

#### *Tinea capitis*

Kien hemm studji ta' fluconazole għat-trattament ta' *tinea capitis* fit-tfal. Dawn wrew li mhuwiex aktar superjuri għal griseofulvin u ir-rata ta' suċċess fuq kollox kienet anqas minn 20%. Għalhekk, Diflucan m'għandux jintuża għal *tinea capitis*.

#### *Cryptococcosis*

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' *cryptococcosis* f'siti oħra (e.ż. *cryptococcosis* fil-pulmun u fil-ġilda) hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet dwar id-doża.

#### Mikozi endemika profonda

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' forom oħra ta' mikozi endemika bħal *paracoccidioidomycosis*, *lymphocutaneous sporotrichosis* u *histoplasmosis* hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar id-doża.

#### Is-sistema renali

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-kliwi (ara sezzjoni 4.2).

#### Is-sistema epatobiljari

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Diflucan għe assoċjat ma' każijiet rari ta' tossiċità epatika serja inkluż mewt, l-aktar f'pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi eżistenti serji. F'każ ta' epatossiċità assoċjata ma' fluconazole, ma għet osservata l-ebda relazzjoni ċara mad-doża totali ta' kuljum, it-tul tat-trattament, is-sess jew l-età tal-pazjent. L-epatossiċità minħabba fluconazole normalment kienet riversibbli meta twaqqfet il-kura.

Pazjenti li jkollhom riżvoltati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni tal-fwied waqt il-kura bi fluconazole għandhom jiġu sorveljati mill-qrib għall-iżvilupp ta' ħsara epatika aktar serja. Il-pazjent għandu jkun avżat dwar sintomi li jindikaw effett serju fuq il-fwied (l-importanti huma astenja, anoressija, dardir persistenti, rimettar u suffeġra). Il-kura bi fluconazole għandu titwaqqaf minnufih u l-pazjenti għandhom jikkonsultaw it-tabib.

#### Is-sistema kardjovaskulari

Xi azoles, inkluż fluconazole, ġew assoċjati mat-titwil tal-intervall tal-QT fuq l-elettrokardjogramma. Waqt is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kien hemm każijiet rari ħafna ta' titwil tal-QT u *torsades de pointes* f'pazjenti li kienu qegħdin jieħdu Diflucan. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu pazjenti morda serjament b'diversi fatturi ta' riskju li jfixxlu, bħal mard tal-qalb strutturali, anormalitajiet fl-elettroliti u kura konkomittanti li setgħu kienu kontributorji.

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet potenzjalment proarritmiċi. L-amministrazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li huma magħrufin li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 hija kontraindikata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Halofantrine

Halofantrine intwera li jtawwal l-intervall QTc fid-doża terapewtika rrakkomandata u huwa substrat ta' CYP3A4. Għaldaqstant, l-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine m'huwiex rakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

#### Reazzjonijiet dermatoloġiċi

Il-pazjenti rarament żviluppaw reazzjonijiet esfoljattivi fil-ġilda, bħas-sindromu ta' Stevens-Johnson u nekrolożi epidermali tossika, waqt it-trattament bi fluconazole. Il-pazjenti li jkollhom l-AIDS huma aktar suxxettibbli li jiżviluppaw reazzjonijiet severi fil-ġilda għal bosta prodotti mediċinali. Jekk jiżviluppa xi raxx, li jista' jiġi assoċjat ma' fluconazole, f'pazjent ikkurat għal infezzjoni fungali superfiċjali, għandha titwaqqaf il-kura b'dan il-prodott mediċinali. Jekk pazjent b'infezzjonijiet fungali invażivi/sistemiċi jiżviluppaw xi raxx, dawn għandhom ikunu sorveljati mill-qrib u fluconazole għandu jitwaqqaf jekk jiżviluppaw leżjonijiet bl-*infafet* jew *eritema* multiformi.

#### Sensittività eċċessiva

F'każijiet rari, għet irrapportata anafilassi (ara sezzjoni 4.3).

#### Ċitokromu P450

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' CYP2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur ta' CYP2C19. Pazjenti kkurati b'Diflucan li jkunu kkurati fl-istess waqt b'mediċini ta' medda terapewtika żgħira metabolizzati permezz ta' CYP2C9, CYP2C19 u CYP3A4, għandhom jiġu ssorveljati (ara sezzjoni 4.5).

#### Terfenadine

L-għoti ta' Diflucan f'dożi inqas minn 400 mg kuljum flimkien ma' terfenadine għandu jkun sorveljat sew (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Sustanzi mhux attivi

Diflucan soluzzjoni orali fih glycerol. Glycerol jista' jikkawża uġigħ ta' ras, tqallib ta' stonku u dijarrea (ara sezzjoni 4.8).

Diflucan soluzzjoni orali fiha sucrose. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' nuqqas ta' tolleranza għal fructose, nuqqas ta' assorbiment ta' glucose-galactose jew insuffiċjenza ta' sucrase-isomaltase m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

#### **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

L-użu konkormittanti ta' dawn il-mediċini li għejjin huwa kontra-indikat:

Cisapride: Kien hemm rapporti ta' avvenimenti kardijaċi inkluż *torsades de pointes* f'pazjenti li ngħataw fluconazole u cisapride flimkien. Studju kkontrollat sab li fluconazole 200 mg darba kuljum flimkien ma' cisapride 20 mg erba' darbiet kuljum irriżulta f'żieda konsiderevoli fil-livelli ta' cisapride fil-plażma u titwil tal-intervall tal-QTc. It-trattament konkormittanti bi fluconazole u cisapride huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Terfenadine: Minħabba l-okkorrenza ta' diżritmiji kardijaċi serji kkawżati mit-titwil tal-intervall tal-QTc f'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antifungal azole flimkien ma' terfenadine, saru studji dwar l-effetti ta' interazzjoni. Studju wieħed b'doża ta' 200 mg ta' fluconazole kuljum ma wriex titwil fl-intervall tal-QTc. Studju ieħor b'doża ta' 400 mg u 800 mg ta' fluconazole kuljum wera li fluconazole meħud f'dożi ta' 400 mg kuljum jew aktar iżid b'mod konsiderevoli l-livelli ta' terfenadine fil-plażma meta jittieħed fl-istess waqt. L-użu kkombinat ta' fluconazole f'dożi ta' 400 mg jew aktar ma' terfenadine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3). L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole f'dożi iżgħar minn 400 mg kuljum ma' terfenadine għandu jkun sorveljat b'attenzjoni.

Astemizole: L-għoti konkormittanti ta' fluconazole ma' astemizole jista' jnaqqas it-tneħħija ta' astemizole. Iż-żieda li tirriżulta fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' astemizole tista' twassal għat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u astemizole huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Pimozide: Għalkemm ma għiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkormittanti ta' fluconazole ma' pimozide jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' pimozide. Żieda fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' pimozide tista' twassal għal titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u pimozide huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Quinidine: Għalkemm ma għiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkormittanti ta' fluconazole ma' quinidine jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' quinidine. L-użu ta' quinidine għie assoċjat mat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u quinidine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Erythromycin: L-użu konkormittanti ta' fluconazole u erythromycin għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u erythromycin huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

L-użu konkormittanti ta' dawn il-mediċini li għejjin ma jistax ikun rakkomandat:

Halofantrine: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjoni ta' halofantrine fil-plażma minħabba effett inibitorju fuq CYP3A4. L-użu konkormittanti ta' fluconazole u halofantrine għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. Din il-kombinazzjoni għandha tiġi evitata (ara sezzjoni 4.4).

L-użu konkormittanti ta' dawn il-mediċini li għejjin iwassal għal prekawzjonijiet u aġġustamenti tad-doża:

L-effett ta' prodotti mediċinali oħrajn fuq fluconazole

**Rifampicin:** L-użu konkomittanti ta' fluconazole u rifampicin irriżulta fi tnaqqis ta' 25% fl-AUC u f' *half-life* 20% iqsar ta' fluconazole. F'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw rifampicin fl-istess waqt, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża ta' fluconazole.

Studji ta' interazzjoni urew li meta fluconazole orali jingħata mal-ikel, ma' cimetidine, ma' antaċidi jew wara irradjazzjoni sħiħa tal-ġisem għat-trapjant tal-mudullun, ma jseħħ l-ebda indeboliment klinikament sinifikanti tal-assorbiment ta' fluconazole.

#### L-effett ta' fluconazole fuq prodotti mediċinali oħrajn

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' ċitokromu P450 (CYP) isoenzima 2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19. Minbarra l-interazzjonijiet osservati/dokumentati msemmija hawn taħt, hemm riskju ta' żieda fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta' komposti oħrajn metabolizzati permezz ta' CYP2C9 u CYP3A4 mogħtija flimkien ma' fluconazole. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-kombinazzjonijiet u l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati sew. L-effett ta' inibizzjoni tal-enzimi ta' fluconazole ikompli għal 4-5 ijiem wara li titwaqqaf il-kura bi fluconazole minħabba l-*half-life* twila ta' fluconazole (ara sezzjoni 4.3).

**Alfentanil:** Waqt użu konkomittanti ma' fluconazole (400 mg) u alfentanil mogħti ġol-vina (20 µg/kg) f'voluntiera b'saħħithom, l-AUC<sub>10</sub> ta' alfentanil żdied bid-doppju, probabilmint minħabba l-inibizzjoni ta' CYP3A4. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' alfentanil.

**Amitriptyline, nortriptyline:** Fluconazole iżid l-effett ta' amitriptyline u ta' nortriptyline. 5-nortriptyline u/jew S-amitriptyline jistgħu jitkejlu fil-bidu tat-terapija kkombinata u wara ġimgħa. Id-doża ta' amitriptyline/nortriptyline għandha tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ

**Amphotericin B:** L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u amphotericin B fi ġrieden normali u immunosoppressi infettati ta' dawn ir-riżultati: effett żgħir antifungali addittiv fl-infezzjoni sistemika b'*C. albicans*, l-ebda interazzjoni fl-infezzjoni intrakranjali b'*Cryptococcus neoformans*, u antagoniżmu taż-żewġ mediċini fl-infezzjoni sistemika b'*A. fumigatus*. Is-sinifikat kliniku tar-riżultati miksuba f'dawn l-istudji m'huiwix magħruf.

**Antikoagulanti:** Fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, bħal fil-każ ta' antifungali azole oħrajn, ġew irrapportati avvenimenti ta' fsada (tbenġil, epistassi, fsada gastrointestinali, ematurja u melena), flimkien ma' żidiet fil-ħin tal-protrombina f'pazjenti li ngħataw fluconazole flimkien ma' warfarin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole u warfarin il-ħin ta' protrombina kien imtawwal sa darbtejn aktar, probabilmint minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' warfarin permezz ta' CYP2C9. F'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antikoagulanti tat-tip coumarin flimkien ma' fluconazole, il-ħin tal-protrombina għandu jiġi ssorveljat b'attenzjoni. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' warfarin.

**Benzodiazepines (ta' azzjoni qasira), i.e. midazolam, triazolam:** Wara l-ġhoti orali ta' midazolam, fluconazole ikkawża żidiet sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet ta' midazolam u effetti psikomotorji. Meta fluconazole 200 mg ingħata flimkien ma' midazolam 7.5 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 3.7 u 2.2 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' midazolam rispettivament. Meta fluconazole 200 mg kuljum ingħata fl-istess waqt ma' triazolam 0.25 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 4.4 u 2.3 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' triazolam rispettivament. Effetti ta' triazolam aktar b'saħħithom u aktar fit-tul kienu osservati waqt trattament flimkien ma' fluconazole. Jekk tkun meħtieġa l-kura konkomittanti b'benzodiazepine f'pazjenti li jkunu qegħdin jiġu kkurati b'fluconazole, għandu jiġi kkunsidrat li titnaqqas id-doża ta' benzodiazepine, u l-pazjenti għandhom jiġu ssorveljati bix-xieraq.

**Carbamazepine:** Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' carbamazepine u ġiet osservata żieda fil-carbamazepine fis-serum ta' 30%. Hemm riskju ta' żvilupp ta' tossiċità minħabba carbamazepine. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' carbamazepine skont il-kejl/l-effett tal-konċentrazzjonijiet.

**Imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju:** Ċerti antagonisti tal-kanali tal-kalċju (nifedipine, isradipine, amlodipine, verapamil u felodipine) huma metabolizzati b'CYP3A4. Fluconazole għandu l-potenzjal li

jżid l-espożizzjoni sistemika tal-antagonisti tal-kanali tal-kalċju. Huwa rrakkomandat li ssir sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi.

Celecoxib: Waqt il-kura konkormittanti bi fluconazole (200 mg kuljum) u celecoxib (200 mg), is- $C_{max}$  u l-AUC ta' celecoxib żiedu bi 68% u 134%, rispettivament. Tista' tkun meħtieġa nofs id-doża ta' celecoxib meta kkombinat ma' fluconazole.

Cyclophosphamide: Kura kkombinata b'cyclophosphamide u fluconazole tirriżulta f'żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum. Il-kombinazzjoni tista' tintuża filwaqt li jiġi kkunsidrat aktar ir-riskju ta' żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum.

Fentanyl: Ġie rrapportat każ wieħed fatali ta' intossikazzjoni ta' fentanyl possibbilment minħabba interazzjoni bejn fentanyl u fluconazole. Barra minn hekk, f'volontiera b'saħħithom intwera li fluconazole ittardja b'mod sinifikanti t-tneħħija ta' fentanyl. Konċentrazzjoni għolja ta' fentanyl tista' twassal għal depressjoni respiratorja. Il-pazjenti għandhom ikunu sorveljati mill-qrib għal potenzjal ta' riskju ta' depressjoni respiratorja. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' fentanyl.

Inibituri reductase HMG CoA: Ir-riskju ta' mijopatija u rabdomijoliżi jiżdied meta fluconazole jingħata flimkien ma' inibituri reductase HMG-CoA metabolizzati permezz ta' CYP3A4, bħal atorvastatin u simvastatin, jew permezz ta' CYP2C9, bħal fluvastatin. Jekk tkun meħtieġa kura konkormittanti, il-pazjent għandu jkun osservat għal sintomi ta' mijopatija u rabdomijoliżi u l-kinase tal-kreatinina għandu jiġi sorveljat. L-inibituri reductase HMG-CoA għandhom jitwaqqfu jekk tkun osservata żieda notevoli fil-kinase tal-kreatinina jew jekk tiġi dijanjostikata jew issuspettata xi mijopatija/rabdomijoliżi.

Immunosuppressuri (i.e. ciclosporin, everolimus, sirolimus u tacrolimus):

Ciclosporin: Fluconazole iżid b'mod sinifikanti l-konċentrazzjoni u l-AUC ta' ciclosporin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole 200 mg kuljum u ciclosporin (2.7 mg/kg/jum) kien hemm żieda ta' 1.8 aktar fl-AUC ta' ciclosporin. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża billi titnaqqas id-doża ta' ciclosporin skont il-konċentrazzjoni ta' ciclosporin.

Everolimus: Għalkemm ma ġiex studjat in vivo jew in vitro, fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet ta' everolimus fis-serum permezz ta' inibizzjoni ta' CYP3A4.

Sirolimus: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' sirolimus fil-plażma preżumibbilment billi jinibixxi l-metaboliżmu ta' sirolimus permezz ta' CYP3A4 u P-glycoprotein. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża b'aġġustament tad-doża ta' sirolimus skont il-kejl tal-effett/tal-konċentrazzjoni.

Tacrolimus: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq sa 5 darbiet minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' tacrolimus permezz ta' CYP3A4 fl-intestini. Ma ġewx osservati bidliet farmakokinetiċi sinifikanti meta tacrolimus jingħata minn ġol-vini. Żieda fil-livelli ta' tacrolimus ġiet assoċjata ma' nefrotossiċità. Id-doża ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq għandha titnaqqas skont il-konċentrazzjoni ta' tacrolimus.

Losartan: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' losartan għall-metabolit attiv tiegħu (E-31 74) li huwa responsabbli għall-parti l-kbira tal-antagonismu tar-riċettur tal-angotensina II li jseħħ waqt il-kura b'losartan. Il-pazjenti għandu jkollhom il-pessjoni tad-demmi tagħhom sorveljata kontinwament.

Methadone: Fluconazole jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni ta' methadone fis-serum. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' methadone.

Mediċini mhux steroidi kontra l-infjammazzjoni: Is- $C_{max}$  u l-AUC ta' flurbiprofen żdiedu bi 23% u 81%, rispettivament, meta ngħataw flimkien ma' fluconazole meta mqabbel mal-ġhoti ta' flurbiprofen waħdu. Bl-istess mod, is- $C_{max}$  u l-AUC tal-isomeru attiv farmakoloġikament [S-(+)-ibuprofen] żdiedu

bi 15% u 82%, rispettivamente, meta fluconazole ingħata flimkien ma' ibuprofen raċemiku (400 mg) meta mqabbel mal-għoti ta' ibuprofen raċemiku waħdu.

Għalkemm ma' ġiex studjat b'mod speċifiku, fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika ta' NSAIDs oħrajn li huma metabolizzati permezz ta' CYP2C9 (eż. naproxen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac). Hija rakkomandata sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi u tossiċità relatati mal-NSAIDs. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża tal-NSAIDs.

Phenytoin: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu epatiku ta' phenytoin. L-għoti b'mod repetut fl-istess waqt ta' 200 mg fluconazole u 250 mg phenytoin mogħti ġol-vina, ikkawża żieda fl-AUC<sub>24</sub> ta' phenytoin b' 75% u f'C<sub>min</sub> b' 128%. Meta jingħataw flimkien, il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' phenytoin fis-serum għandhom jiġu ssorveljati sabiex tiġi evitata t-tossiċità b'phenytoin.

Prednisone: Kien hemm rapport ta' każ li pazjent bil-fwied trapjantat ikkurat bi prednisone żviluppa insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta twaqqfet il-kura ta' tliet xhur bi fluconazole. It-twaqqif ta' fluconazole preżumibbilment ikkawża attività msaħħa ta' CYP3A4 li wasslet għal żieda fil-metaboliżmu ta' prednisone. Pazjenti fuq kura fit-tul bi fluconazole u prednisone għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta jitwaqqaf fluconazole.

Rifabutin: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' rifabutin fis-serum, li jwassal għal żieda fl-AUC ta' rifabutin sa 80%. Kien hemm rapporti ta' uveite f'pazjenti li ngħataw fluconazole u rifabutin flimkien. F'terapija kkombinata, għandhom jiġu kkunsidrati s-sintomi ta' tossiċità b'rifabutin.

Saquinavir: Fluconazole iżid l-AUC u is-C<sub>max</sub> ta' saquinavir b'madwar 50% u 55% rispettivamente, minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu epatiku ta' saquinavir permezz ta' CYP3A4 u l-inibizzjoni ta' P-glycoprotein. L-interazzjoni ma' saquinavir/ritonavir għada ma' ġietx studjata u tista' tkun aktar b'saħħita. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' saquinavir.

Sulfonylureas: Fluconazole intwera li jtawwal il-half-life fis-serum ta' sulfonylureas mogħtija mill-ħalq fl-istess waqt (eż., chlorpropamide, glibenclamide, glipizide, tolbutamide) f'voluntiera b'saħħithom. Hija rakkomandata sorveljanza regolari taz-zokkor fid-demm u għandu jkun hemm tnaqqis xieraq tad-doża ta' sulfonylurea waqt l-għoti taż-żewġ mediċini.

Theophylline: Fi studju ta' interazzjoni kkontrollat bil-plaċebo, l-għoti ta' fluconazole 200 mg għal 14-il jum irriżulta fi tnaqqis ta' 18% tar-rata ta' tneħħija medja ta' theophylline mill-plażma. Pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw doża għolja ta' theophylline jew li b'xi mod huma f'riskju akbar ta' tossiċità b'theophylline għandhom jiġu osservati għal sinjali ta' tossiċità b'theophylline waqt li jingħataw fluconazole. It-terapija għandha tinbidel jekk jiżviluppaw sinjali ta' tossiċità.

Vinca alkaloids: Għalkemm ma' ġiex studjat, fluconazole jista' jżid il-livelli tal-vinca alkaloids (eż. vincristine u vinblastine) fil-plażma u jwassal għal newrotossiċità, li probabbilment hija dovuta għall-effett inibitorju fuq CYP3A4.

Vitamina A: Ibbażat fuq rapport ta' każ f'pazjent wieħed li kien qed jingħata kura kkombinata ta' *all-trans-retinoid acid* (forma aċida tal-vitamina A) u fluconazole, żviluppaw effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS (sistema nervuża ċentrali) fil-forma ta' psewdotumur *cerebri*, li għeb wara li twaqqfet il-kura bi fluconazole. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża iżda għandha titfakkar l-inċidenza ta' effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS.

Voriconazole: (inibituri ta' CYP2C9 u CYP3A4): L-għoti fl-istess waqt ta' voriconazole mill-ħalq (400 mg Q12h għal ġurnata, mbagħad 200 mg Q12h għal 2.5 ġranet) u fluconazole mill-ħalq (400 mg fl-ewwel ġurnata, mbagħad 200 mg Q24h għal 4 ġranet) lil 8 suġġetti maskili b'saħħithom irriżulta f'żieda f'C<sub>max</sub> u AUC<sub>τ</sub> ta' voriconazole b'medja ta' 57% (90% CI: 20%, 107%) u 79% (90% CI: 40%, 128%), rispettivamente. Id-doża mnaqqsa u/jew il-frekwenza ta' voriconazole u fluconazole li telimina dan l-effett għadha ma' ġietx stabbilita. Huwa rakkomandat li avvenimenti avversi assoċjati ma' voriconazole għandhom jiġu ssorveljati jekk voriconazole jintuża wara fluconazole.

Zidovudine: Fluconazole iżid is- $C_{\max}$  u l-AUC ta' zidovudine b'84% u b'74%, rispettivamente, minħabba tnaqqis ta' madwar 45% fit-tneħħija orali ta' zidovudine. Il-*half-life* ta' zidovudine ittawlet ukoll b'madwar 128% wara terapija kkombinata bi fluconazole. Pazjenti li jingħataw din il-kombinazzjoni għandhom jiġu ssorveljati għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet avversi relatati ma' zidovudine. Jista' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tad-doża ta' zidovudine.

Azithromycin: Studju *open-label*, b'mod fortuwitu, *crossover* fi tliet modi f' 18-il suġġett b'saħħtu evalwa l-effett ta' doża orali waħda ta' 1200 mg ta' azithromycin fuq il-farmakokinetika ta' doża orali waħda ta' 800 mg ta' fluconazole kif ukoll l-effetti ta' fluconazole fuq il-farmakokinetika ta' azithromycin. Ma kien hemm l-ebda interazzjoni farmakokinetika sinifikanti bejn fluconazole u azithromycin.

Kontraċettivi orali: Saru żewġ studji farmakokinetiċi b'kontraċettivi orali kkombinat bl-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole. Ma kienx hemm effetti rilevanti fuq il-livell tal-ormoni fl-istudju b'50 mg ta' fluconazole, filwaqt li b'200 mg kuljum, l-AUCs ta' ethinyl estradiol u levonorgestrel żiedu b'40% u 24%, rispettivamente. Għalhekk, l-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole f'dawn id-dożi m'għandux ikollu effett fuq l-effikaċja tal-kontraċettivi orali kkombinat.

#### 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

##### Tqala

Informazzjoni minn diversi mijiet ta' nisa tqal ikkurati b'dożi standard (<200 mg/kuljum) ta' fluconazole, mogħti bħala doża waħda jew ripetuta fl-ewwel erba' xhur, ma turi l-ebda effett mhux mixtieq fil-fetu.

Kien hemm rapporti ta' diversi anormalitajiet konġenitali (inkluż brakiċefalija, displasja tal-widnejn, fontanelle ta' quddiem kbira, tgħawwiġ tal-wirk u sinostosi radjo-umerali) fi trabi li l-ommijiet tagħhom kienu kkurati għal mill-inqas tliet xhur jew aktar b'dożi għoljin (400-800 mg kuljum) ta' fluconazole għal *coccidioidomycosis*. Ir-relazzjoni bejn l-użu ta' fluconazole u dawn l-avvenimenti m'hijiex ċara.

Studji fl-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara sezzjoni 5.3).

Fluconazole f'dożi standard u f'kuri għal żmien qasir m'għandux jintuża fit-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod ċar.

Fluconazole f'dożi għoljin u/jew fi skedi twal ma għandux jintuża waqt it-tqala ħlief f'każijiet ta' infezzjonijiet li jkunu ta' theddida għall-ħajja.

##### Treddigħ

Fluconazole jgħaddi fil-ħalib tas-sider sabiex jilħaq konċentrazzjonijiet iżgħar minn dawk fil-plażma. It-treddigħ jista' jibqa' jsir wara użu wieħed ta' doża standard ta' 200 mg fluconazole jew inqas. It-treddigħ m'huwiex rakkomandat wara użu ripetut jew wara dożi għoljin ta' fluconazole.

##### Fertilità

Fluconazole ma affettwax il-fertilità tal-firien irġiel jew nisa (ara sezzjoni 5.3).

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sar l-ebda studju fuq l-effetti ta' Diflucan fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni. Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija dwar il-possibbiltà ta' sturdament jew aċċessjonijiet (ara sezzjoni 4.8) waqt li jkunu qegħdin jieħdu Diflucan u għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux jew ma jhaddmox magni jekk ikollhom xi wieħed minn dawn is-sintomi.

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati b'mod frekwenti (>1/10) kienu uġiġħ ta' ras, uġiġħ fl-addome, dijareja, nawsja, rimettar, żieda fl-alanine aminotransferase, żieda fl-aspartate aminotransferase, żieda fl-alkaline phosphatase tad-demmi u raxx.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin kienu osservati u rrapportati waqt il-kura b'Diflucan fil-frekwenzi li ġejjin: Komuni ħafna ( $\geq 1/10$ ); komuni ( $\geq 1/100$  sa  $< 1/10$ ); mhux komuni ( $\geq 1/1,000$  sa  $< 1/100$ ); rari ( $\geq 1/10,000$  sa  $< 1/1,000$ ); rari ħafna ( $< 1/10,000$ ), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

| Sistema tal-Klassifika tal-Organi                      | Komuni                                                                                                                                                                    | Mhux komuni                                                                                                | Rari                                                                                                                                                                                                                      |
|--------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika             |                                                                                                                                                                           | Anemija                                                                                                    | Agranuloċitożi, lewkopenja, tromboċitopenja, newtropenja                                                                                                                                                                  |
| Disturbi fis-sistema immuni                            |                                                                                                                                                                           |                                                                                                            | Anafilassi                                                                                                                                                                                                                |
| Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni               |                                                                                                                                                                           | Nuqqas fl-aptit                                                                                            | Iperkolesterolimja, ipertrigliċeridemija, ipokalemija                                                                                                                                                                     |
| Disturbi psikjatriċi                                   |                                                                                                                                                                           | Ngħas, insomnja                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fis-sistema nervuża                           | Ugħigh ta' ras                                                                                                                                                            | Aċċessjonijiet, parestesija, sturdament, bidliet fit-togħma                                                | Rogħda                                                                                                                                                                                                                    |
| Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika         |                                                                                                                                                                           | Vertigo                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-qalb                                      |                                                                                                                                                                           |                                                                                                            | Torsade de pointes (ara sezzjoni 4.4), titwil tal-QT (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   |
| Disturbi gastro-intestinali                            | Ugħigh fl-addome, rimettar, dijarea, nawsja                                                                                                                               | Stitikezza, dispepsja, gass fl-istonku, ħalq xott                                                          |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-fwied u fil-marrara                       | Żieda fl-alanine aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda fl-aspartate aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda tal-alkaline phosphatase fid-demem (ara sezzjoni 4.4) | Kolestasi (ara sezzjoni 4.4), suffeġra (ara sezzjoni 4.4), żieda fil-bilirubin (ara sezzjoni 4.4)          | Insuffiċjenza epatika (ara sezzjoni 4.4), nekrożi epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4), epatite (ara sezzjoni 4.4), ħsara epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4)                                                                  |
| Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda     | Raxx (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   | Feġġa ta' raxx minħabba l-mediċina (ara sezzjoni 4.4), urtikarja (ara sezzjoni 4.4), ħakk, żieda fl-għaraq | Nekrożi tossika tal-ġilda, (ara sezzjoni 4.4), is-sindromu ta' Stevens-Johnson (ara sezzjoni 4.4), pustulozi ekzantematużi mifruxa akuta (ara sezzjoni 4.4), dermatite esfoljattiva, anġjoedema, edema fil-wiċċ, alopeċja |
| Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi  |                                                                                                                                                                           | Mijaġġa                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata |                                                                                                                                                                           | Għeja, telqa, astenja, deni                                                                                |                                                                                                                                                                                                                           |

### Popolazzjoni pedjatrika

Il-mudell u l-inċidenza tar-reazzjonijiet avversi u anormalitajiet fil-laboratorju rreġistrati waqt provi kliniċi pedjatriċi, li ma jinkludux l-indikazzjoni għal kandidjaġi ġenitali, huma simili għal dawk li jidhru fl-adulti.

## **4.9 Doża eċċessiva**

Kien hemm rapporti ta' doża eċċessiva b'Diflucan u magħhom ġew irrapportati alluċinazzjonijiet u mgħiba paranojja.

F'każ ta' doża eċċessiva, tista' tkun meħtieġa kura sintomatika (b'miżuri ta' appoġġ u tbatil tal-istonku jekk ikun meħtieġ).

Fluconazole fil-parti l-kbira jitneħħa fl-awrina; dijureżi ta' volum sfurzata aktarx li żżid ir-rata ta' tneħħija. Sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat tnaqqas il-livelli fil-plażma b'madwar 50%.

## **5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU**

### **5.1 Tagħrif farmakodinamiku**

#### Klassifikazzjoni ATC

Kategorija farmakoterapewtika: Antimijotiċi għal użu sistemiku, derivattivi triazole, Kodiċi ATC: J02AC01.

#### Metodu ta' azzjoni

Fluconazole huwa sustanza antifungali triazole. Il-metodu ta' azzjoni ewlieni tiegħu huwa l-inibizzjoni taċ-ċitokromu fungali P-450 permezz ta' 14 *alpha-lanosterol demethylation*, pass essenzjali fil-bijosinteżi tal-ergosterol fungali. L-akkumulazzjoni ta' 14 *alpha-methyl sterols* tikkorrispondi mat-telf sussegwenti ta' ergosterol fil-membrana taċ-ċellola fungali u tista' tkun responsabbli għall-attività antifungali ta' fluconazole. Fluconazole intwera li huwa aktar selettiv għall-enzimi taċ-ċitokromu fungali P-450 milli għal diversi sistemi mammiiferi tal-enzimi taċ-ċitokromu P-450.

Fluconazole 50 mg kuljum mogħti għal 28 jum intwera li ma jaffettwax il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tat-testosterone fl-irġiel jew il-konċentrazzjoni ta' steroidi fin-nisa ta' età li jkollhom it-tfal. Fluconazole 200 mg sa 400 mg kuljum m'għandu l-ebda effett klinikament sinifikanti fuq livelli ta' steroidi endoġeni jew fuq ir-reazzjoni stimulata mill-ACTH f'voluntiera rġiel b'saħħithom. Studji ta' interazzjoni b'antipyrine jindikaw li doża waħda jew dożi multipli ta' fluconazole 50 mg ma jaffettwawx il-metaboliżmu tiegħu.

#### Suxxettibbiltà in vitro

*In vitro*, fluconazole juri attività antifungali kontra l-ispeċijiet ta' *Candida* l-aktar komuni klinikament (inklużi *C. albicans*, *C. parapsilosis*, *C. tropicalis*). *C. glabrata* turi medda wiesgħa ta' suxxettibbiltà filwaqt li *C. krusei* hija reżistenti għal fluconazole.

Fluconazole juri wkoll attività in vitro kontra *Cryptococcus neoformans* u *Cryptococcus gattii* kif ukoll il-funġi endemiċi *Blastomyces dermatitidis*, *Coccidioides immitis*, *Histoplasma capsulatum* u *Paracoccidioides brasiliensis*.

#### Ir-relazzjoni FK/FD

Fi studji fuq l-annimali, hemm korrelazzjoni bejn il-valuri MIC u l-effikaċja kontra mikozi sperimentali minħabba *Candida* spp. Fi studji kliniċi, hemm relazzjoni lineari ta' kważi 1:1 bejn l-AUC u d-doża ta' fluconazole. Hemm ukoll relazzjoni diretta għalkemm mhux perfetta bejn l-AUC jew doża u reazzjoni klinika ta' suċċess ta' kandidjozi orali u sa ċertu punt inqas ta' kandidemja għall-kura. Bl-istess mod, il-kura hija inqas probabbli għall-infezzjonijiet ikkawżati minn razez b'MIC ogħla ta' fluconazole.

#### Mekkaniżmu(i) ta' reżistenza

*Candida* spp żviluppaw għadd ta' mekkaniżmi ta' reżistenza għas-sustanzi antifungali azole. Razeż fungali li żviluppaw xi wieħed jew aktar minn dawn il-mekkaniżmi ta' reżistenza huma magħrufin li juru konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (*minimum inhibitory concentrations* – MICs) għoljin għal fluconazole li jaffettwa b'mod avvers l-effikaċja *in vivo* u dik klinika.

Kien hemm rapporti ta' superinfazzjoni bi speċijiet ta' *Candida* minbarra *C. albicans*, li naturalment spiss ma jkunux suxxettibbli għal fluconazole (eż. *Candida krusei*). Każijiet bħal dawn ikunu jeħtieġu kura antifungali alternattiva.

### Il-breakpoints (skont il-EUCAST)

Skont l-analiżi ta' informazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (FK/FD), is-suxxettibbiltà *in vitro* u r-reazzjoni klinika EUCAST-AFST (*European Committee on Antimicrobial susceptibility Testing-subcommittee on Antifungal Susceptibility Testing*) – Il-Kumitat Ewropew għall-Ittestjar tas-suxxettibbiltà antimikrobjali-Sottokumitat dwar l-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antifungali) stabbilixxa *breakpoints* għal fluconazole għall-ispeċijiet *Candida* (EUCAST Dokument razzjonali għal Fluconazole (2007)-verżjoni 2). Dawn ġew maqsuma fi *breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet; li ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi, u *breakpoints* relatati mal-ispeċijiet għal dawg l-ispeċijiet li huma assoċjati l-aktar mal-infazzjoni fil-bniedem. Dawn il-*breakpoints* jingħataw fit-tabella hawn taħt:

| Antifungali | Breakpoints relatati mal-ispeċijiet (S≤/R>) |                         |                       |                             |                           | Breakpoints mhux relatati mal-ispeċijiet <sup>A</sup><br>S≤/R> |
|-------------|---------------------------------------------|-------------------------|-----------------------|-----------------------------|---------------------------|----------------------------------------------------------------|
|             | <i>Candida albicans</i>                     | <i>Candida glabrata</i> | <i>Candida krusei</i> | <i>Candida parapsilosis</i> | <i>Candida tropicalis</i> |                                                                |
| Fluconazole | 2/4                                         | IE                      | --                    | 2/4                         | 2/4                       | 2/4                                                            |

S = Suxxettibbli, R = Reżistenti

A. = *Breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi. Dawn jintużaw biss għal organiżmi li m'għandhomx *breakpoints* speċifiċi.

-- = L-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhux rakkomandat minħabba li l-ispeċi hija mira fqira għall-kura b'din il-mediċina.

IE = M'hemmx biżżejjed provi li l-ispeċi inkwistjoni hija mira tajba għall-kura b'din il-mediċina.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' fluconazole huma simili wara l-għoti minn ġol-vini jew mill-ħalq.

### Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, fluconazole jiġi assorbit sew, u l-livelli fil-plażma (u l-bijodisponibbiltà sistemika) ikunu ogħla minn 90% tal-livelli miksuba wara l-għoti minn ġol-vini. L-assorbiment orali m'huwiex affettwat bit-teħid tal-ikel fl-istess waqt. L-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi stat sajjem iseħħu bejn 0.5 u 1.5 sigħat wara d-doża. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma proporzjonati għad-doża. Livelli ta' disġin fil-mija fi stat fiss jintlaħqu sar-4-5 jum b'dożi multipli ta' doża waħda kuljum. L-għoti ta' doża inizjali għolja (fl-1 jum) ta' darbtejn id-doża normali ta' kuljum tippermetti li l-livelli fil-plażma jaslu għal livelli ta' madwar 90% fi stat fiss sat-2 jum.

### Distribuzzjoni

Il-volum apparenti ta' distribuzzjoni joqrob l-ilma totali tal-ġisem. L-irbit mal-proteini fil-plażma huwa baxx (11-12%).

Fluconazole jikseb penetrazzjoni tajba fil-fluwidi tal-ġisem kollha studjati. Il-livelli ta' fluconazole fil-bzieg u l-isputum huma simili għal-livelli fil-plażma. F'pazjenti b'meninġite fungali, il-livelli ta' fluconazole fis-CSF huma madwar 80% tal-livelli fil-plażma korrispondenti.

Konċentrazzjoni għolja ta' fluconazole fil-ġilda, ogħla mill-konċentrazzjonijiet fis-serum, jinkisbu fl-istratum corneum, fl-epidermis-dermis u fl-għaraq tal-eccrine. Fluconazole jakkumula fl-istratum corneum. F'doża ta' 50 mg darba kuljum, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole wara 12-il jum kienet ta' 73 µg/g u 7 ijiem wara l-waqfien tat-trattament il-konċentrazzjoni kienet għadha 5.8 µg/g. Fid-doża ta' darba fil-ġimgħa ta' 150 mg, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fl-istratum corneum fis-7 jum kienet ta' 23.4 µg/g u 7 ijiem wara t-tieni doża kienet għadha 7.1 µg/g.

Il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fid-dwiefer wara 4 xhur minn dożaġġ ta' 150 mg darba f'ġimgħa kienet ta' 4.05 µg/g fi dwiefer b'saħħithom u 1.8 µg/g fi dwiefer morda; u, fluconazole kien għadu jista' jitkejjel f'kampjuni ta' dwiefer 6 xhur wara t-tmiem tal-kura.

#### Bijotrasformazzjoni

Fluconazole huwa metabolizzat biss sa ċertu punt. Minn doża radjuattiva, 11% biss jitneħħa f'għamla mibdula fl-awrina. Fluconazole huwa inibitur selettiv tal-isozimi CYP2C9 u CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5). Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19.

#### Tneħħija

Il-*half-life* ta' tneħħija mill-plażma għal fluconazole hija ta' madwar 30 siegħa. Ir-rotta ewlenija ta' tneħħija hija renali, b'madwar 80% tad-doża mogħtija tidher fl-awrina bħala medikament mhux mibdula. It-tneħħija ta' fluconazole hija proporzjonali mat-tneħħija tal-kreatinina. M'hemmx evidenza ta' metaboliti jiċċirkolaw.

Il-*half-life* twil ta' tneħħija mill-plażma jipprovdi l-bażi għall-kura b'doża waħda għall-kandidjażi vaġinali, dożar ta' darba kuljum u ta' darba fil-ġimgħa għal indikazzjonijiet oħrajn.

#### Farmakokinetika fl-indeboliment renali

F'pazjenti b'insuffiċjenza renali severa, (GFR < 20 ml/min) il-*half-life* żdiedet minn 30 sa 98 siegħa. Għalhekk, jeħtieġ tnaqqis tad-doża. Fluconazole jitneħħa bl-*emodijaliżi* u sa ċertu punt inqas permezz ta' *dijaliżi peritoneali*. Wara sessjoni ta' *emodijaliżi* ta' tliet sigħat, madwar 50% ta' fluconazole jitneħħa mid-demm.

#### Farmakokinetika fit-tfal

Informazzjoni farmakokinetika għet evalwata għal 113-il pazjent pedjatriku minn 5 studji; 2 studji ta' doża waħda, 2 studji ta' dożi multipli, u studju fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-informazzjoni minn studju minnhom ma setgħetx tiġi interpretata minħabba bidliet fis-sekwenza tal-formulazzjoni matul l-istudju. Informazzjoni oħra kienet disponibbli minn studju ta' użu b'kompassjoni.

Wara l-għoti ta' 2-8 mg/kg fluconazole lil tfal ta' bejn id-9 xhur u l-15-il sena, instab AUC ta' madwar 38 µg·h/ml għal kull 1 mg/kg unitajiet ta' doża. Il-*half-life* medja ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma kienet tvarja bejn il-15 u t-18-il siegħa u l-volum ta' distribuzzjoni kien ta' madwar 880 ml/kg wara dożi multipli. *Half-life* ogħla ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma ta' madwar 24 siegħa instabet wara doża waħda. Dan huwa simili għall-*half-life* ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma wara għotja waħda ta' 3 mg/kg i.v. lil tfal ta' bejn 11-il jum -11-il xahar. Il-volum ta' distribuzzjoni f'dan il-grupp ta' età kien ta' madwar 950 ml/kg.

L-esperjenza bi fluconazole fit-trabi hija limitata għal studji farmakokinetiċi fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-età medja fl-ewwel doża kienet ta' 24 siegħa (medda ta' 9-36 siegħa) u l-piż medju fit-twelid kien ta' 0.9 kg (medda ta' 0.75-1.10 kg) għal 12-il tarbija li twieldu qabel iż-żmien ta' ġestazzjoni medja ta' madwar 28 ġimgħa. Seba' pazjenti lestew il-protokoll; ingħataw massimu ta' ħames infużjonijiet minn ġol-vini ta' 6 mg/kg ta' fluconazole kull 72 siegħa. Il-*half-life* medja (sigħat) kienet 74 (medda ta' 44-185) fl-1 jum li naqset, mal-ħin għal medja ta' 53 (medda ta' 30-131) fis-7 jum u 47 (medda ta' 27-68) fit-13-il jum. Iż-żona taħt il-kurva (mikrogramm·h/ml) kienet 271 (medda ta' 173-385) fl-1 jum u żdiedet b'medja ta' 490 (medda ta' 292-734) fis-7 jum u naqset b'medja ta' 360 (medda ta' 167-566) fit-13-il jum. Il-volum ta' distribuzzjoni (ml/kg) kien ta' 1183 (medda ta' 1070-1470) fl-1 jum u żdiedet, mal-ħin, għal medja ta' 1184 (medda ta' 510-2130) fis-7 jum u 1328 (medda ta' 1040-1680) fit-13-il jum.

### Farmakokinetika fl-anzjani

Sar studju farmakokinetiku fi 22 suġġett, ta' 65 sena jew aktar li ngħataw doża orali waħda ta' 50 mg ta' fluconazole. Għaxxa minn dawn il-pazjenti kienu qegħdin jingħataw dijuretiċi fl-istess waqt. Is- $C_{max}$  kien 1.54  $\mu\text{g/ml}$  u seħħ 1.3 sigħat wara d-doża. L-AUC medju kien ta'  $76.4 \pm 20.3 \mu\text{g}\cdot\text{h/ml}$ , u l-*half-life* terminali medju kien ta' 46.2 sigħat. Dawn il-valuri ta' parametri farmakokinetiċi huma ogħla mill-valuri analogi rrapportati għal voluntiera rġiel żgħażaġh normali. L-għoti fl-istess waqt ta' dijuretiċi ma bidilx b'mod sinifikanti l-AUC jew is- $C_{max}$ . Barra minn hekk, it-tneħħija tal-kreatinina (74 ml/min), il-perċentwal ta' mediċina rkuprat mhux mibdul fl-awrina (0-24 siegħa, 22%) u l-istimi ta' tneħħija renali ta' fluconazole (0.124 ml/min/kg) għall-anzjani kienu ġeneralment aktar baxxi minn daww ta' voluntiera aktar żgħar. Għalhekk, il-bidla tad-dispożizzjoni ta' fluconazole fl-anzjani tidher li hija relatata ma' funzjoni renali mnaqqsa karatteristika ta' dan il-grupp.

### **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

L-effetti fi studji mhux kliniċi ġew osservati biss f'espożizzjonijiet meqjusa suffiċjentement akbar mill-espożizzjoni tal-bniedem, fatt li jindika ftit rilevanza għall-użu kliniku.

#### Karċinoġenesi

Fluconazole ma wera l-ebda evidenza ta' potenzjal karċinoġeniku fil-ġrieden u l-firien ikkurati mill-ħalq għal 24 xahar f'dożi ta' 2.5, 5, jew 10 mg/kg/jum (madwar 2-7 darbiet id-doża rakkomandata fil-bniedem). Il-firien irġiel ikkurati b'5 u 10 mg/kg/jum kellhom aktar inċidenza ta' adenomi epatoċellulari.

#### Tossiċità riproduttiva

Fluconazole ma affettwax il-fertilità ta' firien irġiel jew nisa kkurati mill-ħalq b'dożi ta' kuljum ta' 5, 10, jew 20 mg/kg jew b'dożi parenterali ta' 5, 25, jew 75 mg/kg.

Ma kienx hemm effetti fuq il-fetu f'5 jew 10 mg/kg; ġew osservati varjanti anatomiċi fil-fetu (kustilji supernumerarji, dilazzjoni tal-pelvi renali) u dewmien fl-ossifikazzjoni f'25 u 50 mg/kg u dożi ogħla. F'dożi li jvarjaw minn 80 mg/kg sa 320 mg/kg żdiedet il-mewt tal-embriju fil-firien u l-anormalitajiet fil-fetu kienu jinkludu kustilji mmewġa, palat mixquq, u ossifikazzjoni anormali tal-kranju u tal-wiċċ. Il-bidu tal-ħlas ittardja xi ftit b'doża ta' 20 mg/kg mill-ħalq u ġew osservati distoċja u titwil tal-ħlas f'xi ftit nisa b'20 mg/kg u 40 mg/kg minn ġol-vini. Id-disturbi fil-ħlas kienu riflessi b'żieda żgħira fl-għadd ta' frieħ li twieldu mejta u tnaqqis fis-sopravvivenza tal-frieħ f'dawn il-livelli ta' dożi. Dawn l-effetti fuq il-ħlas huma konsistenti mal-karatteristika ta' tnaqqis tal-estroġenu speċifika għall-ispeċi prodott permezz ta' dożi għoljin ta' fluconazole. Bidla fl-ormoni bħal din ma ġietx osservata f'nisa kkurati bi fluconazole (ara sezzjoni 5.1).

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

Sucrose  
Glycerol 85%  
Ilma ppurifikat  
Citric acid monohydrate  
Sodium citrate  
Togħma ta' likwidu taċ-ċirasa

### **6.2 Inkompatibilitajiet**

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

### **Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

5 sentejn.

Ladarba miftuħ, Diflucan jista' jintuża għal massimu ta' 30 jum.

#### **6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

#### **6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih**

Flixkun tal-ħġieġ Tip III kulur l-ambra ta' 180 ml b'kapep tal-aluminju bil-kamin.

Hemm ipprovdut ukoll tazza tal-kejl ta' 20 ml.

#### **6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema**

Tużax dan il-prodott mediċinali jekk tinnota sinjali ta' deterjorazzjoni bħal riħa mhux normali, telf tal-kulur tal-prodott, trab li jidher jew kristillizzazzjoni.

### **7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

### **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

### **10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {isem tal-SM/Aġenzija}

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 10 mg ta' fluconazole.  
Sustanza mhux attiva: 0.58 g sucrose għal kull ml tas-sospensjoni rikostitwita.

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 40 mg ta' fluconazole.  
Sustanza mhux attiva: 0.55 g sucrose għal kull ml tas-sospensjoni rikostitwita.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Trab għal sospensjoni orali

Trab abjad għal ofwajt għal sospensjoni orali li wara rikostituzzjoni tipprovdi sospensjoni b'togħma tal-larinġ, bajda għal ofwajt.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Diflucan huwa indikat għall-infezzjonijiet fungali li ġejjin (ara sezzjoni 5.1).

Diflucan huwa indikat fl-adulti għat-trattament ta':

- Meninġite kriptokokkali (ara sezzjoni 4.4).
- *Coccidioidomycosis* (ara sezzjoni 4.4).
- Kandidjażi invażiva.
- Kandidjażi mukożali inkluż kandidjażi orofaringeali, esofaġeali, kandidurja u kandidjażi mukokutanja kronika.
- Kandidjażi atrofika orali kronika (ħalq misluħ fid-dentatura) jekk l-iġjene tas-snien jew kura topika ma jkunx biżżejjed.
- Kandidjażi vaġinali, akuta jew rikorrenti; meta kura topika ma tkunx xierqa.
- *Candida balanitis* meta kura topika ma tkunx xierqa.
- Dermatomiċozi inkluż *tinea pedis*, *tinea corporis*, *tinea cruris*, *tinea versicolor*, u infezzjonijiet b'*Candida* dermali meta kura sistemika hija indikata.
- *Tinea unguium* (*onychomycosis*) meta sustanzi oħra ma jistawx jiġu wżati.

Diflucan huwa indikat fl-adulti għal profilassi ta':

- Rikadenza ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza.
- Rikadenza ta' kandidjażi orofaringeali jew esofaġeali f'pazjenti infettati bl-HIV li għandhom riskju kbir li jesperjenzaw rikadenza.
- Tnaqqis fl-inċidenza ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar f'sena).
- Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtrogenja fit-tul (bħal pazjenti b'kundizzjonijiet ematoloġiċi malinni li qed jirċievu l-kimoterapija jew pazjenti li qed jirċievu Trapjant taċ-Ċelluli Staminali Ematopojetiċi (ara sezzjoni 5.1)

Diflucan huwa indikat fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom, tfal li jkunu għadhom kif telqu jinxu, tfal u adoloxxenti li għandhom minn 0 sa 17-il sena:

Diflucan jintuża għall-kura ta' kandidjażi mukożali (orofaringeali, esofaġeali), kandidjażi invażiva u meninġite kriptokokkali u l-profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti immunokompromessi. Diflucan jista' jintuża bħala terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza (ara sezzjoni 4.4).

Il-kura tista' tinbeda qabel ma jkunu magħrufin ir-riżultati tal-ikkultura u studji oħrajn tal-laboratorju; madankollu, ladarba dawn ir-riżultati jkunu disponibbli, il-kura ta' kontra l-infezzjoni għandha tiġi aġġustata bix-xieraq.

Il-gwida uffiċjali dwar l-użu xieraq ta' antifungali għandha tiġi kkunsidrata.

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

### Pożoloġija

Id-doża għandha tkun ibbażata fuq in-natura u s-severità tal-infezzjoni fungali. Il-kura ta' infezzjonijiet li jeħtieġu dożi multipli għandha titkompla sakemm il-parametri kliniċi jew it-testijiet tal-laboratorju jindikaw li l-infezzjoni fungali attiva tkun għebet. Perjodu ta' kura inadegwat jista' jwassal għar-rikorrenza tal-infezzjoni attiva.

### Adulti:

| <b><u>Indikazzjonijiet</u></b> |                                                                                                                         | <b><u>Pożoloġija</u></b>                                                                   | <b><u>Tul-tal-Kura</u></b>                                                                                                                                      |
|--------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Cryptococcosis</b>          | - Kura ta' meninġite kriptokokkali                                                                                      | Doża inizjali għolja: 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 200 mg sa 400 mg kuljum | Normalment huwa għallinqas 6 sa 8 ġimgħat.<br>F'infezzjonijiet ta' theddid għall-ħajja, id-doża ta' kuljum tista' tiżdied sa 800 mg                             |
|                                | - Kura ta' manteniment sabiex jimpedixxi rikaduta ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza. | Doża sussegwenti: 200 mg kuljum                                                            | Indefinit b'doża ta' kuljum ta' 200 mg                                                                                                                          |
| <b>Coccidioidomycosis</b>      |                                                                                                                         | 200 mg sa 400 mg                                                                           | 11-il xahar sa 24 xahar jew iktar jiddependi fuq il-pazjent. 800 mg kuljum tista' tiġi kkunsidrata għal xi infezzjonijiet u b'mod speċjali għal mard meninġeali |

|                                                                                                                             |                                  |                                                                                                      |                                                                                                                                                                                                               |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Kandidjażi invażiva</b>                                                                                                  |                                  | Doża inizjali għolja: 800 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 400 mg kuljum                     | B'mod ġenerali, it-tul tal-kura rakkomandat għal kandidemija huwa ta' ġimagħtejn wara l-ewwel riżultat ta' kultura tad-demmm negattiva u wara l-ġħajbien tas-sinjali u sintomi attribwibbli għal kandidemija. |
| <b>Kura ta' kandidjażi mukożali</b>                                                                                         | - Kandidjażi orofaringeali       | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum | 7 sa 21 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju                                                  |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali          | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum | 14 sa 30 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju                                                 |
|                                                                                                                             | - Kandidurja                     | 200 mg sa 400 mg kuljum                                                                              | 7 sa 21 jum. Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju.                                                                                                             |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi atrofika kronika    | 50 mg kuljum                                                                                         | 14-il jum                                                                                                                                                                                                     |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi mukokutanja kronika | 50 mg sa 100 mg kuljum                                                                               | Sa 28 jum. Perjodi itwal jiddependi jew fuq is-severità tal-infezzjoni jew fuq kompromizzazzjoni immuni u infezzjoni bażi                                                                                     |
| <b>Prevenzjoni ta' rikaduta ta' kandidjażi mukożali f'pazjenti infettati bl-HIV b'riskju għoli li jesperjenzaw rikaduta</b> | - Kandidjażi orofaringeali       | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                              | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                                                                           |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali          | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                              | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                                                                           |

|                                                                                 |                                                                                                              |                                                                                                                           |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|---------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Kandidjażi ġenitali</b>                                                      | - Kandidjażi vaġinali akuta<br>- Candidal balanitis                                                          | 150 mg                                                                                                                    | Doża waħda                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
|                                                                                 | - Kura ta' profilassi ta' kandidjażi vaġinali rikorrenti (4 episodji jew aktar kull sena)                    | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) segwita minn doża ta' manteniment ta' 150 mg darba fil-ġimgħa | Doża ta' manteniment: 6-il xahar.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| <b>Dermatomikoži</b>                                                            | - <i>tinea pedis</i> ,<br>- <i>tinea corporis</i> ,<br>- <i>tinea cruris</i> ,<br>- infezzjonijiet b'candida | 150 mg darba fil-ġimgħa jew 50 mg darba kuljum                                                                            | 2 sa 4 ġimgħat, għal <i>tinea pedis</i> jista' jkun hemm bżonn ta' kura li ddum sa 6 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|                                                                                 | - <i>tinea versicolor</i>                                                                                    | 300 mg sa 400 mg darba fil-ġimgħa                                                                                         | 1 sa 3 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
|                                                                                 |                                                                                                              | 50 mg darba fil-ġimgħa                                                                                                    | 2 sa 4 ġimgħat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
|                                                                                 | - <i>tinea unguium</i> ( <i>onychomycosis</i> )                                                              | 150 mg darba fil-ġimgħa                                                                                                   | Il-kura għandha titkompla sakemm id-difer infettat jinbidel (difer mhux infettat jikber 'l ġewwa). Sabiex id-dwiefer tas-swaba' tal-idejn u tas-saqajn jikbru mill-ġdid normalment ikun hemm bżonn ta' 3 sa 6 xhur u 6 sa 12-il xahar rispettivament. Madankollu, ir-rati tat-tkabbir jistgħu jvarjaw ħafna f'individwi u skont l-età. Wara kura b'suċċess ta' infezzjonijiet kroniċi fit-tul, kultant id-dwiefer jibqgħu sfigurati. |
| <b>Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtropenja fit-tul</b> |                                                                                                              | 200 mg sa 400 mg                                                                                                          | Il-kura għandha tinbeda bosta jiem qabel il-feġġa mistennija ta' newtropenja u għandha tkompli għal 7 ijiem wara l-irkupru minn newtropenja wara li l-għadd ta' newtrofili jiżdied aktar minn 1000 ċellola kull mm <sup>3</sup> .                                                                                                                                                                                                    |

### Popolazzjonijiet speċjali

#### *Anzjani*

Id-dożaġġ għandu jiġi aġġustat fuq bażi tal-funzjoni tal-kliwi (ara “*Indeboliment Renali*”).

#### *Indeboliment renali*

M'hemmx bżonn ta' aġġustamenti f'terapija ta' doża waħda. F'pazjenti (inkluż popolazzjoni pedjatrika) b'funzjoni tal-kliewi indebolita li jkunu sejrin jirċievu aktar minn doża waħda ta' fluconazole, għandha tingħata doża inizjali ta' 50 sa 400 mg, fuq il-bażi tad-doża rakkomandata ta' kuljum għall-indikazzjoni. Wara din id-doża għolja tal-bidu, id-doża ta' kuljum (skont l-indikazzjoni) għandha tkun ibbażata fuq it-tabella li ġejja:

| <b><i>Tneħħija tal-kreatinina (ml/min)</i></b> | <b><i>Perċentwal tad-doża rakkomandata</i></b> |
|------------------------------------------------|------------------------------------------------|
| >50                                            | 100%                                           |
| ≤50 ( <i>ebda dijaliżi</i> )                   | 50%                                            |
| <i>Dijaliżi regolari</i>                       | 100% wara kull dijaliżi                        |

Pazjenti li qed issirilhom dijaliżi regolari għandhom jirċievu 100% tad-doża rakkomandata wara kull dijaliżi; fil-ġranet meta ma ssirilhomx id-dijaliżi, il-pazjenti għandhom jirċievu doża mnaqqsa skont it-tneħħija tal-kreatinina tagħhom.

#### *Indeboliment epatiku*

Hemm ftit informazzjoni disponibbli f'pazjenti b'indeboliment epatiku, għalhekk fluconazole għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'funzjoni indebolita tal-fwied (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

#### Popolazzjoni pedjatrika

Fil-popolazzjoni pedjatrika, ma għandhiex tinqabeż doża massima ta' 400 mg kuljum.

Bħal f'infezzjonijiet simili fl-adulti, it-tul tal-kura huwa bbażat fuq ir-rispons kliniku u mijokoloġiku. Diflucan jingħata bħala doża waħda kuljum.

Għal pazjenti pedjatriki b'funzjoni renali indebolita, ara dożaġġ f'"*Indeboliment renali*". Il-farmakokinetiċi ta' fluconazole għadhom ma ġewx studjati fil-popolazzjoni pedjatrika b'insuffiċjenza renali (għal "Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom" li ta' spiss juru li l-kliewi primarjament ma żviluppawx biżżejjed, jekk jogħġbok ara hawn taħt).

*Trabi tat-twelid, tfal li telqu jimxu u tfal (minn 28 jum sa 11-il sena):*

| <b><u>Indikazzjoni</u></b>                                                                                                               | <b><u>Pożoloġija</u></b>                                      | <b><u>Rakkomandazzjonijiet</u></b>                                                             |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------|
| - Kandidjażi mukożali                                                                                                                    | Doża inizjali: 6 mg/kg<br>Doża sussegwenti: 3 mg/kg<br>kuljum | Fl-ewwel jum tista' tintuża doża tal-bidu sabiex jintlaħqu livelli ta' stat f'iss aktar malajr |
| - Kandidjażi invażiva<br>- Meninġite<br>kriptokokkali                                                                                    | Doża: 6 sa 12 mg/kg kuljum                                    | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                           |
| - Terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza. | Doża: 6mg/kg kuljum                                           | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                           |
| - Profilassi ta' <i>Candida</i> f'pazjenti immunokompromessi                                                                             | Doża: 3 sa 12 mg/kg kuljum                                    | Jiddependi fuq il-firxa u kemm iddum in-newtrogenja indotta (ara Pożoloġija għall-adulti)      |

*Adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena):*

Jiddependi fuq il-piż u l-iżvilupp fil-pubertà, it-tabib ikun jeħtieġ jivvaluta liema pożoloġija (adulti jew tfal) tkun l-aktar xierqa. Tagħrif kliniku jindika li t-tfal ineħħu aktar fluconazole milli ġie osservat fl-adulti. Doża ta' 100, 200 u 400 mg fl-adulti tikkorrespondi għal doża ta' 3, 6 u 12 mg/kg fi tfal sabiex tinkiseb espożizzjoni sistemika komparabbli.

Is-sigurtà u l-effikaċja tal-użu f'kandidjażi ġenitali fil-popolazzjoni pedjatrika għadha mhix stabbilita. Informazzjoni kurrenti dwar is-sigurtà disponibbli għal indikazzjonijiet oħra fit-tfal hija deskritta f'sezzjoni 4.8. Jekk il-kura għal kandidjażi ġenitali għall-adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena) tkun assolutament neċessarja, il-pożoloġija għandha tkun l-istess bħal tal-adulti.

*Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 27 jum):*

It-tfal tat-twelid inehhu fluconazole bil-mod.

Ftit hemm tagħrif farmakokinetiku biex jappoġġa din il-pożoloġija fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (ara sezzjoni 5.2).

| Grupp ta' età                                               | Pożoloġija                                                                                                          | Rakkomandazzjonijiet                                           |
|-------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 14 jum)       | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkun għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 72 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 72 siegħa ma għandhiex tinqabeż |
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (minn 15 sa 27 jum) | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkun għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 48 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 48 siegħa ma għandhiex tinqabeż |

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Diflucan jista' jingħata mill-ħalq jew permezz ta' infużjoni fil-vini, bil-metodu jiddependi fuq l-istat kliniku tal-pazjent. Jekk ikun hemm tibdil minn infużjoni fil-vini għall-metodu orali, jew *vice versa*, m'hemm hteġa li tinbidel id-doża ta' kuljum.

Diflucan jista' jittieħed kemm mal-ikel kif ukoll mhux mal-ikel.

Għal struzzjoni dwar ir-rikostituzzjoni tat-trab għal sospensjoni orali, (ara sezzjoni 6.6). Is-sospensjoni rikostitwita sejra ttipprova sospensjoni togħma ta' larinġ bajda għal ofwajt wara rikostituzzjoni.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, għal sustanzi azole relatati, jew għal xi sustanzi mhux attivi (ara sezzjoni 6.1).

L-għoti fl-istess waqt ta' terfenadine huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkun qegħdin jingħataw Diflucan f'dożi multipli ta' 400 mg kuljum jew aktar skont ir-riżultati ta' studju dwar l-interazzjoni ta' dożi multipli. L-għoti flimkien ma' mediċini oħrajn magħrufa li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 bħal cisapride, astemizole, pimozone, quinidine u erythromycin huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkun qegħdin jingħataw fluconazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

#### *Tinea capitis*

Kien hemm studji ta' fluconazole għat-trattament ta' *tinea capitis* fit-tfal. Dawn wrew li mhuwiex aktar superjuri għal griseofulvin u ir-rata ta' suċċess fuq kolli kienet anqas minn 20%. Għalhekk, Diflucan m'għandux jintuża għal *tinea capitis*.

#### *Cryptococcosis*

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' *cryptococcosis* f'siti oħra (e.ż. *cryptococcosis* fil-pulmun u fil-ġilda) hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet dwar id-doża.

#### Mikozi endemika profonda

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' forom oħra ta' mikozi endemika bħal *paracoccidioidomycosis*, *lymphocutaneous sporotrichosis* u *histoplasmosis* hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar id-doża.

#### Is-sistema renali

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-kliwi (ara sezzjoni 4.2).

#### Is-sistema epatobiljari

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Diflucan ġie assoċjat ma' każijiet rari ta' tossiċità epatika serja inkluż mewt, l-aktar f'pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi eżistenti serji. F'każ ta' epatossiċità assoċjata ma' fluconazole, ma għet osservata l-ebda relazzjoni ċara mad-doża totali ta' kuljum, it-tul tat-trattament, is-sess jew l-età tal-pazjent. L-epatossiċità minħabba fluconazole normalment kienet riversibbli meta twaqqfet il-kura.

Pazjenti li jkollhom riżultati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni tal-fwied waqt il-kura bi fluconazole għandhom jiġu sorveljati mill-qrib għall-iżvilupp ta' ħsara epatika aktar serja. Il-pazjent għandu jkun avżat dwar sintomi li jindikaw effett serju fuq il-fwied (l-importanti huma astenja, anoressija, dardir persistenti, rimettar u suffeġra). Il-kura bi fluconazole għandu titwaqqaf minnufih u l-pazjenti għandhom jikkonsultaw it-tabib.

#### Is-sistema kardjovaskulari

Xi azoles, inkluż fluconazole, ġew assoċjati mat-titwil tal-intervall tal-QT fuq l-elettrokardjogramma. Waqt is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kien hemm każijiet rari ħafna ta' titwil tal-QT u *torsades de pointes* f'pazjenti li kienu qegħdin jieħdu Diflucan. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu pazjenti morda serjament b'diversi fatturi ta' riskju li jfixxlu, bħal mard tal-qalb strutturali, anormalitajiet fl-elettroliti u kura konkonnittanti li setgħu kienu kontributorji.

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet potenzjalment proarritmiċi. L-amministrazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li huma magħrufin li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 hija kontraindikata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Halofantrine

Halofantrine intwera li jtawwal l-intervall QTc fid-doża terapewtika rakkomandata u huwa substrat ta' CYP3A4. Għaldaqstant, l-użu konkonnittanti ta' fluconazole u halofantrine m'huwiex rakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

#### Reazzjonijiet dermatoloġiċi

Il-pazjenti rarament żviluppaw reazzjonijiet esfoljattivi fil-ġilda, bħas-sindromu ta' Stevens-Johnson u nekrolożi epidermali tossika, waqt it-trattament bi fluconazole. Il-pazjenti li jkollhom l-AIDS huma aktar suxxettibbli li jiżviluppaw reazzjonijiet severi fil-ġilda għal bosta prodotti mediċinali. Jekk jiżviluppa xi raxx, li jista' jiġi assoċjat ma' fluconazole, f'pazjent ikkurat għal infezzjoni fungali superfiċjali, għandha titwaqqaf il-kura b'dan il-prodott mediċinali. Jekk pazjenti b'infezzjonijiet fungali invażivi/sistemiċi jiżviluppaw xi raxx, dawn għandhom ikunu sorveljati mill-qrib u fluconazole għandu jitwaqqaf jekk jiżviluppaw leżjonijiet bl-*infafet* jew *eritema* multiforimi.

#### Sensittività eċċessiva

F'każijiet rari, għet irrapportata anafilassi (ara sezzjoni 4.3).

#### Ċitokromu P450

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' CYP2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur ta' CYP2C19. Pazjenti kkurati b'Diflucan li jkunu kkurati fl-istess waqt b'mediċini ta'

medda terapewtika żġhira metabolizzati permezz ta' CYP2C9, CYP2C19 u CYP3A4, għandhom jiġu ssorveljati (ara sezzjoni 4.5).

#### Terfenadine

L-ġhoti ta' fluconazole f'dożi inqas minn 400 mg kuljum flimkien ma' terfenadine għandu jkun sorveljat sew (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Sustanzi mhux attivi

Diflucan trab għal sospensjoni orali fih sucrose. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' nuqqas ta' tolleranza għal fructose, nuqqas ta' assorbiment ta' glucose/galactose u insuffiċjenza ta' sucrase-isomaltase m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

### **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin huwa kontra-indikat:

Cisapride: Kien hemm rapporti ta' avvenimenti kardijaċi inkluż *torsades de pointes* f'pazjenti li ngħataw fluconazole u cisapride flimkien. Studju kkontrollat sab li fluconazole 200 mg darba kuljum flimkien ma' cisapride 20 mg erba' darbiet kuljum irriżulta f'żieda konsiderevoli fil-livelli ta' cisapride fil-plażma u titwil tal-intervall tal-QTc. It-trattament konkomittanti bi fluconazole u cisapride huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Terfenadine: Minħabba l-okkorrenza ta' dizritmiji kardijaċi serji kkawżati mit-titwil tal-intervall tal-QTc f'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antifungali azole flimkien ma' terfenadine, saru studji dwar l-effetti ta' interazzjoni. Studju wieħed b'doża ta' 200 mg ta' fluconazole kuljum ma wriex titwil fl-intervall tal-QTc. Studju ieħor b'doża ta' 400 mg u 800 mg ta' fluconazole kuljum wera li fluconazole meħud f'dożi ta' 400 mg kuljum jew aktar iżid b'mod konsiderevoli l-livelli ta' terfenadine fil-plażma meta jittieħed fl-istess waqt. L-użu kkombinat ta' fluconazole f'dożi ta' 400 mg jew aktar ma' terfenadine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3). L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole f'dożi iżgħar minn 400 mg kuljum ma' terfenadine għandu jkun sorveljat b'attenzjoni.

Astemizole: L-ġhoti konkomittanti ta' fluconazole ma' astemizole jista' jnaqqas it-tneħħija ta' astemizole. Iż-żieda li tirriżulta fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' astemizole tista' twassal għat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u astemizole huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Pimozide: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-ġhoti konkomittanti ta' fluconazole ma' pimozide jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' pimozide. Żieda fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' pimozide tista' twassal għal titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u pimozide huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Quinidine: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-ġhoti konkomittanti ta' fluconazole ma' quinidine jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' quinidine. L-użu ta' quinidine ġie assoċjat mat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u quinidine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Erythromycin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u erythromycin għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u erythromycin huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin ma jistax ikun rakkomandat:

Halofantrine: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjoni ta' halofantrine fil-plażma minħabba effett inibitorju fuq CYP3A4. L-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine għandu l-potenzjal li jżid ir-

riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. Din il-kombinazzjoni għandha tiġi evitata (ara sezzjoni 4.4).

L-użu konkormittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin iwassal għal prekawzjonijiet u aġġustamenti tad-doża:

L-effett ta' prodotti mediċinali oħrajn fuq fluconazole

Rifampicin: L-użu konkormittanti ta' fluconazole u rifampicin irriżulta fi tnaqqis ta' 25% fl-AUC u f' *half-life* 20% iqsar ta' fluconazole. F'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw rifampicin fl-istess waqt, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża ta' fluconazole.

Studji ta' interazzjoni urew li meta fluconazole orali jingħata mal-ikel, ma' cimetidine, ma' antaċidi jew wara irradjazzjoni sħiħa tal-ġisem għat-trapjant tal-mudullun, ma jseħħ l-ebda indeboliment klinikament sinifikanti tal-assorbiment ta' fluconazole.

L-effett ta' fluconazole fuq prodotti mediċinali oħrajn

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' ċitokromu P450 (CYP) isoenzima 2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19. Minbarra l-interazzjonijiet osservati/ddokumentati msemija hawn taħt, hemm riskju ta' żieda fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta' komposti oħrajn metabolizzati permezz ta' CYP2C9 u CYP3A4 mogħtija flimkien ma' fluconazole. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-kombinazzjonijiet u l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati sew. L-effett ta' inibizzjoni tal-enzimi ta' fluconazole ikompli għal 4-5 ijiem wara li titwaqqaf il-kura bi fluconazole minħabba l-*half-life* twila ta' fluconazole (ara sezzjoni 4.3).

Alfentanil: Waqt użu konkormittanti ma' fluconazole (400 mg) u alfentanil mogħti ġol-vina (20 µg/kg) f'voluntiera b'saħħithom, l-AUC<sub>10</sub> ta' alfentanil żdied bid-doppju, probabilmment minħabba l-inibizzjoni ta' CYP3A4. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' alfentanil.

Amitriptyline, nortriptyline: Fluconazole iżid l-effett ta' amitriptyline u ta' nortriptyline. 5-nortriptyline u/jew S-amitriptyline jistgħu jitkejlu fil-bidu tat-terapija kkombinata u wara ġimgħa. Id-doża ta' amitriptyline/nortriptyline għandha tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ

Amphotericin B: L-ġhoti fl-istess waqt ta' fluconazole u amphotericin B fi ġrieden normali u immunosoppressi infettati ta' dawn ir-riżultati: effett żgħir antifungali addittiv fl-infezzjoni sistemika b'*C. albicans*, l-ebda interazzjoni fl-infezzjoni intrakranjali b'*Cryptococcus neoformans*, u antagoniżmu taż-żewġ mediċini fl-infezzjoni sistemika b'*A. fumigatus*. Is-sinifikat kliniku tar-riżultati miksuba f'dawn l-istudji m'huwiex magħruf.

Antikoagulant: Fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, bħal fil-każ ta' antifungali azole oħrajn, ġew irrapportati avvenimenti ta' fsada (tbenġil, epistassi, fsada gastrointestinali, ematurja u melena), flimkien ma' żidiet fil-ħin tal-protrombina f'pazjenti li ngħataw fluconazole flimkien ma' warfarin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole u warfarin il-ħin ta' protrombina kien imtawwal sa darbtejn aktar, probabilmment minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' warfarin permezz ta' CYP2C9. F'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antikoagulant tat-tip coumarin flimkien ma' fluconazole, il-ħin tal-protrombina għandu jiġi ssorveljat b'attenzjoni. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' warfarin.

Benzodiazepines (ta' azzjoni qasira), i.e. midazolam, triazolam: Wara l-ġhoti orali ta' midazolam, fluconazole ikkawża żidiet sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet ta' midazolam u effetti psikomotorji. Meta fluconazole 200 mg ingħata flimkien ma' midazolam 7.5 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 3.7 u 2.2 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' midazolam rispettivament. Meta fluconazole 200 mg kuljum ingħata fl-istess waqt ma' triazolam 0.25 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 4.4 u 2.3 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' triazolam rispettivament. Effetti ta' triazolam aktar b'saħħithom u aktar fit-tul kienu osservati waqt trattament flimkien ma' fluconazole. Jekk tkun meħtieġa l-kura konkormittanti b'benzodiazepine f'pazjenti li jkunu qegħdin jiġu kkurati b'fluconazole, għandu jiġi kkunsidrat li titnaqqas id-doża ta' benzodiazepine, u l-pazjenti għandhom jiġu ssorveljati bix-xieraq.

Carbamazepine: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' carbamazepine u ġiet osservata żieda fil-carbamazepine fis-serum ta' 30%. Hemm riskju ta' żvilupp ta' tossiċità minħabba carbamazepine. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' carbamazepine skont il-kejl/l-effett tal-konċentrazzjonijiet.

Imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju: Ċerti antagonisti tal-kanali tal-kalċju (nifedipine, isradipine, amlodipine, verapamil u felodipine) huma metabolizzati b'CYP3A4. Fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika tal-antagonisti tal-kanali tal-kalċju. Huwa rrakkomandat li ssir sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi.

Celecoxib: Waqt il-kura konkormittanti bi fluconazole (200 mg kuljum) u celecoxib (200 mg), is- $C_{max}$  u l-AUC ta' celecoxib żiedu bi 68% u 134%, rispettivament. Tista' tkun meħtieġa nofs id-doża ta' celecoxib meta kkombinat ma' fluconazole.

Cyclophosphamide: Kura kkombinata b'cyclophosphamide u fluconazole tirriżulta f'żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum. Il-kombinazzjoni tista' tintuża filwaqt li jiġi kkunsidrat aktar ir-riskju ta' żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum.

Fentanyl: Ġie rrapportat każ wieħed fatali ta' intossikazzjoni ta' fentanyl possibilmint minħabba interazzjoni bejn fentanyl u fluconazole. Barra minn hekk, f'volontiera b'saħħithom, intwera li fluconazole ittardja b'mod sinifikanti t-tneħħija ta' fentanyl. Konċentrazzjoni għolja ta' fentanyl tista' twassal għal depressjoni respiratorja. Il-pazjenti għandhom ikunu sorveljati mill-qrib għal potenzjal ta' riskju ta' depressjoni respiratorja. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' fentanyl.

Inibituri reductase HMG CoA: Ir-riskju ta' mijopatija u rabdomijoliżi jiżdied meta fluconazole jingħata flimkien ma' inibituri reductase HMG-CoA metabolizzati permezz ta' CYP3A4, bħal atorvastatin u simvastatin, jew permezz ta' CYP2C9, bħal fluvastatin. Jekk tkun meħtieġa kura konkormittanti, il-pazjent għandu jkun osservat għal sintomi ta' mijopatija u rabdomijoliżi u l-kinase tal-kreatinina għandu jiġi sorveljat. L-inibituri reductase HMG-CoA għandhom jitwaqqfu jekk tkun osservata żieda notevoli fil-kinase tal-kreatinina jew jekk tiġi dijanjostikata jew issuspettata xi mijopatija/rabdomijoliżi.

Immunosuppressuri (i.e. ciclosporin, everolimus, sirolimus u tacrolimus):

Ciclosporin: Fluconazole iżid b'mod sinifikanti l-konċentrazzjoni u l-AUC ta' ciclosporin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole 200 mg kuljum u ciclosporin (2.7 mg/kg/jum) kien hemm żieda ta' 1.8 aktar fl-AUC ta' ciclosporin. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża billi titnaqqas id-doża ta' ciclosporin skont il-konċentrazzjoni ta' ciclosporin.

Everolimus: Għalkemm ma ġiex studjat in vivo jew in vitro, fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet ta' everolimus fis-serum permezz ta' inibizzjoni ta' CYP3A4.

Sirolimus: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' sirolimus fil-plażma preżumibilmint billi jinibixxi l-metaboliżmu ta' sirolimus permezz ta' CYP3A4 u P-glycoprotein. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża b'aġġustament tad-doża ta' sirolimus skont il-kejl tal-effett/tal-konċentrazzjoni.

Tacrolimus: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq sa 5 darbiet minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' tacrolimus permezz ta' CYP3A4 fl-intestini. Ma ġewx osservati bidliet farmakokinetiċi sinifikanti meta tacrolimus jingħata minn ġol-vini. Żieda fil-livelli ta' tacrolimus ġiet assoċjata ma' nefrotossiċità. Id-doża ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq għandha titnaqqas skont il-konċentrazzjoni ta' tacrolimus.

Losartan: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' losartan għall-metabolit attiv tiegħu (E-31 74) li huwa responsabbli għall-parti l-kbira tal-antagonismu tar-riċettur tal-aġotensina II li jseħħ waqt il-kura b'losartan. Il-pazjenti għandu jkollhom il-pessjoni tad-demmi tagħhom sorveljata kontinwament.

**Methadone:** Fluconazole jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni ta' methadone fis-serum. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' methadone.

**Mediċini mhux sterojdi kontra l-infjammazzjoni:** Is- $C_{max}$  u l-AUC ta' flurbiprofen żdiedu bi 23% u 81%, rispettivament, meta ngħataw flimkien ma' fluconazole meta mqabbel mal-għoti ta' flurbiprofen waħdu. Bl-istess mod, is- $C_{max}$  u l-AUC tal-isomeru attiv farmakoloġikament [S-(+)-ibuprofen] żdiedu bi 15% u 82%, rispettivament, meta fluconazole ingħata flimkien ma' ibuprofen raċemiku (400 mg) meta mqabbel mal-għoti ta' ibuprofen raċemiku waħdu.

Għalkemm ma ġiex studjat b'mod speċifiku, fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika ta' NSAIDs oħrajn li huma metabolizzati permezz ta' CYP2C9 (eż. naproxen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac). Hija rrakkomandata sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi u tossiċità relatati mal-NSAIDs. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża tal-NSAIDs.

**Phenytoin:** Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu epatiku ta' phenytoin. L-għoti b'mod repetut fl-istess waqt ta' 200 mg fluconazole u 250 mg phenytoin mogħti ġol-vina, ikkawża żieda fl-AUC<sub>24</sub> ta' phenytoin b' 75% u f' $C_{min}$  b' 128%. Meta jingħataw flimkien, il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' phenytoin fis-serum għandhom jiġu ssorveljati sabiex tiġi evitata t-tossiċità b'phenytoin.

**Prednisone:** Kien hemm rapport ta' każ li pazjent bil-fwied trapjantat ikkurat bi prednisone żviluppa insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta twaqqfet il-kura ta' tliet xhur bi fluconazole. It-twaqqif ta' fluconazole preżumibbilment ikkawża attività msaħħa ta' CYP3A4 li wasslet għal żieda fil-metaboliżmu ta' prednisone. Pazjenti fuq kura fit-tul bi fluconazole u prednisone għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenali meta jitwaqqaf fluconazole.

**Rifabutin:** Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' rifabutin fis-serum, li jwassal għal żieda fl-AUC ta' rifabutin sa 80%. Kien hemm rapporti ta' uveite f'pazjenti li ngħataw fluconazole u rifabutin flimkien. F'terapija kkombinata, għandhom jiġu kkunsidrati s-sintomi ta' tossiċità b'rifabutin.

**Saquinavir:** Fluconazole iżid l-AUC u is- $C_{max}$  ta' saquinavir b'madwar 50% u 55%, rispettivament minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu epatiku ta' saquinavir permezz ta' CYP3A4 u l-inibizzjoni ta' P-glycoprotein. L-interazzjoni ma' saquinavir/ritonavir għada ma ġietx studjata u tista' tkun aktar b'saħħita. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' saquinavir.

**Sulfonylureas:** Fluconazole intwera li jtawwal il-half-life fis-serum ta' sulfonylureas mogħtija mill-ħalq fl-istess waqt (eż., chlorpropamide, glibenclamide, glipizide, tolbutamide) f'voluntiera b'saħħithom. Hija rakkomandata sorveljanza regolari taz-zokkor fid-demm u għandu jkun hemm tnaqqis xieraq tad-doża ta' sulfonylurea waqt l-għoti taż-żewġ mediċini.

**Theophylline:** Fi studju ta' interazzjoni kkontrollat bil-plaċebo, l-għoti ta' fluconazole 200 mg għal 14-il jum irriżulta fi tnaqqis ta' 18% tar-rata ta' tneħħija medja ta' theophylline mill-plażma. Pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw doża għolja ta' theophylline jew li b'xi mod huma f'riskju akbar ta' tossiċità b'theophylline għandhom jiġu osservati għal sinjali ta' tossiċità b'theophylline waqt li jingħataw fluconazole. It-terapija għandha tinbidel jekk jiżviluppaw sinjali ta' tossiċità.

**Vinca alkaloids:** Għalkemm ma ġiex studjat, fluconazole jista' jżid il-livelli tal-vinca alkaloids (eż. vincristine u vinblastine) fil-plażma u jwassal għal newrotossiċità, li probabbilment hija dovuta għall-effett inibitorju fuq CYP3A4.

**Vitamina A:** Ibbażat fuq rapport ta' każ f'pazjent wieħed li kien qed jingħata kura kkombinata ta' *all-trans-retinoid acid* (forma aċida tal-vitamina A) u fluconazole, żviluppaw effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS (sistema nervuża ċentrali) fil-forma ta' psewdotumur *cerebri*, li għeb wara li twaqqfet il-kura bi fluconazole. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża iżda għandha titfakkar l-inċidenza ta' effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS.

**Voriconazole:** (inibituri ta' CYP2C9 u CYP3A4): L-għoti fl-istess waqt ta' voriconazole mill-ħalq (400 mg Q12h għal ġurnata, mbagħad 200 mg Q12h għal 2.5 ġranet) u fluconazole mill-ħalq (400 mg

fl-ewwel ġurnata, mbagħad 200 mg Q24h għal 4 ġranet) lil 8 suġġetti maskili b'saħħithom irriżulta f'żieda f' $C_{max}$  u  $AUC_{\tau}$  ta' voriconazole b'medja ta' 57% (90% CI: 20%, 107%) u 79% (90% CI: 40%, 128%), rispettivament. Id-doża mnaqqsa u/jew il-frekwenza ta' voriconazole u fluconazole li telimina dan l-effett għadha ma ġietx stabbilita. Huwa rakkomandat li avvenimenti avversi assoċjati ma' voriconazole għandhom jiġu ssorveljati jekk voriconazole jintuża wara fluconazole.

Zidovudine: Fluconazole iżid is- $C_{max}$  u l- $AUC$  ta' zidovudine b'84% u b'74%, rispettivament, minħabba tnaqqis ta' madwar 45% fit-tneħħija orali ta' zidovudine. Il-*half-life* ta' zidovudine ittawlet ukoll b'madwar 128% wara terapija kkombinata bi fluconazole. Pazjenti li jingħataw din il-kombinazzjoni għandhom jiġu ssorveljati għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet avversi relatati ma' zidovudine. Jista' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tad-doża ta' zidovudine.

Azithromycin: Studju *open-label*, b'mod fortuwitu, *crossover* fi tliet modi f' 18-il suġġett b'saħħtu evalwa l-effett ta' doża orali waħda ta' 1200 mg ta' azithromycin fuq il-farmakokinetika ta' doża orali waħda ta' 800 mg ta' fluconazole kif ukoll l-effetti ta' fluconazole fuq il-farmakokinetika ta' azithromycin. Ma kien hemm l-ebda interazzjoni farmakokinetika sinifikanti bejn fluconazole u azithromycin.

Kontraċettivi orali: Saru żewġ studji farmakokinetiċi b'kontraċettivi orali kkombinat bl-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole. Ma kienx hemm effetti rilevanti fuq il-livell tal-ormoni fl-istudju b'50 mg ta' fluconazole, filwaqt li b'200 mg kuljum, l- $AUC$ s ta' ethinyl estradiol u levonorgestrel żiedu b'40% u 24%, rispettivament. Għalhekk, l-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole f'dawn id-dożi m'għandux ikollu effett fuq l-effikaċja tal-kontraċettivi orali kkombinat.

#### 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

##### Tqala

Informazzjoni minn diversi mijiet ta' nisa tqal ikkurati b'dożi standard (<200 mg/kuljum) ta' fluconazole, mogħti bħala doża waħda jew ripetuta fl-ewwel erba' xhur, ma turi l-ebda effett mhux mixtieq fil-fetu. Kien hemm rapporti ta' diversi anormalitajiet konġenitali (inkluż brakiċefalija, displasja tal-widnejn, fontanelle ta' quddiem kbira, tgħawwiġ tal-wirk u sinostosi radjo-umerali) fi trabi li l-ommijiet tagħhom kienu kkurati għal mill-inqas tliet xhur jew aktar b'dożi għoljin (400-800 mg kuljum) ta' fluconazole għal *coccidioidomycosis*. Ir-relazzjoni bejn l-użu ta' fluconazole u dawn l-avvenimenti m'hijiex ċara.

Studji fl-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara sezzjoni 5.3).

Fluconazole f'dożi standard u f'kuri għal żmien qasir m'għandux jintuża fit-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod ċar.

Fluconazole f'dożi għoljin u/jew fi skedi twal ma għandux jintuża waqt it-tqala ħlief f'każijiet ta' infezzjonijiet li jkun ta' theddida għall-ħajja.

##### Treddigħ

Fluconazole jgħaddi fil-ħalib tas-sider sabiex jilħaq konċentrazzjonijiet iżgħar minn dawk fil-plażma. It-treddigħ jista' jibqa' jsir wara użu wieħed ta' doża standard ta' 200 mg fluconazole jew inqas. It-treddigħ m'huwix rakkomandat wara użu ripetut jew wara dożi għoljin ta' fluconazole.

##### Fertilità

Fluconazole ma affettwax il-fertilità tal-firien irġiel jew nisa (ara sezzjoni 5.3)

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sar l-ebda studju fuq l-effetti ta' Diflucan fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija dwar il-possibbiltà ta' sturdament jew aċċessjonijiet (ara sezzjoni 4.8) waqt li jkun qegħdin jieħdu Diflucan u għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux jew ma jħaddmux magni jekk ikollhom xi wieħed minn dawn is-sintomi.

## 4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati b'mod frekwenti ( $>1/10$ ) kienu uġiħ ta' ras, uġiħ fl-addome, dijareja, nawsja, rimettar, żieda fl-alanine aminotransferase, żieda fl-aspartate aminotransferase, żieda fl-alkaline phosphatase tad-demm u raxx.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin kienu osservati u rrapportati waqt il-kura b'Diflucan fil-frekwenzi li ġejjin: Komuni ħafna ( $\geq 1/10$ ); komuni ( $\geq 1/100$  sa  $<1/10$ ); mhux komuni ( $\geq 1/1,000$  sa  $<1/100$ ); rari ( $\geq 1/10,000$  sa  $<1/1,000$ ); rari ħafna ( $<1/10,000$ ), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

| Sistema tal-Klassifika tal-Organi                  | Komuni                                                                                                                                                                   | Mhux komuni                                                                                                | Rari                                                                                                                                                                                                                      |
|----------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Disturbi tad-demm u tas-sistema limfatika          |                                                                                                                                                                          | Anemija                                                                                                    | Agranuloċitożi, lewkopenja, tromboċitopenja, newtopenja                                                                                                                                                                   |
| Disturbi fis-sistema immuni                        |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            | Anafilassi                                                                                                                                                                                                                |
| Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni           |                                                                                                                                                                          | Nuqqas fl-aptit                                                                                            | Iperkolesterolimja, ipertrigliċeridemija, ipokalemija                                                                                                                                                                     |
| Disturbi psikjatriċi                               |                                                                                                                                                                          | Ngħas, insomnja                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fis-sistema nervuża                       | Uġiħ ta' ras                                                                                                                                                             | Aċċessjonijiet, parestesija, sturdament, bidliet fit-toġhma                                                | Rogħda                                                                                                                                                                                                                    |
| Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika     |                                                                                                                                                                          | Vertigo                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-qalb                                  |                                                                                                                                                                          |                                                                                                            | Torsade de pointes (ara sezzjoni 4.4), titwil tal-QT (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   |
| Disturbi gastro-intestinali                        | Uġiħ fl-addome, rimettar, dijarea, nawsja                                                                                                                                | Stitikezza, dispepsja, gass fl-istonku, ħalq xott                                                          |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-fwied u fil-marrara                   | Żieda fl-alanine aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda fl-aspartate aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda tal-alkaline phosphatase fid-demm (ara sezzjoni 4.4) | Kolestasi (ara sezzjoni 4.4), suffejra (ara sezzjoni 4.4), żieda fil-bilirubin (ara sezzjoni 4.4)          | Insuffiċjenza epatika (ara sezzjoni 4.4), nekrożi epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4), epatite (ara sezzjoni 4.4), ħsara epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4)                                                                  |
| Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda | Raxx (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                  | Feġġa ta' raxx minħabba l-mediċina (ara sezzjoni 4.4), urtikarja (ara sezzjoni 4.4), ħakk, żieda fl-għaraq | Nekrożi tossika tal-ġilda, (ara sezzjoni 4.4), is-sindromu ta' Stevens-Johnson (ara sezzjoni 4.4), pustulozi ekzantematuża mifruxa akuta (ara sezzjoni 4.4), dermatite esfoljattiva, anġjoedema, edema fil-wiċċ, alopeċja |
| Disturbi muskolu-                                  |                                                                                                                                                                          | Mijalġja                                                                                                   |                                                                                                                                                                                                                           |

|                                                               |  |                             |  |
|---------------------------------------------------------------|--|-----------------------------|--|
| <b>skeletriċi u tat-tessuti konnettivi</b>                    |  |                             |  |
| <b>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</b> |  | Għeja, telqa, astenja, deni |  |

#### Popolazzjoni pedjatrika

Il-mudell u l-inċidenza tar-reazzjonijiet avversi u anormalitajiet fil-laboratorju rreġistrati waqt provi kliniċi pedjatriċi, li ma jinkludux l-indikazzjoni għal kandidjaġi ġenitali, huma simili għal dawk li jidhru fl-adulti.

### **4.9 Doża eċċessiva**

Kien hemm rapporti ta' doża eċċessiva b'Diflucan u magħhom ġew irrapportati alluċinazzjonijiet u mġiba paranojja.

F'każ ta' doża eċċessiva, tista' tkun meħtieġa kura sintomatika (b'miżuri ta' appoġġ u tbatil tal-istonku jekk ikun meħtieġ).

Fluconazole fil-parti l-kbira jitneħħa fl-awrina; dijureżi ta' volum sfurzata aktarx li żżid ir-rata ta' tneħħija. Sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat tnaqqas il-livelli fil-plażma b'madwar 50%.

## **5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU**

### **5.1 Tagħrif farmakodinamiku**

#### Klassifikazzjoni ATC

Kategorija farmakoterapewtika: Antimijotiċi għal użu sistemiku, derivattivi triazole, Kodiċi ATC: J02AC01.

#### Metodu ta' azzjoni

Fluconazole huwa sustanza antifungali triazole. Il-metodu ta' azzjoni ewlieni tiegħu huwa l-inibizzjoni taċ-ċitokromu fungali P-450 permezz ta' *14 alpha-lanosterol demethylation*, pass essenzjali fil-bijosinteżi tal-ergosterol fungali. L-akkumulazzjoni ta' *14 alpha-methyl sterols* tikkorrispondi mat-telf sussegwenti ta' ergosterol fil-membrana taċ-ċellola fungali u tista' tkun responsabbli għall-attività antifungali ta' fluconazole. Fluconazole intwera li huwa aktar selettiv għall-enzimi taċ-ċitokromu fungali P-450 milli għal diversi sistemi mammiferi tal-enzimi taċ-ċitokromu P-450.

Fluconazole 50 mg kuljum mogħti għal 28 jum intwera li ma jaffettwax il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tat-testosterone fl-irġiel jew il-konċentrazzjoni ta' steroidi fin-nisa ta' età li jkollhom it-tfal. Fluconazole 200 mg sa 400 mg kuljum m'għandu l-ebda effett klinikament sinifikanti fuq livelli ta' steroidi endoġeni jew fuq ir-reazzjoni stimulata mill-ACTH f'voluntiera rġiel b'saħħithom. Studji ta' interazzjoni b'antipyrine jindikaw li doża waħda jew dożi multipli ta' fluconazole 50 mg ma jaffettwawx il-metaboliżmu tiegħu.

#### Suxxettibbiltà in vitro

*In vitro*, fluconazole juri attività antifungali kontra l-ispeċijiet ta' *Candida* l-aktar komuni klinikament (inklużi *C. albicans*, *C. parapsilosis*, *C. tropicalis*). *C. glabrata* turi medda wiesgħa ta' suxxettibbiltà filwaqt li *C. krusei* hija reżistenti għal fluconazole.

Fluconazole juri wkoll attività in vitro kontra *Cryptococcus neoformans* u *Cryptococcus gattii* kif ukoll il-fungi endemiċi *Blastomyces dermatitidis*, *Coccidioides immitis*, *Histoplasma capsulatum* u *Paracoccidioides brasiliensis*.

#### Ir-relazzjoni FK/FD

Fi studji fuq l-annimali, hemm korrelazzjoni bejn il-valuri MIC u l-effikaċja kontra mikozi sperimentali minħabba *Candida* spp. Fi studji kliniċi, hemm relazzjoni lineari ta' kważi 1:1 bejn l-

AUC u d-doża ta' fluconazole. Hemm ukoll relazzjoni diretta għalkemm mhux perfetta bejn l-AUC jew doża u reazzjoni klinika ta' suċċess ta' kandidjożi orali u sa ċertu punt inqas ta' kandidemja għall-kura. Bl-istess mod, il-kura hija inqas probabbli għall-infezzjonijiet ikkawżati minn razez b'MIC ogħla ta' fluconazole.

#### Mekkaniżmu(i) ta' reżistenza

*Candida* spp żviluppaw għadd ta' mekkaniżmi ta' reżistenza għas-sustanzi antifungali azole. Razez fungali li żviluppaw xi wieħed jew aktar minn dawn il-mekkaniżmi ta' reżistenza huma magħrufin li juru konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (*minimum inhibitory concentrations* – MICs) għoljin għal fluconazole li jaffettwa b'mod avvers l-effikaċja *in vivo* u dik klinika.

Kien hemm rapporti ta' superinfezzjoni bi speċijiet ta' *Candida* minbarra *C. albicans*, li naturalment spiss ma jkunux suxxettibbli għal fluconazole (eż. *Candida krusei*). Każijiet bħal dawn ikunu jeħtieġu kura antifungali alternattiva.

#### Il-breakpoints (skont il-EUCAST)

Skont l-analiżi ta' informazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (FK/FD), is-suxxettibbiltà *in vitro* u r-reazzjoni klinika EUCAST-AFST (*European Committee on Antimicrobial susceptibility Testing-subcommittee on Antifungal Susceptibility Testing*) – Il-Kumitat Ewropew għall-Ittestjar tas-suxxettibbiltà antimikrobjali-Sottokumitat dwar l-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antifungali) stabbilixxa *breakpoints* għal fluconazole għall-ispeċijiet *Candida* (EUCAST Dokument razzjonali għal Fluconazole (2007)-verżjoni 2). Dawn ġew maqsuma fi *breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet; li ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi, u *breakpoints* relatati mal-ispeċijiet għal daww l-ispeċijiet li huma assoċjati l-aktar mal-infezzjoni fil-bniedem. Dawn il-*breakpoints* jingħataw fit-tabella hawn taħt:

| <i>Antifungali</i> | <i>Breakpoints relatati mal-ispeċijiet (S&lt;/R&gt;)</i> |                         |                       |                             |                           | <i>Breakpoints mhux relatati mal-ispeċijiet<sup>A</sup></i><br><i>S&lt;/R&gt;</i> |
|--------------------|----------------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------|-----------------------------|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------|
|                    | <i>Candida albicans</i>                                  | <i>Candida glabrata</i> | <i>Candida krusei</i> | <i>Candida parapsilosis</i> | <i>Candida tropicalis</i> |                                                                                   |
| <i>Fluconazole</i> | 2/4                                                      | IE                      | --                    | 2/4                         | 2/4                       | 2/4                                                                               |

S = Suxxettibbli, R = Reżistenti

A. = *Breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi. Dawn jintużaw biss għal organiżmi li m'għandhomx *breakpoints* speċifiċi.

-- = L-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhux rakkomandat minħabba li l-ispeċi hija mira fqira għall-kura b'din il-mediċina.

IE = M'hemmx biżżejjed provi li l-ispeċi inkwistjoni hija mira tajba għall-kura b'din il-mediċina.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' fluconazole huma simili wara l-għoti minn ġol-vini jew mill-ħalq.

#### Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, fluconazole jiġi assorbit sew, u l-livelli fil-plażma (u l-bijodisponibbiltà sistemika) ikunu ogħla minn 90% tal-livelli miksuba wara l-għoti minn ġol-vini. L-assorbiment orali m'huwix affettwat bit-teħid tal-ikel fl-istess waqt. L-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi stat sajjem iseħħu bejn 0.5 u 1.5 sigħat wara d-doża. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma proporzjonati għad-doża. Livelli ta' disgħin fil-mija fi stat fiss jintlaħqu sar-4-5 jum b'dożi multipli ta' doża waħda kuljum. L-għoti ta' doża inizjali għolja (fl-1 jum) ta' darbtejn id-doża normali ta' kuljum tippermetti li l-livelli fil-plażma jaslu għal livelli ta' madwar 90% fi stat fiss sat-2 jum.

### Distribuzzjoni

Il-volum apparenti ta' distribuzzjoni joqrob l-ilma totali tal-ġisem. L-irbit mal-proteini fil-plażma huwa baxx (11-12%).

Fluconazole jikseb penetrazzjoni tajba fil-fluwidi tal-ġisem kollha studjati. Il-livelli ta' fluconazole fil-bżieq u l-isputum huma simili għal-livelli fil-plażma. F'pazjenti b'meninġite fungali, il-livelli ta' fluconazole fis-CSF huma madwar 80% tal-livelli fil-plażma korrispondenti.

Konċentrazzjoni għolja ta' fluconazole fil-ġilda, oġġla mill-konċentrazzjonijiet fis-serum, jinkisbu fl-istratum corneum, fl-epidermis-dermis u fl-għaraq tal-eccrine. Fluconazole jakkumula fl-istratum corneum. F'doża ta' 50 mg darba kuljum, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole wara 12-il jum kienet ta' 73 µg/g u 7 ijiem wara l-waqfien tat-trattament il-konċentrazzjoni kienet għadha 5.8 µg/g. Fid-doża ta' darba fil-ġimgħa ta' 150 mg, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fl-istratum corneum fis-7 jum kienet ta' 23.4 µg/g u 7 ijiem wara t-tieni doża kienet għadha 7.1 µg/g.

Il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fid-dwiefer wara 4 xhur minn dożaġġ ta' 150 mg darba f'ġimgħa kienet ta' 4.05 µg/g fi dwiefer b'saħħithom u 1.8 µg/g fi dwiefer morda; u, fluconazole kien għadu jista' jitkejjel f'kampjuni ta' dwiefer 6 xhur wara t-tmien tal-kura.

### Bijotrasformazzjoni

Fluconazole huwa metabolizzat biss sa ċertu punt. Minn doża radjuattiva, 11% biss jitneħħa f'għamla mibdula fl-awrina. Fluconazole huwa inibitur selettiv tal-isożimi CYP2C9 u CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5). Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19.

### Tneħħija

Il-half-life ta' tneħħija mill-plażma għal fluconazole hija ta' madwar 30 siegħa. Ir-rotta ewlenija ta' tneħħija hija renali, b'madwar 80% tad-doża mogħtija tidher fl-awrina bħala mediċina mhux mibdula. It-tneħħija ta' fluconazole hija proporzjonali mat-tneħħija tal-kreatinina. M'hemmx evidenza ta' metaboliti jiċċirkolaw.

Il-half-life twil ta' tneħħija mill-plażma jipprovdni l-bażi għall-kura b'doża waħda għall-kandidjażi vaġinali, dożar ta' darba kuljum u ta' darba fil-ġimgħa għal indikazzjonijiet oħrajn.

### Farmakokinetika fl-indeboliment renali

F'pazjenti b'insuffiċjenza renali severa, (GFR < 20 ml/min) il-half-life żdiedet minn 30 sa 98 siegħa. Għalhekk, jeħtieġ tnaqqis tad-doża. Fluconazole jitneħħa bl-emodjaliżi u sa ċertu punt inqas permezz ta' dijaliżi peritoneali. Wara sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat, madwar 50% ta' fluconazole jitneħħa mid-demm.

### Farmakokinetika fit-tfal

Informazzjoni farmakokinetika ġiet evalwata għal 113-il pazjent pedjatriku minn 5 studji; 2 studji ta' doża waħda, 2 studji ta' dożi multipli, u studju fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-informazzjoni minn studju minnhom ma setgħetx tiġi interpretata minħabba bidliet fis-sekwenza tal-formulazzjoni matul l-istudju. Informazzjoni oħra kienet disponibbli minn studju ta' użu b'kompassjoni.

Wara l-ġhoti ta' 2-8 mg/kg fluconazole lil tfal ta' bejn id-9 xhur u l-15-il sena, instab AUC ta' madwar 38 µg·h/ml għal kull 1 mg/kg unitajiet ta' doża. Il-half-life medja ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma kienet tvarja bejn il-15 u t-18-il siegħa u l-volum ta' distribuzzjoni kien ta' madwar 880 ml/kg wara dożi multipli. Half-life oġġla ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma ta' madwar 24 siegħa instabet wara doża waħda. Dan huwa simili għall-half-life ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma wara għotja waħda ta' 3 mg/kg i.v. lil tfal ta' bejn 1 l-il jum -1 l-il xahar. Il-volum ta' distribuzzjoni f'dan il-grupp ta' età kien ta' madwar 950 ml/kg.

L-esperjenza bi fluconazole fit-trabi hija limitata għal studji farmakokinetiċi fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-età medja fl-ewwel doża kienet ta' 24 siegħa (medda ta' 9-36 siegħa) u l-piż medju fit-twelid kien ta' 0.9 kg (medda ta' 0.75-1.10 kg) għal 12-il tarbija li twieldu qabel iż-żmien ta' ġestazzjoni medja ta' madwar 28 ġimgħa. Seba' pazjenti lestew il-protokoll; ingħataw massimu ta' ħames infużjonijiet minn

ġol-vini ta' 6 mg/kg ta' fluconazole kull 72 siegħa. Il-*half-life* medja (siegħat) kienet 74 (medda ta' 44-185) fl-1 jum li naqset, mal-ħin għal medja ta' 53 (medda ta' 30-131) fis-7 jum u 47 (medda ta' 27-68) fit-13-il jum. Iż-żona taħt il-kurva (mikrogramm.h/ml) kienet 271 (medda ta' 173-385) fl-1 jum u żdiedet b'medja ta' 490 (medda ta' 292-734) fis-7 jum u naqset b'medja ta' 360 (medda ta' 167-566) fit-13-il jum. Il-volum ta' distribuzzjoni (ml/kg) kien ta' 1183 (medda ta' 1070-1470) fl-1 jum u żdiedet, mal-ħin, għal medja ta' 1184 (medda ta' 510-2130) fis-7 jum u 1328 (medda ta' 1040-1680) fit-13-il jum.

#### Farmakokinetika fl-anzjani

Sar studju farmakokinetiku fi 22 suġġett, ta' 65 sena jew aktar li ngħataw doża orali waħda ta' 50 mg ta' fluconazole. Għaxra minn dawn il-pazjenti kienu qegħdin jingħataw dijuretiċi fl-istess waqt. Is- $C_{max}$  kien 1.54 µg/ml u seħħ 1.3 siegħat wara d-doża. L-AUC medju kien ta'  $76.4 \pm 20.3$  µg·h/ml, u l-*half-life* terminali medju kien ta' 46.2 siegħat. Dawn il-valuri ta' parametri farmakokinetiċi huma ogħla mill-valuri analogi rrapportati għal voluntiera rġiel żgħażaġħ normali. L-għoti fl-istess waqt ta' dijuretiċi ma bidilx b'mod sinifikanti l-AUC jew is- $C_{max}$ . Barra minn hekk, it-tneħħija tal-kreatinina (74 ml/min), il-perċentwal ta' mediċina rkuprat mhux mibdul fl-awrina (0-24 siegħa, 22%) u l-istimi ta' tneħħija renali ta' fluconazole (0.124 ml/min/kg) għall-anzjani kienu ġeneralment aktar baxxi minn dawk ta' voluntiera aktar żgħar. Għalhekk, il-bidla tad-dispożizzjoni ta' fluconazole fl-anzjani tidher li hija relatata ma' funzjoni renali mnaqqsa karatteristika ta' dan il-grupp.

### **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

L-effetti fi studji mhux kliniċi ġew osservati biss f'espożizzjonijiet meqjusa suffiċjentement akbar mill-espożizzjoni tal-bniedem, fatt li jindika ftit rilevanza għall-użu kliniku.

#### Karċinoġenesi

Fluconazole ma wera l-ebda evidenza ta' potenzjal karċinoġeniku fil-ġrieden u l-firien ikkurati mill-ħalq għal 24 xahar f'dożi ta' 2.5, 5, jew 10 mg/kg/jum (madwar 2-7 darbiet id-doża rakkomandata fil-bniedem). Il-firien irġiel ikkurati b'5 u 10 mg/kg/jum kellhom aktar inċidenza ta' adenomi epatoċellulari.

#### Tossiċità riproduttiva

Fluconazole ma affettwax il-fertilità ta' firien irġiel jew nisa kkurati mill-ħalq b'dożi ta' kuljum ta' 5, 10, jew 20 mg/kg jew b'dożi parenterali ta' 5, 25, jew 75 mg/kg.

Ma kienx hemm effetti fuq il-fetu f'5 jew 10 mg/kg; ġew osservati varjanti anatomiċi fil-fetu (kustilji supernumerarji, dilazzjoni tal-pelvi renali) u dewmien fl-ossifikazzjoni f'25 u 50 mg/kg u dożi ogħla. F'dożi li jvarjaw minn 80 mg/kg sa 320 mg/kg żdiedet il-mewt tal-embriju fil-firien u l-anormalitajiet fil-fetu kienu jinkludu kustilji mmewġa, palat mixquq, u ossifikazzjoni anormali tal-kranju u tal-wiċċ. Il-bidu tal-ħlas ittardja xi ftit b'20 mg/kg mill-ħalq u ġew osservati distoċja u titwil tal-ħlas f'xi ftit nisa b'20 mg/kg u 40 mg/kg minn ġol-vini. Id-disturbi fil-ħlas kienu riflessi b'żieda żgħira fl-għadd ta' frieħ li twieldu mejta u tnaqqis fis-sopravvivenza tal-frieħ f'dawn il-livelli ta' dożi. Dawn l-effetti fuq il-ħlas huma konsistenti mal-karatteristika ta' tnaqqis tal-estroġenu speċifika għall-ispeċi prodott permezz ta' dożi għoljin ta' fluconazole. Bidla fl-ormoni bħal din ma ġietx osservata f'nisa kkurati bi fluconazole (ara sezzjoni 5.1).

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

Sucrose  
Silica, kollojdali anidru  
Titanium dioxide (E171)  
Gomma Xantham  
Sodium citrate  
Citric acid anidruż  
Sodium benzoate  
Togħma tal-larinġ naturali (fih żejt tal-larinġ u maltodextrin)

## 6.2 Inkompatibilitajiet

Ma jgħoddx f'dan il-każ.

## 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

It-trab għal sospensjoni orali jdum tajjeb 24 xahar.

Is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 ġurnata.

Sospensjoni rikostitwita: Aħżen f'temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.

## 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Trab għal sospensjoni orali 10 mg/ml u 40 mg/ml (flixxun ta' 60 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.

Trab għal sospensjoni orali 10 mg/ml (flixxun ta' 175 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.

Żomm il-flixxun magħluq sew.

Għall-kundizzjonijiet ta' ħżin tal-prodott mediċinali rikostitwit, ara sezzjoni 6.3.

## 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Flixxun tal-politilene ta' densità għolja (HDPE) ta' 60 ml jew ta' 175 ml b'tapp tal-plastik reżistenti għat-tfal jew b'għeluq tal-aluminju b'kamin kontinwu li fih trab abjad jew ofwajt għal sospensjoni orali li jipprovdi sospensjoni toġhma tal-larinġ bajda għal ofwajt wara rikostituzzjoni.

Diflucan u l-ismijiet assoċjati 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali:

Flixxun ta' 60 ml li fih 24.4 g ta' trab għal sospensjoni orali. Wara rikostituzzjoni, il-volum tas-sospensjoni huwa 40 ml, li jipprovdi volum użabbli ta' 35 ml.

Flixxun ta' 175 ml li fih 67.1 g ta' trab għal sospensjoni orali. Wara rikostituzzjoni, il-volum tas-sospensjoni huwa 110 ml, li jipprovdi volum użabbli ta' 100 ml.

Diflucan u l-ismijiet assoċjati 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali:

Flixxun ta' 60 ml li fih 24.4 g ta' trab għal sospensjoni orali. Wara rikostituzzjoni, il-volum tas-sospensjoni huwa 40 ml, li jipprovdi volum użabbli ta' 35 ml.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għal skop kummerċjali.

Mgħarfa tal-kejl ta' 5 ml u/jew siringa mmarkata ta' 5 ml b'adapter tal-flixxun li jintgħafas 'il ġewwa jistgħu jiġu pprovduti wkoll mal-flixxun ta' 60 ml.

Tazza tal-kejl hija pprovduta mal-flixxun ta' 175 ml.

## 6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

### Struzzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni:

Is-sospensjoni rikostitwita sejra ttipprovdi sospensjoni toġhma ta' larinġ bajda għal ofwajt wara rikostituzzjoni.

Għall-flixxun ta' 60 ml:

1. Taptap il-flixxun biex terħi t-trab.
2. Żid kwantità żgħira ta' ilma naturali u ħawwad bis-saħħa. Żid l-ilma sal-livell immarkat fuq il-flixxun (dan jikkorresponди għal żieda ta' 24 ml ta' ilma)
3. Ħawwad sew għal minuta jew tnejn biex tikseb sospensjoni omoġena.
4. Ikteb id-data ta' skadenza tas-sospensjoni rikostitwita fuq it-tikketta tal-flixxun (is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 jum).

Għall-flixxun ta' 175 ml: (Japplika biss jekk jinbiegħ f'pajjiżek)

1. Taptap il-flixxun biex terħi t-trab.
2. Kejjel 66 ml ta' ilma naturali u żid l-ilma mal-flixxun.

3. Ħawwad sew għal minuta jew tnejn biex tikseb sospensjoni omogġenja.
4. Ikteb id-data ta' skadenza tas-sospensjoni rikostitwita fuq it-tikketta tal-flixxun (is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 jum).


Istruzzjonijiet għall-użu:

Ħawwad il-flixxun magħluq tas-sospensjoni rikostitwita qabel kull użu.

Istruzzjonijiet għall-użu tas-siringa pedjatrika: Japplika biss jekk jinbiegħ f'pajjiżek

Hawwad tajjeb is-sospensjoni lesta.

1. Iftaħ il-flixxun (tapp tas-sigurtà);
2. Daħħal l-adapter imwagħhal mas-siringa fl-għonq tal-flixxun (1, 2 – ara Figura 1);
3. Aqleb il-flixxun bis-siringa ta' taħt fuq u iġbed il-kwantità ta' sospensjoni li qallek it-tabib (Figura 2). Il-marki fuq is-siringa huma f'ml.
- Id-doża massima ta' kuljum għal adult ma għandhiex tinqabeż fi tfal (ara sezzjoni 4.2)
4. Neħħi s-siringa mill-flixxun;
5. Għal tfal iżgħar, il-prodott mediċinali jista' jingħata direttament fil-ħalq mis-siringa. It-tfal għandhom jibqgħu weqfin meta jkunu qed jingħataw il-mediċina. Ipponta s-siringa għol-ħadd; battal is-sospensjoni bil-mod f'ħalq it-tifel/tifla (Figura 3). Għal tfal akbar, is-sospensjoni tista' titpoġġa f'mgħarfa u tinxtorob mit-tifel/tifla.
6. Laħlaħ is-siringa wara l-użu.
7. Agħlaq il-flixxun bit-tapp tas-sigurtà; l-adapter jibqa' mal-għonq tal-flixxun.



Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-iġijiet lokali.

Kull sospensjoni li jibqa' għandha tintrema fi żmien 28 mir-rikostituzzjoni.

## 7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

[Sabiex timentela mill-pajjiż]

## **10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

[Sabiex timentela mill-pajjiż].

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {isem tal-SM/Aġenzija}

[Sabiex timentela mill-pajjiż].

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 2 mg/ml soluzzjoni għal infużjoni  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull soluzzjoni ta' 25 ml għal infużjoni fiha 50 mg fluconazole.  
Kull soluzzjoni ta' 50 ml għal infużjoni fiha 100 mg fluconazole.  
Kull soluzzjoni ta' 100 ml għal infużjoni fiha 200 mg fluconazole.  
Kull soluzzjoni ta' 200 ml għal infużjoni fiha 400 mg fluconazole.

Kull ml fih 2 mg ta' fluconazole.

Sustanza mhux attiva: kull ml fih ukoll 9 mg sodium chloride (ekwivalenti għal 0.154 mmol sodium)

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għal infużjoni

Soluzzjoni ċara, bla kulur mingħajr ebda frak jidher.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Diflucan huwa indikat għall-infezzjonijiet fungali li ġejjin (ara sezzjoni 5.1).

Diflucan huwa indikat fl-adulti għat-trattament ta':

- Meninġite kriptokokkali (ara sezzjoni 4.4).
- *Coccidioidomycosis* (ara sezzjoni 4.4).
- Kandidjażi invażiva.
- Kandidjażi mukożali inkluż kandidjażi orofaringeali, esofaġeali, kandidurja u kandidjażi mukokutanja kronika.
- Kandidjażi atrofika orali kronika (ħalq misluħ fid-dentatura) jekk l-iġjene tas-snien jew kura topika ma jkunux biżżejjed.

Diflucan huwa indikat fl-adulti għal profilassi ta':

- Rikadenza ta' meninġite kriptokokkali f'pazjenti b'riskju għoli ta' rikorrenza.
- Rikadenza ta' kandidjażi orofaringeali jew esofaġeali f'pazjenti infettati bl-HIV li għandhom riskju kbir li jesperjenzaw rikadenza.
- Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtropenja fit-tul (bħal pazjenti b'kundizzjonijiet ematoloġiċi malinni li qed jirċievu l-kimoterapija jew pazjenti li qed jirċievu Trapjant taċ-Ċelluli Staminali Ematopojetiċi (ara sezzjoni 5.1)

Diflucan huwa indikat fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu, tfal u adoloxxenti li għandhom minn 0 sa 17-il sena:

Diflucan jintuża għall-kura ta' kandidjażi mukożali (orofaringeali, esofaġeali), kandidjażi invażiva u meninġite kriptokokkali u l-profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti immunokompromessi.

Diflucan jista' jintuża bħala terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza (ara sezzjoni 4.4).

Il-kura tista' tinbeda qabel ma jkun magħrufin ir-riżultati tal-ikkultura u studji oħrajn tal-laboratorju; madankollu, ladarba dawn ir-riżultati jkun disponibbli, il-kura ta' kontra l-infezzjoni għandha tiġi aġġustata bix-xieraq.

Il-gwida uffiċjali dwar l-użu xieraq ta' antifungali għandha tiġi kkunsidrata.

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

### Pożoloġija

Id-doża għandha tkun ibbażata fuq in-natura u s-severità tal-infezzjoni fungali. Il-kura ta' infezzjonijiet li jeħtieġu dożi multipli għandha titkompla sakemm il-parametri kliniċi jew it-testijiet tal-laboratorju jindikaw li l-infezzjoni fungali attiva tkun għebet. Perjodu ta' kura inadegwat jista' jwassal għar-rikorrenza tal-infezzjoni attiva.

### Adulti:

| Indikazzjonijiet    | Pożoloġija                                                                                                              | Tul tal-Kura                                                                               |                                                                                                                                                                                                                                                  |
|---------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Cryptococcosis      | - Kura ta’ meninġite kriptokokkali                                                                                      | Doża inizjali għolja: 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 200 mg sa 400 mg kuljum | Normalment huwa għallinqas 6 sa 8 ġimgħat.<br>F’infezzjonijiet ta’ theddid għall-ħajja, id-doża ta’ kuljum tista’ tiżdied sa 800 mg                                                                                                              |
|                     | - Kura ta’ manteniment sabiex jimpedixxi rikaduta ta’ meninġite kriptokokkali f’pazjenti b’riskju għoli ta’ rikorrenza. | Doża sussegwenti: 200 mg kuljum                                                            | Indefinit b’doża ta’ kuljum ta’ 200 mg                                                                                                                                                                                                           |
| Coccidioidomycosis  |                                                                                                                         | 200 mg sa 400 mg                                                                           | 11-il xahar sa 24 xahar jew iktar jiddependi fuq il-pazjent. 800 mg kuljum tista’ tiġi kkunsidrata għal xi infezzjonijiet u b’mod speċjali għal mard meninġeali                                                                                  |
| Kandidjażi invażiva |                                                                                                                         | Doża inizjali għolja: 800 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 400 mg kuljum           | Tul tal-kura: mar-rispons kliniku. B’mod ġenerali, it-tul tal-kura rakkomandat għal kandidemija huwa ta’ ġimagħtejn wara l-ewwel riżultat ta’ kultura tad-demmm negattiva u wara l-għajbien tas-sinjali u sintomi attribwibbli għal kandidemija. |

|                                                                                                                             |                                  |                                                                                                      |                                                                                                                                                                                                                                   |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>Kura ta' kandidjażi mukożali</b>                                                                                         | - Kandidjażi orofaringeali       | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum | 7 sa 21 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju                                                                      |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali          | Doża inizjali għolja: 200 mg sa 400 mg fl-ewwel Ġurnata<br>Doża sussegwenti: 100 mg sa 200 mg kuljum | 14 sa 30 jum (sakemm il-kandidjażi orofaringeali tibda tmur għall-aħjar). Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju                                                                     |
|                                                                                                                             | - Kandidurja                     | 200 mg sa 400 mg kuljum                                                                              | 7 sa 21 jum. Jistgħu jintużaw perjodi itwal f'pazjenti b'funzjoni immuni kompromessa b'mod serju.                                                                                                                                 |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi atrofika kronika    | 50 mg kuljum                                                                                         | 14-il jum                                                                                                                                                                                                                         |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi mukokutanja kronika | Doża: 50 mg sa 100 mg kuljum                                                                         | Sa 28 jum. Perjodi itwal jiddependi jew fuq is-severità tal-infezzjoni jew fuq kompromizzazzjoni immuni u infezzjoni bażi                                                                                                         |
| <b>Prevenzjoni ta' rikaduta ta' kandidjażi mukożali f'pazjenti infettati bl-HIV b'riskju għoli li jesperjenzaw rikaduta</b> | - Kandidjażi orofaringeali       | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                              | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                                                                                               |
|                                                                                                                             | - Kandidjażi esofaġeali          | 100 mg sa 200 mg kuljum jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa                                              | Perjodu indefinit għal pazjenti b'suppressjoni tal-immunità kronika                                                                                                                                                               |
| <b>Profilassi ta' infezzjonijiet kandidali f'pazjenti b'newtropenja fit-tul</b>                                             |                                  | 200 mg sa 400 mg                                                                                     | Il-kura għandha tinbeda bosta jiem qabel il-feġġa mistennija ta' newtropenja u għandha tkompli għal 7 ijiem wara l-irkupru minn newtropenja wara li l-għadd ta' newtrofili jiżdied aktar minn 1000 ċellola kull mm <sup>3</sup> . |

#### Popolazzjonijiet speċjali

##### *Anzjani*

Id-dożaġġ għandu jiġi aġġustat fuq bażi tal-funzjoni tal-kliwi (ara “*Indeboliment Renali*”).

##### *Indeboliment renali*

M'hemmx bżonn ta' aġġustamenti f'terapija ta' doża waħda. F'pazjenti (inkluż popolazzjoni pedjatrika) b'funzjoni tal-kliwi indebolita li jkunu sejrin jirċievu aktar minn doża waħda ta' fluconazole, għandha tingħata doża tal-bidu ta' 50 mg sa 400 mg, fuq il-bażi tad-doża rakkomandata ta' kuljum għall-indikazzjoni. Wara din id-doża għolja tal-bidu, id-doża ta' kuljum (skont l-indikazzjoni) għandha tkun ibbażata fuq it-tabella li ġejja:

| <b>Tneħħija tal-Kreatinina (ml/min)</b> | <b>Perċentwal tad-doża rakkomandata</b> |
|-----------------------------------------|-----------------------------------------|
| >50                                     | 100%                                    |
| ≤50 (ebda dijaliżi)                     | 50%                                     |
| Dijaliżi regolari                       | 100% wara kull dijaliżi                 |

Pazjenti li qed issirilhom dijaliżi regolari għandhom jirċievu 100% tad-doża rakkomandata wara kull dijaliżi; fil-ġranet meta ma ssirilhomx id-dijaliżi, il-pazjenti għandhom jirċievu doża mnaqqsa skont it-tneħħija tal-kreatinina tagħhom.

#### *Indeboliment Epatiku*

Hemm ftit informazzjoni disponibbli f'pazjenti b'indeboliment epatiku, għalhekk fluconazole għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'funzjoni indebolita tal-fwied (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

#### Popolazzjoni pedjatrika:

Fil-popolazzjoni pedjatrika, ma għandhiex tinqabeż doża massima ta' 400 mg kuljum.

Bħal f'infezzjonijiet simili fl-adulti, it-tul tal-kura huwa bbażat fuq ir-rispons kliniku u mijokologiku. Diflucan jingħata bħala doża waħda kuljum.

Għal pazjenti pedjatriki b'funzjoni renali indebolita, ara dożaġġ f'"Indeboliment renali". Il-farmakokinetiċi ta' fluconazole għadhom ma ġewx studjati fil-popolazzjoni pedjatrika b'insuffiċjenza renali (għal "Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom" li ta' spiss juru li l-kliwi primarjament ma żviluppawx biżżejjed, jekk jogħġbok ara hawn taħt).

*Trabi tat-twelid, tfal li telqu jimxu u tfal (minn 28 jum sa 11-il sena):*

| <b>Indikazzjoni</b>                                                                                                                      | <b>Pożoloġija</b>                                          | <b>Rakkomandazzjonijiet</b>                                                                   |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------|
| - Kandidjażi mukożali                                                                                                                    | Doża inizjali: 6 mg/kg<br>Doża sussegwenti: 3 mg/kg kuljum | Fl-ewwel jum tista' tintuża doża tal-bidu sabiex jintlaħqu livelli ta' stat fiss aktar malajr |
| - Kandidjażi invażiva<br>- Meninġite kriptokokkali                                                                                       | Doża: 6 sa 12 mg/kg kuljum                                 | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Terapija ta' manteniment sabiex jiġi evitat li jkun hemm rikadenza ta' meninġite kriptokokkali fit-tfal b'riskju għoli ta' rikorrenza. | Doża: 6mg/kg kuljum                                        | Jiddependi fuq is-severità tal-marda                                                          |
| - Profilassi ta' <i>Candida</i> f'pazjenti immunokompromessi                                                                             | Doża: 3 sa 12 mg/kg kuljum                                 | Jiddependi fuq il-firxa u kemm iddum in-newtopenja indotta (ara Pożoloġija għall-adulti)      |

*Adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena):*

Jiddependi fuq il-piż u l-iżvilupp fil-pubertà, it-tabib ikun jeħtieġ jivvaluta liema pożoloġija (adulti jew tfal) tkun l-aktar xierqa. Tagħrif kliniku jindika li t-tfal ineħħu aktar fluconazole milli ġie osservat fl-adulti. Doża ta' 100, 200 u 400 mg fl-adulti tikkorrespondi għal doża ta' 3, 6 u 12 mg/kg fi tfal sabiex tinkiseb espożizzjoni sistemika komparabbli.

*Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 27 jum):*

It-tfal tat-twelid inehhu fluconazole bil-mod.

Ftit hemm tagħrif farmakokinetiku biex jappoġġa din il-pożoloġija fi trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (ara sezzjoni 5.2).

| Grupp ta' età                                               | Pożoloġija                                                                                                           | Rakkomandazzjonijiet                                           |
|-------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------|
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (0 sa 14 jum)       | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 72 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 72 siegħa ma għandhiex tinqabeż |
| Trabi tat-twelid li twieldu fi żmienhom (minn 15 sa 27 jum) | Għandha tingħata l-istess doża mg/kg bħal dik tat-trabi, tfal li jkunu għadhom kif telqu jimxu u tfal kull 48 siegħa | Doża massima ta' 12 mg/kg kull 48 siegħa ma għandhiex tinqabeż |

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Diflucan jista' jingħata mill-ħalq jew permezz ta' infużjoni fil-vini, bil-metodu jiddependi fuq l-istat kliniku tal-pazjent. Jekk ikun hemm tibdil minn infużjoni fil-vini għall-metodu orali, jew *vice versa*, m'hemmx hteiga li tinbidel id-doża ta' kuljum.

Infużjoni ġol-vini għandha tingħata b'rata li ma taqbiżx 10 ml/minuta. Diflucan huwa fformulat f'sodium chloride 9 mg/ml (0.9%) soluzzjoni għal infużjoni, b'kull 200 mg (flixxun ta' 100 ml) fih 15 mmol kull wiehied ta' Na<sup>+</sup> u Cl<sup>-</sup>. Minħabba li Diflucan huwa disponibbli bħala soluzzjoni dilwita ta' sodium chloride, f'pazjenti li jeħtieġu restrizzjoni tas-sodium jew fluwidi, għandha tingħata kunsiderazzjoni għar-rata tal-ġhoti tal-fluwidu.

Għal struzzjoni dwar il-maniġġ tal-prodott, ara sezzjoni 6.6.

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva, għal sustanzi azole relatati, jew għal xi sustanzi mhux attivi (ara sezzjoni 6.1).

L-ġhoti fl-istess waqt ta' terfenadine huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw Diflucan f'dożi multipli ta' 400 mg kuljum jew aktar skont ir-riżultati ta' studju dwar l-interazzjoni ta' dożi multipli. L-ġhoti flimkien ma' mediċini oħrajn magħrufa li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 bħal cisapride, astemizole, pimozone, quinidine u erythromycin huwa kontra-indikat f'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw fluconazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawżjonijiet għall-użu**

#### *Tinea capitis*

Kien hemm studji ta' fluconazole għat-trattament ta' *tinea capitis* fit-tfal. Dawn wrew li mhuwiex aktar superjuri għal griseofulvin u ir-rata ta' suċċess fuq kollox kienet anqas minn 20%. Għalhekk, Diflucan m'għandux jintuża għal *tinea capitis*.

#### *Cryptococcosis*

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' *cryptococcosis* f'siti oħra (e.ż. *cryptococcosis* fil-pulmun u fil-ġilda) hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet dwar id-doża.

### Mikoži endemika profonda

L-evidenza tal-effikaċja ta' fluconazole għal kura ta' forom oħra ta' mikoži endemika bħal *paracoccidioidomycosis*, *lymphocutaneous sporotrichosis* u *histoplasmosis* hija limitata, li tevita rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar id-doża.

### Is-sistema renali

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-kliwi (ara sezzjoni 4.2).

### Is-sistema epatobiljari

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Diflucan għie assoċjat ma' każijiet rari ta' tossiċità epatika serja inkluż mewt, l-aktar f'pazjenti b'kundizzjonijiet mediċi eżistenti serji. F'każ ta' epatossiċità assoċjata ma' fluconazole, ma għiet osservata l-ebda relazzjoni ċara mad-doża totali ta' kuljum, it-tul tat-trattament, is-sess jew l-età tal-pazjent. L-epatossiċità minħabba fluconazole normalment kienet reversibbli meta twaqqfet il-kura.

Pazjenti li jkollhom riżultati mhux normali tat-testijiet tal-funzjoni tal-fwied waqt il-kura bi fluconazole għandhom jiġu sorveljati mill-qrib għall-iżvilupp ta' ħsara epatika aktar serja. Il-pazjent għandu jkun avżat dwar sintomi li jindikaw effetti serji fuq il-fwied (l-importanti huma astenja, anoressija, dardir persistenti, rimettar u suffeġra). Il-kura bi fluconazole għandu titwaqqaf minnufih u l-pazjenti għandhom jikkonsultaw it-tabib.

### Is-sistema kardjovaskulari

Xi azoles, inkluż fluconazole, għew assoċjati mat-titwil tal-intervall tal-QT fuq l-elettrokardjogramma. Waqt is-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kien hemm każijiet rari ħafna ta' titwil tal-QT u *torsades de pointes* f'pazjenti li kienu qegħdin jieħdu Diflucan. Dawn ir-rapporti kienu jinkludu pazjenti morda serjament b'diversi fatturi ta' riskju li jfixxlu, bħal mard tal-qalb strutturali, anormalitajiet fl-elettroliti u kura konkormittanti li setgħu kienu kontributorji.

Diflucan għandu jingħata b'kawtela lil pazjenti b'dawn il-kundizzjonijiet potenzjalment proarritmiċi. L-amministrazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li huma magħrufin li jtawwlu l-intervall tal-QT u li huma metabolizzati permezz ta' ċitokromu P450 (CYP) 3A4 hija kontraindikata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

### Halofantrine

Halofantrine intwera li jtawwal l-intervall QTc fid-doża terapewtika rakkomandata u huwa substrat ta' CYP3A4. Għaldaqstant, l-użu konkormittanti ta' fluconazole u halofantrine m'huwiex rakkomandat (ara sezzjoni 4.5).

### Reazzjonijiet dermatoloġiċi

Il-pazjenti rarament żviluppaw reazzjonijiet esfoljattivi fil-ġilda, bħas-sindromu ta' Stevens-Johnson u nekrolożi epidermali tossika, waqt it-trattament bi fluconazole. Il-pazjenti li jkollhom l-AIDS huma aktar suxxettibbli li jiżviluppaw reazzjonijiet severi fil-ġilda għal bosta prodotti mediċinali. Jekk jiżviluppa xi raxx, li jista' jiġi assoċjat ma' fluconazole, f'pazjent ikkurat għal infezzjoni fungali superfiċjali, għandha titwaqqaf il-kura b'dan il-prodott mediċinali. Jekk pazjenti b'infezzjonijiet fungali invażivi/sistemiċi jiżviluppaw xi raxx, dawn għandhom ikunu sorveljati mill-qrib u fluconazole għandu jitwaqqaf jekk jiżviluppaw leżjonijiet bl-*infafet* jew *eritema* multiformi.

### Sensittività eċċessiva

F'każijiet rari, għet irrapportata anafilassi (ara sezzjoni 4.3).

### Ċitokromu P450

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' CYP2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur ta' CYP2C19. Pazjenti kkurati b'Diflucan li jkunu kkurati fl-istess waqt b'mediċini ta' medda terapewtika żgħira metabolizzati permezz ta' CYP2C9, CYP2C19 u CYP3A4, għandhom jiġu ssorveljati (ara sezzjoni 4.5).

#### Terfenadine

L-għoti ta' fluconazole f'dożi inqas minn 400 mg kuljum flimkien ma' terfenadine għandu jkun sorveljat sew (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.5).

#### Sustanzi mhux attivi

Dan il-prodott mediċinali fih 0.154 mmol sodium għal kull ml. Dan għandu jiġi kkunsidrat minn pazjenti li jkunu fuq dieta bl-ammont ta' sodju kkontrollat.

### **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin huwa kontra-indikat:

Cisapride: Kien hemm rapporti ta' avvenimenti kardijaċi inkluż *torsades de pointes* f'pazjenti li ngħataw fluconazole u cisapride flimkien. Studju kkontrollat sab li fluconazole 200 mg darba kuljum flimkien ma' cisapride 20 mg erba' darbiet kuljum irriżulta f'żieda konsiderevoli fil-livelli ta' cisapride fil-plażma u titwil tal-intervall tal-QTc. It-trattament konkomittanti bi fluconazole u cisapride huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Terfenadine: Minħabba l-okkorrenza ta' dizritmiji kardijaċi serji kkawżati mit-titwil tal-intervall tal-QTc f'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antifungali azole flimkien ma' terfenadine, saru studji dwar l-effetti ta' interazzjoni. Studju wieħed b'doża ta' 200 mg ta' fluconazole kuljum ma wriex titwil fl-intervall tal-QTc. Studju ieħor b'doża ta' 400 mg u 800 mg ta' fluconazole kuljum wera li fluconazole meħud f'dożi ta' 400 mg kuljum jew aktar iżid b'mod konsiderevoli l-livelli ta' terfenadine fil-plażma meta jittieħed fl-istess waqt. L-użu kkombinat ta' fluconazole f'dożi ta' 400 mg jew aktar ma' terfenadine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3). L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole f'dożi iżgħar minn 400 mg kuljum ma' terfenadine għandu jkun sorveljat b'attenzjoni.

Astemizole: L-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' astemizole jista' jnaqqas it-tneħħija ta' astemizole. Iż-żieda li tirriżulta fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' astemizole tista' twassal għat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u astemizole huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Pimozide: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' pimozide jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' pimozide. Żieda fil-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' pimozide tista' twassal għal titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u pimozide huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Quinidine: Għalkemm ma ġiex studjat *in vitro* jew *in vivo*, l-għoti konkomittanti ta' fluconazole ma' quinidine jista' jirriżulta fl-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' quinidine. L-użu ta' quinidine ġie assoċjat mat-titwil tal-QT u okkorrenzi rari ta' *torsades de pointes*. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u quinidine huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

Erythromycin: L-użu konkomittanti ta' fluconazole u erythromycin għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u erythromycin huwa kontra-indikat (ara sezzjoni 4.3).

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin ma jistax ikun rakkomandat:

Halofantrine: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjoni ta' halofantrine fil-plażma minħabba effett inibitorju fuq CYP3A4. L-użu konkomittanti ta' fluconazole u halofantrine għandu l-potenzjal li jżid ir-riskju ta' kardjotossiċità (intervall tal-QT imtawwal, *torsades de pointes*) u għalhekk ta' mewt għall-għarrieda minħabba l-qalb. Din il-kombinazzjoni għandha tiġi evitata (ara sezzjoni 4.4).

#### L-użu konkomittanti ta' dawn il-mediċini li ġejjin iwassal għal prekawzzjonijiet u aġġustamenti tad-doża:

### L-effett ta' prodotti mediċinali oħrajn fuq fluconazole

**Rifampicin:** L-użu konkormittanti ta' fluconazole u rifampicin irriżulta fi tnaqqis ta' 25% fl-AUC u f'*half-life* 20% iqsar ta' fluconazole. F'pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw rifampicin fl-istess waqt, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża ta' fluconazole.

Studji ta' interazzjoni urew li meta fluconazole orali jingħata mal-ikel, ma' cimetidine, ma' antaċidi jew wara irradjazzjoni sħiħa tal-ġisem għat-trapjant tal-mudullun, ma jseħħ l-ebda indeboliment klinikament sinifikanti tal-assorbiment ta' fluconazole.

### L-effett ta' fluconazole fuq prodotti mediċinali oħrajn

Fluconazole huwa inibitur qawwi ta' ċitokromu P450 (CYP) isoenzima 2C9 u inibitur moderat ta' CYP3A4. Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19. Minbarra l-interazzjonijiet osservati/ddokumentati msemmija hawn taħt, hemm riskju ta' żieda fil-konċentrazzjoni fil-plażma ta' komposti oħrajn metabolizzati permezz ta' CYP2C9 u CYP3A4 mogħtija flimkien ma' fluconazole. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-kombinazzjonijiet u l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati sew. L-effett ta' inibizzjoni tal-enzimi ta' fluconazole ikompli għal 4-5 ijiem wara li titwaqqaf il-kura bi fluconazole minħabba l-*half-life* twila ta' fluconazole (ara sezzjoni 4.3).

**Alfentanil:** Waqt użu konkormittanti ma' fluconazole (400 mg) u alfentanil mogħti ġol-vina (20 µg/kg) f'voluntiera b'saħħithom, l-AUC<sub>10</sub> ta' alfentanil żied bid-doppju, probabilmment minħabba l-inibizzjoni ta' CYP3A4. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' alfentanil.

**Amitriptyline, nortriptyline:** Fluconazole iżid l-effett ta' amitriptyline u ta' nortriptyline. 5-nortriptyline u/jew S-amitriptyline jistgħu jitkejlu fil-bidu tat-terapija kkombinata u wara ġimgħa. Id-doża ta' amitriptyline/nortriptyline għandha tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ.

**Amphotericin B:** L-għoti fl-istess waqt ta' fluconazole u amphotericin B fi ġrieden normali u immunosoppressi infettati ta' dawn ir-riżultati: effett żgħir antifungali addittiv fl-infezzjoni sistemika b'*C. albicans*, l-ebda interazzjoni fl-infezzjoni intrakranjali b'*Cryptococcus neoformans*, u antagoniżmu taż-żewġ mediċini fl-infezzjoni sistemika b'*A. fumigatus*. Is-sinifikat kliniku tar-riżultati miksuba f'dawn l-istudji m'huwiex magħruf.

**Antikoagulanti:** Fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, bħal fil-każ ta' antifungali azole oħrajn, ġew irrapportati avvenimenti ta' fsada (tbenġil, epistassi, fsada gastrointestinali, ematurja u melena), flimkien ma' żidiet fil-ħin tal-protrombina f'pazjenti li ngħataw fluconazole flimkien ma' warfarin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole u warfarin il-ħin ta' protrombina kien imtawwal sa darbtejn aktar, probabilmment minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' warfarin permezz ta' CYP2C9. F'pazjenti li kienu qegħdin jingħataw antikoagulanti tat-tip coumarin flimkien ma' fluconazole, il-ħin tal-protrombina għandu jiġi ssorveljat b'attenzjoni. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' warfarin.

**Benzodiazepines (ta' azzjoni qasira), i.e. midazolam, triazolam:** Wara l-għoti orali ta' midazolam, fluconazole ikkawża żidiet sostanzjali fil-konċentrazzjonijiet ta' midazolam u effetti psikomotorji. Meta fluconazole 200 mg ingħata flimkien ma' midazolam 7.5 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 3.7 u 2.2 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' midazolam rispettivament. Meta fluconazole 200 mg kuljum ingħata fl-istess waqt ma' triazolam 0.25 mg b'mod orali, kien hemm żieda ta' 4.4 u 2.3 aktar fl-AUC u l-*half-life* ta' triazolam rispettivament. Effetti ta' triazolam aktar b'saħħithom u aktar fit-tul kienu osservati waqt trattament flimkien ma' fluconazole. Jekk tkun meħtieġa l-kura konkormittanti b'benzodiazepine f'pazjenti li jkunu qegħdin jiġu kkurati b'fluconazole, għandu jiġi kkunsidrat li titnaqqas id-doża ta' benzodiazepine, u l-pazjenti għandhom jiġu ssorveljati bix-xieraq.

**Carbamazepine:** Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' carbamazepine u ġiet osservata żieda fil-carbamazepine fis-serum ta' 30%. Hemm riskju ta' żvilupp ta' tossiċità minħabba carbamazepine. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' carbamazepine skont il-kejl/l-effett tal-konċentrazzjonijiet.

Imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju: Ċerti antagonisti tal-kanali tal-kalċju (nifedipine, isradipine, amlodipine, verapamil u felodipine) huma metabolizzati b'CYP3A4. Fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika tal-antagonisti tal-kanali tal-kalċju. Huwa rrakkomandat li ssir sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi.

Celecoxib: Waqt il-kura konkometanti bi fluconazole (200 mg kuljum) u celecoxib (200 mg), is- $C_{max}$  u l-AUC ta' celecoxib żiedu bi 68% u 134%, rispettivament. Tista' tkun meħtieġa nofs id-doża ta' celecoxib meta kkombinat ma' fluconazole.

Cyclophosphamide: Kura kkombinata b'cyclophosphamide u fluconazole tirriżulta f'żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum. Il-kombinazzjoni tista' tintuża filwaqt li jiġi kkunsidrat aktar ir-riskju ta' żieda tal-bilirubin fis-serum u tal-kreatinina fis-serum.

Fentanyl: Ġie rrapportat każ wieħed fatali ta' intossikazzjoni ta' fentanyl possibbilment minħabba interazzjoni bejn fentanyl u fluconazole. Barra minn hekk, f'volontiera b'saħħithom, intwera li fluconazole ittardja b'mod sinifikanti t-tneħħija ta' fentanyl. Konċentrazzjoni għolja ta' fentanyl tista' twassal għal depressjoni respiratorja. Il-pazjenti għandhom ikunu sorveljati mill-qrib għal potenzjal ta' riskju ta' depressjoni respiratorja. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' fentanyl.

Inibituri reductase HMG CoA: Ir-riskju ta' mijopatija u rabdomijoliżi jiżdied meta fluconazole jingħata flimkien ma' inibituri reductase HMG-CoA metabolizzati permezz ta' CYP3A4, bħal atorvastatin u simvastatin, jew permezz ta' CYP2C9, bħal fluvastatin. Jekk tkun meħtieġa kura konkometanti, il-pazjent għandu jkun osservat għal sintomi ta' mijopatija u rabdomijoliżi u l-kinase tal-kreatinina għandu jiġi sorveljat. L-inibituri reductase HMG-CoA għandhom jitwaqqfu jekk tkun osservata żieda notevoli fil-kinase tal-kreatinina jew jekk tiġi dijanjostikata jew issuspettata xi mijopatija/rabdomijoliżi.

Immunosuppressuri (i.e. ciclosporin, everolimus, sirolimus u tacrolimus):

Ciclosporin: Fluconazole iżid b'mod sinifikanti l-konċentrazzjoni u l-AUC ta' ciclosporin. Waqt il-kura fl-istess waqt bi fluconazole 200 mg kuljum u ciclosporin (2.7 mg/kg/jum) kien hemm żieda ta' 1.8 aktar fl-AUC ta' ciclosporin. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża billi titnaqqas id-doża ta' ciclosporin skont il-konċentrazzjoni ta' ciclosporin.

Everolimus: Għalkemm ma ġiex studjat in vivo jew in vitro, fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet ta' everolimus fis-serum permezz ta' inibizzjoni ta' CYP3A4.

Sirolimus: Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' sirolimus fil-plażma preżumibbilment billi jinibixxi l-metaboliżmu ta' sirolimus permezz ta' CYP3A4 u P-glycoprotein. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża b'aġġustament tad-doża ta' sirolimus skont il-kejl tal-effett/tal-konċentrazzjoni.

Tacrolimus: Fluconazole jista' jżid il-konċentrazzjonijiet fis-serum ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq sa 5 darbiet minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu ta' tacrolimus permezz ta' CYP3A4 fl-intestini. Ma ġewx osservati bidliet farmakokinetiċi sinifikanti meta tacrolimus jingħata minn ġol-vini. Żieda fil-livelli ta' tacrolimus ġiet assoċjata ma' nefrotossiċità. Id-doża ta' tacrolimus mogħti mill-ħalq għandha titnaqqas skont il-konċentrazzjoni ta' tacrolimus.

Losartan: Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu ta' losartan għall-metabolit attiv tiegħu (E-31 74) li huwa responsabbli għall-parti l-kbira tal-antagonismu tar-riċettur tal-angotensina II li jseħħ waqt il-kura b'losartan. Il-pazjenti għandu jkollhom il-pessjoni tad-demmi tagħhom sorveljata kontinwament.

Methadone: Fluconazole jista' jtejjeb il-konċentrazzjoni ta' methadone fis-serum. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' methadone.

**Mediċini mhux steroidi kontra l-infjammazzjoni:** Is- $C_{max}$  u l-AUC ta' flurbiprofen żdiedu bi 23% u 81%, rispettivament, meta ngħataw flimkien ma' fluconazole meta mqabbel mal-għoti ta' flurbiprofen waħdu. Bl-istess mod, is- $C_{max}$  u l-AUC tal-isomeru attiv farmakoloġikament [S-(+)-ibuprofen] żdiedu bi 15% u 82%, rispettivament, meta fluconazole ingħata flimkien ma' ibuprofen raċemiku (400 mg) meta mqabbel mal-għoti ta' ibuprofen raċemiku waħdu.

Għalkemm ma ġiex studjat b'mod speċifiku, fluconazole għandu l-potenzjal li jżid l-espożizzjoni sistemika ta' NSAIDs oħrajn li huma metabolizzati permezz ta' CYP2C9 (eż. naproxen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac). Hija rrakkomandata sorveljanza regolari għal avvenimenti avversi u tossiċità relatati mal-NSAIDs. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża tal-NSAIDs.

**Phenytoin:** Fluconazole jinibixxi l-metaboliżmu epatiku ta' phenytoin. L-għoti b'mod repetut fl-istess waqt ta' 200 mg fluconazole u 250 mg phenytoin mogħti ġol-vina, ikkawża żieda fl-AUC<sub>24</sub> ta' phenytoin b' 75% u f' $C_{min}$  b' 128%. Meta jingħataw flimkien, il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' phenytoin fis-serum għandhom jiġu ssorveljati sabiex tiġi evitata t-tossiċità b'phenytoin.

**Prednisone:** Kien hemm rapport ta' każ li pazjent bil-fwied trapjantat ikkurat bi prednisone żviluppa insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenalni meta twaqqfet il-kura ta' tliet xhur bi fluconazole. It-twaqqif ta' fluconazole preżumibbilment ikkawża attività msaħħa ta' CYP3A4 li wasslet għal żieda fil-metaboliżmu ta' prednisone. Pazjenti fuq kura fit-tul bi fluconazole u prednisone għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal insuffiċjenza akuta tal-kortiċi adrenalni meta jitwaqqaf fluconazole.

**Rifabutin:** Fluconazole iżid il-konċentrazzjonijiet ta' rifabutin fis-serum, li jwassal għal żieda fl-AUC ta' rifabutin sa 80%. Kien hemm rapporti ta' uveite f'pazjenti li ngħataw fluconazole u rifabutin flimkien. F'terapija kkombinata, għandhom jiġu kkunsidrati s-sintomi ta' tossiċità b'rifabutin.

**Saquinavir:** Fluconazole iżid l-AUC u is- $C_{max}$  ta' saquinavir b'madwar 50% u 55%, rispettivament minħabba l-inibizzjoni tal-metaboliżmu epatiku ta' saquinavir permezz ta' CYP3A4 u l-inibizzjoni ta' P-glycoprotein. L-interazzjoni ma' saquinavir/ritonavir għada ma ġietx studjata u tista' tkun aktar b'saħħita. Jista' jkun meħtieġ l-aġġustament tad-doża ta' saquinavir.

**Sulfonylureas:** Fluconazole intwera li jtawwal il-half-life fis-serum ta' sulfonylureas mogħtija mill-ħalq fl-istess waqt (eż., chlorpropamide, glibenclamide, glipizide, tolbutamide) f'voluntiera b'saħħithom. Hija rrakkomandata sorveljanza regolari taz-zokkor fid-demm u għandu jkun hemm tnaqqis xieraq tad-doża ta' sulfonylurea waqt l-għoti taż-żewġ mediċini.

**Theophylline:** Fi studju ta' interazzjoni kkontrollat bil-plaċebo, l-għoti ta' fluconazole 200 mg għal 14-il jum irriżulta fi tnaqqis ta' 18% tar-rata ta' tneħħija medja ta' theophylline mill-plażma. Pazjenti li jkunu qegħdin jingħataw doża għolja ta' theophylline jew li b'xi mod huma f'riskju akbar ta' tossiċità b'theophylline għandhom jiġu osservati għal sinjali ta' tossiċità b'theophylline waqt li jingħataw fluconazole. It-terapija għandha tinbidel jekk jiżviluppaw sinjali ta' tossiċità.

**Vinca alkaloids:** Għalkemm ma ġiex studjat, fluconazole jista' jżid il-livelli tal-vinca alkaloids (eż. vincristine u vinblastine) fil-plażma u jwassal għal newrotossiċità, li probabbilment hija dovuta għall-effett inibitorju fuq CYP3A4.

**Vitamina A:** Ibbażat fuq rapport ta' każ f'pazjent wieħed li kien qed jingħata kura kkombinata ta' *all-trans-retinoid acid* (forma aċida tal-vitamina A) u fluconazole, żviluppaw effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS (sistema nervuża ċentrali) fil-forma ta' pseudotumor *cerebri*, li għeb wara li twaqqfet il-kura bi fluconazole. Din il-kombinazzjoni tista' tintuża iżda għandha titfakkar l-inċidenza ta' effetti mhux mixtieqa relatati mas-CNS.

**Voriconazole:** (inibituri ta' CYP2C9 u CYP3A4): L-għoti fl-istess waqt ta' voriconazole mill-ħalq (400 mg Q12h għal ġurnata, mbagħad 200 mg Q12h għal 2.5 ġranet) u fluconazole mill-ħalq (400 mg fl-ewwel ġurnata, mbagħad 200 mg Q24h għal 4 ġranet) lil 8 suġġetti maskili b'saħħithom irriżulta f'żieda f' $C_{max}$  u AUC<sub>τ</sub> ta' voriconazole b'medja ta' 57% (90% CI: 20%, 107%) u 79% (90% CI: 40%, 128%), rispettivament. Id-doża mnaqqsa u/jew il-frekwenza ta' voriconazole u fluconazole li telimina

dan l-effett għadha ma ġietx stabillita. Huwa rakkomandat li avvenimenti avversi assoċjati ma' voriconazole għandhom jiġu ssorveljati jekk voriconazole jintuża wara fluconazole.

Zidovudine: Fluconazole iżid is- $C_{max}$  u l-AUC ta' zidovudine b'84% u b'74%, rispettivament, minħabba tnaqqis ta' madwar 45% fit-tneħħija orali ta' zidovudine. Il-half-life ta' zidovudine ittawlet ukoll b' madwar 128% wara terapija kkombinata bi fluconazole. Pazjenti li jingħataw din il-kombinazzjoni għandhom jiġu ssorveljati għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet avversi relatati ma' zidovudine. Jista' jiġi kkunsidrat it-tnaqqis tad-doża ta' zidovudine.

Azithromycin: Studju *open-label*, b'mod fortuwitu, *crossover* fi tliet modi f' 18-il suġġett b'saħħtu evalwa l-effett ta' doża orali waħda ta' 1200 mg ta' azithromycin fuq il-farmakokinetika ta' doża orali waħda ta' 800 mg ta' fluconazole kif ukoll l-effetti ta' fluconazole fuq il-farmakokinetika ta' azithromycin. Ma kien hemm l-ebda interazzjoni farmakokinetika sinifikanti bejn fluconazole u azithromycin.

Kontraċettivi orali: Saru żewġ studji farmakokinetiċi b'kontraċettivi orali kkombinat bl-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole. Ma kienx hemm effetti rilevanti fuq il-livell tal-ormoni fl-istudju b'50 mg ta' fluconazole, filwaqt li b'200 mg kuljum, l-AUCs ta' ethinyl estradiol u levonorgestrel żdiedu b'40% u 24%, rispettivament. Għalhekk, l-użu ta' diversi dożi ta' fluconazole f'dawn id-dożi m'għandux ikollu effett fuq l-effikaċja tal-kontraċettivi orali kkombinat.

#### 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

##### Tqala

Informazzjoni minn diversi mijiet ta' nisa tqal ikkurati b'dożi standard (<200 mg/kuljum) ta' fluconazole, mogħti bħala doża waħda jew ripetuta fl-ewwel erba' xhur, ma turi l-ebda effett mhux mixtieq fil-fetu.

Kien hemm rapporti ta' diversi anormalitajiet konġenitali (inkluż brakiċefalija, displasja tal-widnejn, fontanelle ta' quddiem kbira, tgħawwiġ tal-wirk u sinostosi radjo-umerali) fi trabi li l-ommijiet tagħhom kienu kkurati għal mill-inqas tliet xhur jew aktar b'dożi għoljin (400-800 mg kuljum) ta' fluconazole għal *coccidioidomycosis*. Ir-relazzjoni bejn l-użu ta' fluconazole u dawn l-avvenimenti m'hijiex ċara.

Studji fl-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara sezzjoni 5.3).

Fluconazole f'dożi standard u f'kuri għal żmien qasir m'għandux jintuża fit-tqala sakemm ma jkunx meħtieġ b'mod ċar.

Fluconazole f'dożi għoljin u/jew fi skedi twal ma għandux jintuża waqt it-tqala ħlief f'każijiet ta' infezzjonijiet li jkunu ta' theddida għall-ħajja.

##### Treddigħ

Fluconazole jgħaddi fil-ħalib tas-sider sabiex jilħaq konċentrazzjonijiet iżgħar minn dawk fil-plażma. It-treddigħ jista' jibqa' jsir wara użu wiehied ta' doża standard ta' 200 mg fluconazole jew inqas. It-treddigħ m'huwix rakkomandat wara użu ripetut jew wara dożi għoljin ta' fluconazole.

##### Fertilità

Fluconazole ma affettwax il-fertilità tal-firien irġiel jew nisa (ara sezzjoni 5.3)

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sar l-ebda studju fuq l-effetti ta' Diflucan fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni. Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija dwar il-possibbiltà ta' sturdament jew aċċessjonijiet (ara sezzjoni 4.8) waqt li jkunu qegħdin jieħdu Diflucan u għandhom jingħataw il-parir li ma jsuqux jew ma jħaddmux magni jekk ikollhom xi wiehied minn dawn is-sintomi.

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-aktar reazzjonijiet avversi li ġew irrappurtati b' mod frekwenti ( $>1/10$ ) kienu uġigħ ta' ras, uġigħ fl-addome, dijareja, nawsja, rimettar, żieda fl-alanine aminotransferase, żieda fl-aspartate aminotransferase, żieda fl-alkaline phosphatase tad-demmm u raxx.

Dawn ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin kienu osservati u rrapportati waqt il-kura b' Diflucan fil-frekwenzi li ġejjin: Komuni (ħafna ( $\geq 1/10$ ); komuni ( $\geq 1/100$  sa  $<1/10$ ); mhux komuni ( $\geq 1/1,000$  sa  $<1/100$ ); rari ( $\geq 1/10,000$  sa  $<1/1,000$ ); rari ħafna ( $<1/10,000$ ), mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

| Sistema tal-Klassifika tal-Organi                     | Komuni                                                                                                                                                                    | Mhux komuni                                                                                                | Rari                                                                                                                                                                                                                      |
|-------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Disturbi tad-demmm u tas-sistema limfatika            |                                                                                                                                                                           | Anemija                                                                                                    | Agranuloċitożi, lewkopenja, tromboċitopenja, newtropenja                                                                                                                                                                  |
| Disturbi fis-sistema immuni                           |                                                                                                                                                                           |                                                                                                            | Anafilassi                                                                                                                                                                                                                |
| Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni              |                                                                                                                                                                           | Nuqqas fl-aptit                                                                                            | Iperkolesterolimja, ipertrigliċeridemija, ipokalemija                                                                                                                                                                     |
| Disturbi psikjatriċi                                  |                                                                                                                                                                           | Ngħas, insomnja                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fis-sistema nervuża                          | Uġigħ ta' ras                                                                                                                                                             | Aċċessjonijiet, parestesija, sturdament, bidliet fit-togħma                                                | Rogħda                                                                                                                                                                                                                    |
| Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika        |                                                                                                                                                                           | Vertigo                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-qalb                                     |                                                                                                                                                                           |                                                                                                            | Torsade de pointes (ara sezzjoni 4.4), titwil tal-QT (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   |
| Disturbi gastro-intestinali                           | Uġigħ fl-addome, rimettar, dijarea, nawsja                                                                                                                                | Stitikezza, dispepsja, gass fl-istonku, ħalq xott                                                          |                                                                                                                                                                                                                           |
| Disturbi fil-fwied u fil-marrara                      | Żieda fl-alanine aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda fl-aspartate aminotransferase (ara sezzjoni 4.4), żieda tal-alkaline phosphatase fid-demmm (ara sezzjoni 4.4) | Kolestasi (ara sezzjoni 4.4), suffejra (ara sezzjoni 4.4), żieda fil-bilirubin (ara sezzjoni 4.4)          | Insuffiċjenza epatika (ara sezzjoni 4.4), nekrożi epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4), epatite (ara sezzjoni 4.4), ħsara epatoċellulari (ara sezzjoni 4.4)                                                                  |
| Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda    | Raxx (ara sezzjoni 4.4)                                                                                                                                                   | Feġġa ta' raxx minħabba l-mediċina (ara sezzjoni 4.4), urtikarja (ara sezzjoni 4.4), ħakk, żieda fl-għaraq | Nekrożi tossika tal-ġilda, (ara sezzjoni 4.4), is-sindromu ta' Stevens-Johnson (ara sezzjoni 4.4), pustulozi ekzantematuża mifruxa akuta (ara sezzjoni 4.4), dermatite esfoljattiva, anġjoedema, edema fil-wiċċ, alopeċja |
| Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi |                                                                                                                                                                           | Mijaġġa                                                                                                    |                                                                                                                                                                                                                           |

|                                                               |  |                             |  |
|---------------------------------------------------------------|--|-----------------------------|--|
| <b>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata</b> |  | Għeja, telqa, astenja, deni |  |
|---------------------------------------------------------------|--|-----------------------------|--|

#### Popolazzjoni pedjatrika

Il-mudell u l-inċidenza tar-reazzjonijiet avversi u anormalitajiet fil-laboratorju rreġistrati waqt provi kliniċi pedjatriċi huma simili għal dawk li jidhru fl-adulti.

### **4.9 Doża eċċessiva**

Kien hemm rapporti ta' doża eċċessiva b'Diflucan u magħhom ġew irrapportati alluċinazzjonijiet u mgħiba paranojja.

F'każ ta' doża eċċessiva, tista' tkun meħtieġa kura sintomatika (b'miżuri ta' appoġġ u tbatil tal-istonku jekk ikun meħtieġ).

Fluconazole fil-parti l-kbira jitneħħa fl-awrina; dijureżi ta' volum sfurzata aktarx li żżid ir-rata ta' tneħħija. Sessjoni ta' emodjaliżi ta' tliet sigħat tnaqqas il-livelli fil-plażma b'madwar 50%.

## **5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU**

### **5.1 Tagħrif farmakodinamiku**

#### Klassifikazzjoni ATC

Kategorija farmakoterapewtika: Antimijotiċi għal użu sistemiku, derivattivi triazole, Kodiċi ATC: J02AC01.

#### Metodu ta' azzjoni

Fluconazole huwa sustanza antifungali triazole. Il-metodu ta' azzjoni ewlieni tiegħu huwa l-inibizzjoni taċ-ċitokromu fungali P-450 permezz ta' *14 alpha-lanosterol demethylation*, pass essenzjali fil-bijosintesi tal-ergosterol fungali. L-akkumulazzjoni ta' *14 alpha-methyl sterols* tikkorrispondi mat-telf sussegwenti ta' ergosterol fil-membrana taċ-ċellola fungali u tista' tkun responsabbli għall-attività antifungali ta' fluconazole. Fluconazole intwera li huwa aktar selettiv għall-enzimi taċ-ċitokromu fungali P-450 milli għal diversi sistemi mammiiferi tal-enzimi taċ-ċitokromu P-450.

Fluconazole 50 mg kuljum mogħti għal 28 jum intwera li ma jaffettwax il-konċentrazzjonijiet fil-plażma tat-testosterone fl-irġiel jew il-konċentrazzjoni ta' steroidi fin-nisa ta' età li jkollhom it-tfal. Fluconazole 200 mg sa 400 mg kuljum m'għandu l-ebda effett klinikament sinifikanti fuq livelli ta' steroidi endoġeni jew fuq ir-reazzjoni stimulata mill-ACTH f'voluntiera rġiel b'saħħithom. Studji ta' interazzjoni b'antipyrine jindikaw li doża waħda jew dożi multipli ta' fluconazole 50 mg ma jaffettwawx il-metaboliżmu tiegħu.

#### Suxxettibbiltà in vitro

*In vitro*, fluconazole juri attività antifungali kontra l-ispeċijiet ta' *Candida* l-aktar komuni klinikament (inklużi *C. albicans*, *C. parapsilosis*, *C. tropicalis*). *C. glabrata* turi medda wiesgħa ta' suxxettibbiltà filwaqt li *C. krusei* hija reżistenti għal fluconazole.

Fluconazole juri wkoll attività in vitro kontra *Cryptococcus neoformans* u *Cryptococcus gattii* kif ukoll il-fungi endemiċi *Blastomyces dermatitidis*, *Coccidioides immitis*, *Histoplasma capsulatum* u *Paracoccidioides brasiliensis*.

#### Ir-relazzjoni FK/FD

Fi studji fuq l-annimali, hemm korrelazzjoni bejn il-valuri MIC u l-effikaċja kontra mikozi sperimentali minħabba *Candida* spp. Fi studji kliniċi, hemm relazzjoni lineari ta' kważi 1:1 bejn l-AUC u d-doża ta' fluconazole. Hemm ukoll relazzjoni diretta għalkemm mhux perfetta bejn l-AUC jew doża u reazzjoni klinika ta' suċċess ta' kandidjozi orali u sa ċertu punt inqas ta' kandidemja għall-kura. Bl-istess mod, il-kura hija inqas probabbli għall-infezzjonijiet ikkawżati minn razez b'MIC ogħla ta' fluconazole.

### Mekkaniżmu(i) ta' reżistenza

*Candida* spp żviluppaw għadd ta' mekkaniżmi ta' reżistenza għas-sustanzi antifungali azole. Razez fungali li żviluppaw xi wieħed jew aktar minn dawn il-mekkaniżmi ta' reżistenza huma magħrufin li juru konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (*minimum inhibitory concentrations* – MICs) għoljin għal fluconazole li jaffettwa b'mod avvers l-effikaċja *in vivo* u dik klinika.

Kien hemm rapporti ta' superinfazzjoni bi speċijiet ta' *Candida* minbarra *C. albicans*, li naturalment spiss ma jkunux suxxettibbli għal fluconazole (eż. *Candida krusei*). Każijiet bħal dawn ikunu jeħtieġu kura antifungali alternattiva.

Breakpoints (skont EUCAST) Skont l-analiżi ta' informazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (FK/FD), is-suxxettibbiltà *in vitro* u r-reazzjoni klinika EUCAST-AFST (*European Committee on Antimicrobial susceptibility Testing-subcommittee on Antifungal Susceptibility Testing*) – Il-Kumitat Ewropew għall-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antimikrobjali-Sottokumitat dwar l-Ittestjar tas-Suxxettibbiltà Antifungali) stabbilixxa *breakpoints* għal fluconazole għall-ispeċijiet *Candida* (EUCAST Dokument razzjonali għal Fluconazole (2007)-verżjoni 2). Dawn ġew maqsuma fi *breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet; li ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi, u *breakpoints* relatati mal-ispeċijiet għal daww l-ispeċijiet li huma assoċjati l-aktar mal-infezzjoni fil-bniedem. Dawn il-*breakpoints* jingħataw fit-tabella hawn taħt:

| <i>Antifungali</i> | <i>Breakpoints relatati mal-ispeċijiet (S≤/R&gt;)</i> |                         |                       |                             |                           | <i>Breakpoints mhux relatati mal-ispeċijiet</i><br><i>A</i> |
|--------------------|-------------------------------------------------------|-------------------------|-----------------------|-----------------------------|---------------------------|-------------------------------------------------------------|
|                    | <i>Candida albicans</i>                               | <i>Candida glabrata</i> | <i>Candida krusei</i> | <i>Candida parapsilosis</i> | <i>Candida tropicalis</i> | <i>S≤/R&gt;</i>                                             |
| <i>Fluconazole</i> | 2/4                                                   | IE                      | --                    | 2/4                         | 2/4                       | 2/4                                                         |

S = Suxxettibbli, R = Reżistenti

A. = *Breakpoints* mhux relatati mal-ispeċijiet ġew stabbiliti primarjament fuq il-bażi ta' informazzjoni FK/FD u huma indipendenti mid-distribuzzjonijiet tal-MIC ta' speċijiet speċifiċi. Dawn jintużaw biss għal organiżmi li m'għandhomx *breakpoints* speċifiċi.

-- = L-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhux rakkomandat minħabba li l-ispeċi hija mira fqira għall-kura b'din il-mediċina.

IE = M'hemmx biżżejjed provi li l-ispeċi inkwistjoni hija mira tajba għall-kura b'din il-mediċina.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' fluconazole huma simili wara l-għoti minn ġol-vini jew mill-ħalq.

### Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, fluconazole jiġi assorbit sew, u l-livelli fil-plażma (u l-bijodisponibbiltà sistemika) ikunu ogħla minn 90% tal-livelli miksuba wara l-għoti minn ġol-vini. L-assorbiment orali m'huwiex affettwat bit-teħid tal-ikel fl-istess waqt. L-ogħla konċentrazzjonijiet fil-plażma fi stat sajjem iseħħu bejn 0.5 u 1.5 sigħat wara d-doża. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma huma proporzjonati għad-doża. Livelli ta' disġin fil-mija fi stat fiss jintlaħqu sar-4-5 jum b'dożi multipli ta' doża waħda kuljum. L-għoti ta' doża inizjali għolja (fl-1 jum) ta' darbtejn id-doża normali ta' kuljum tippermetti li l-livelli fil-plażma jaslu għal-livelli ta' madwar 90% fi stat fiss sat-2 jum.

### Distribuzzjoni

Il-volum apparenti ta' distribuzzjoni joqrob l-ilma totali tal-ġisem. L-irbit mal-proteini fil-plażma huwa baxx (11-12%).

Fluconazole jikseb penetrazzjoni tajba fil-fluwidi tal-ġisem kollha studjati. Il-livelli ta' fluconazole fil-bżieq u l-isputum huma simili għal-livelli fil-plażma. F'pazjenti b'meninġite fungali, il-livelli ta' fluconazole fis-CSF huma madwar 80% tal-livelli fil-plażma korrispondenti.

Konċentrazzjoni għolja ta' fluconazole fil-ġilda, ogħla mill-konċentrazzjonijiet fis-serum, jinkisbu fl-istratum corneum, fl-epidermis-dermis u fl-għaraq tal-eccrine. Fluconazole jakkumula fl-istratum corneum. F'doża ta' 50 mg darba kuljum, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole wara 12-il jum kienet ta' 73 µg/g u 7 ijiem wara l-waqfien tat-trattament il-konċentrazzjoni kienet għadha 5.8 µg/g. Fid-doża ta' darba fil-ġimgħa ta' 150 mg, il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fl-istratum corneum fis-7 jum kienet ta' 23.4 µg/g u 7 ijiem wara t-tieni doża kienet għadha 7.1 µg/g.

Il-konċentrazzjoni ta' fluconazole fid-dwiefer wara 4 xhur minn dożaġġ ta' 150 mg darba f'ġimgħa kienet ta' 4.05 µg/g fi dwiefer b'saħħithom u 1.8 µg/g fi dwiefer morda; u, fluconazole kien għadu jista' jitkejjel f'kampjuni ta' dwiefer 6 xhur wara t-tmien tal-kura.

#### Bijotrasformazzjoni

Fluconazole huwa metabolizzat biss sa ċertu punt. Minn doża radjuattiva, 11% biss jitneħħa f'għamla mibdula fl-awrina. Fluconazole huwa inibitur selettiv tal-isożimi CYP2C9 u CYP3A4 (ara sezzjoni 4.5). Fluconazole huwa wkoll inibitur tal-isożima CYP2C19.

#### Tneħħija

Il-*half-life* ta' tneħħija mill-plażma għal fluconazole hija ta' madwar 30 siegħa. Ir-rotta ewlenija ta' tneħħija hija renali, b'madwar 80% tad-doża mogħtija tidher fl-awrina bħala medikament mhux mibdula. It-tneħħija ta' fluconazole hija proporzjonali mat-tneħħija tal-kreatinina. M'hemmx evidenza ta' metaboliti jiċċirkolaw.

Il-*half-life* twil ta' tneħħija mill-plażma jipprovdni l-bażi għall-kura b'doża waħda għall-kandidjażi vaġinali, dożar ta' darba kuljum u ta' darba fil-ġimgħa għal indikazzjonijiet oħrajn.

#### Farmakokinetika fl-indeboliment renali

F'pazjenti b'insuffiċjenza renali severa, (GFR < 20 ml/min) il-*half-life* żdiedet minn 30 sa 98 siegħa. Għalhekk, jeħtieġ tnaqqis tad-doża. Fluconazole jitneħħa bl-*emodjaliżi* u sa ċertu punt inqas permezz ta' *dijaliżi peritoneali*. Wara sessjoni ta' *emodjaliżi* ta' tliet sigħat, madwar 50% ta' fluconazole jitneħħa mid-demm.

#### Farmakokinetika fit-tfal

Informazzjoni farmakokinetika ġiet evalwata għal 113-il pazjent pedjatriku minn 5 studji; 2 studji ta' doża waħda, 2 studji ta' dożi multipli, u studju fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-informazzjoni minn studju minnhom ma setgħetx tiġi interpretata minħabba bidliet fis-sekwenza tal-formulazzjoni matul l-istudju. Informazzjoni oħra kienet disponibbli minn studju ta' użu b'kompassjoni.

Wara l-għoti ta' 2-8 mg/kg fluconazole lil tfal ta' bejn id-9 xhur u l-15-il sena, instab AUC ta' madwar 38 µg·h/ml għal kull 1 mg/kg unitajiet ta' doża. Il-*half-life* medja ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma kienet tvarja bejn il-15 u t-18-il siegħa u l-volum ta' distribuzzjoni kien ta' madwar 880 ml/kg wara dożi multipli. *Half-life* ogħla ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma ta' madwar 24 siegħa instabet wara doża waħda. Dan huwa simili għall-*half-life* ta' eliminazzjoni ta' fluconazole mill-plażma wara għotja waħda ta' 3 mg/kg i.v. lil tfal ta' bejn 11-il jum -11-il xahar. Il-volum ta' distribuzzjoni f'dan il-grupp ta' età kien ta' madwar 950 ml/kg.

L-esperjenza bi fluconazole fit-trabi hija limitata għal studji farmakokinetiċi fi trabi li twieldu qabel iż-żmien. L-età medja fl-ewwel doża kienet ta' 24 siegħa (medda ta' 9-36 siegħa) u l-piż medju fit-twelid kien ta' 0.9 kg (medda ta' 0.75-1.10 kg) għal 12-il tarbija li twieldu qabel iż-żmien ta' ġestazzjoni medja ta' madwar 28 ġimgħa. Seba' pazjenti lestew il-protokoll; ingħataw massimu ta' ħames infużjonijiet minn ġol-vini ta' 6 mg/kg ta' fluconazole kull 72 siegħa. Il-*half-life* medja (sigħat) kienet 74 (medda ta' 44-185) fl-1 jum li naqset, mal-ħin għal medja ta' 53 (medda ta' 30-131) fis-7 jum u 47 (medda ta' 27-68) fit-13-il jum. Iż-żona taħt il-kurva (mikrogramm·h/ml) kienet 271 (medda ta' 73-385) fl-1 jum u żdiedet b'medja ta' 490 (medda ta' 292-734) fis-7 jum u naqset b'medja ta' 360 (medda ta' 167-566) fit-13-il jum. Il-volum

ta' distribuzzjoni (ml/kg) kien ta' 1183 (medda ta' 1070-1470) fl-1 jum u żdiedet, mal-ħin, għal medja ta' 1184 (medda ta' 510-2130) fis-7 jum u 1328 (medda ta' 1040-1680) fit-13-il jum.

#### Farmakokinetika fl-anzjani

Sar studju farmakokinetiku fi 22 suġġett, ta' 65 sena jew aktar li ngħataw doża orali waħda ta' 50 mg ta' fluconazole. Għaxra minn dawn il-pazjenti kienu qegħdin jingħataw dijuretiċi fl-istess waqt. Is- $C_{max}$  kien 1.54 µg/ml u seħħ 1.3 sigħat wara d-doża. L-AUC medju kien ta'  $76.4 \pm 20.3$  µg·h/ml, u l-*half-life* terminali medju kien ta' 46.2 sigħat. Dawn il-valuri ta' parametri farmakokinetiċi huma oġġla mill-valuri analogi rrapportati għal voluntiera rġiel żgħażaġħ normali. L-ġħoti fl-istess waqt ta' dijuretiċi ma bidilx b'mod sinifikanti l-AUC jew is- $C_{max}$ . Barra minn hekk, it-tneħħija tal-kreatinina (74 ml/min), il-perċentwal ta' mediċina rkuprat mhux mibdul fl-awrina (0-24 siegħa, 22%) u l-istimi ta' tneħħija renali ta' fluconazole (0.124 ml/min/kg) għall-anzjani kienu ġeneralment aktar baxxi minn daww ta' voluntiera aktar żgħar. Għalhekk, il-bidla tad-dispożizzjoni ta' fluconazole fl-anzjani tidher li hija relatata ma' funzjoni renali mnaqqsa karatteristika ta' dan il-grupp.

### **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

L-effetti fi studji mhux kliniċi ġew osservati biss f'espożizzjonijiet meqjusa suffiċjentement akbar mill-espożizzjoni tal-bniedem, fatt li jindika ftit rilevanza għall-użu kliniku.

#### Karċinogenezi

Fluconazole ma wera l-ebda evidenza ta' potenzjal karċinoġeniku fil-ġrieden u l-firien ikkurati mill-ħalq għal 24 xahar f'dożi ta' 2.5, 5, jew 10 mg/kg/jum (madwar 2-7 darbiet id-doża rakkomandata fil-bniedem). Il-firien irġiel ikkurati b'5 u 10 mg/kg/jum kellhom aktar inċidenza ta' adenomi epatoċellulari.

#### Tossiċità riproduttiva

Fluconazole ma affettwax il-fertilità ta' firien irġiel jew nisa kkurati mill-ħalq b'dożi ta' kuljum ta' 5, 10, jew 20 mg/kg jew b'dożi parenterali ta' 5, 25, jew 75 mg/kg.

Ma kienx hemm effetti fuq il-fetu f'5 jew 10 mg/kg; ġew osservati varjanti anatomiċi fil-fetu (kustilji supernumerarji, dilazzjoni tal-pelvi renali) u dewmien fl-ossifikazzjoni f'25 u 50 mg/kg u dożi oġġla. F'dożi li jvarjaw minn 80 mg/kg sa 320 mg/kg żdiedet il-mewt tal-embriju fil-firien u l-anormalitajiet fil-fetu kienu jinkludu kustilji mmewġa, palat mixquq, u ossifikazzjoni anormali tal-kranju u tal-wiċċ. Il-bidu tal-ħlas ittardja xi ftit b'doża ta' 20 mg/kg mill-ħalq u ġew osservati distoċja u titwil tal-ħlas f'xi ftit nisa b'20 mg/kg u 40 mg/kg minn ġol-vini. Id-disturbi fil-ħlas kienu riflessi b'żieda żgħira fl-ġħadd ta' frieħ li twieldu mejta u tnaqqis fis-sopravvivenza tal-frieħ f'dawn il-livelli ta' dożi. Dawn l-effetti fuq il-ħlas huma konsistenti mal-karatteristika ta' tnaqqis tal-estroġeni speċifika għall-ispeċi prodott permezz ta' dożi għoljin ta' fluconazole. Bidla fl-ormoni bħal din ma ġietx osservata f'nisa kkurati bi fluconazole (ara sezzjoni 5.1).

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

Sodium chloride  
Ilma għall-injezzjonijiet  
Sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH)

### **6.2 Inkompatibilitajiet**

Dan il-prodott mediċinali ma għandux jitħallat ma' prodotti mediċinali oħrajn għajr daww imsemmija fis-sezzjoni 6.6.

### **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

Kunjetti tal-ġieġ: 5 snin.

Boroż tal-PVC bil-plastik: 18-il xahar.

Dan il-prodott mediċinali għandu jintuża darba biss. Ladarba miftuħ, kull infużjoni mhux użata għandha tintrema.

#### 6.4 Prekawżjonijiet speċjali għall-ħażna

Kunjetti tal-ġieġ: Tagħmlux fil-friża.

Boroż tal-PVC bil-plastik: Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friża.

Minn lat mikrobijoloġiku, id-dilwizzjonijiet għandhom jintużaw minnufih. Jekk ma jintużawx minnufih, il-ħinijiet ta' ħżin waqt l-użu u l-kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-pazjent u normalment ma jkunux itwal minn 24 siegħa f'2 sa 8°C, sakemm ma tkunx saret dilwizzjoni f'kundizzjonijiet azzettati kkontrollati u vvalidati.

#### 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Kunjett tal-ġieġ Tip I ċar ta' infużjoni ssiġillat magħluq b'tappijiet tal-gomma u b'kaġep tal-aluminju.

Boroż tal-PVC bil-plastik.

Daqsijiet tal-pakkett: kunjetti tal-ġieġ ta' 30, 50, 100 jew 250 ml.  
1, 5, 10, 20 boroż tal-PVC bil-plastik (100 jew 200 ml).

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għal skop kummerċjali.

#### 6.6 Prekawżjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

Fluconazole infużjoni ġol-vina huwa kompatibbli mal-fluwidi ta' amministrazzjoni li ġejjin:

- a) Dextrose 5% u 20%
- b) soluzzjoni ta' Ringer
- c) soluzzjoni ta' Hartmann
- d) Potassium chloride f'dextrose
- e) Sodium bicarbonate 4.2% u 5%
- f) Aminosyn 3.5%
- g) Sodium chloride 9 mg/ml (0.9%)
- h) Dialaflex (dijaliżi interperitoneali Soln 6.36%)

Fluconazole jista' jingħata b'infużjoni permezz ta' linja eżistenti ma' wieħed mill-fluwidi elenkati hawn fuq. Għalkemm ma ġew innotati ebda inkompatibilitajiet speċifiċi, it-taħlit ma' kwalunkwe prodott mediċinali ieħor qabel l-infużjoni mhuwiex rakkomandat.

Is-soluzzjoni għal infużjoni għandha tintuża darba biss.

Id-dilwizzjoni għandha ssir taħt kundizzjonijiet azzettati. Is-soluzzjoni għandha tiġi spezzjonata viżwalment għal xi frak u telf fil-kulur qabel l-għoti. Is-soluzzjoni għandha tintuża biss jekk is-soluzzjoni tkun ċara u ħielsa mill-frak.

Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

### 7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

## **10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {isem tal-SM/Aġenzija}  
[Sabiex timtela mill-pajjiż].

**TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****KARTUNA (kapsuli)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg kapsuli iebsin  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 150 mg.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih lactose monohydrate.  
Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

1 kapsula iebsa.

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu orali.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Aħżen f' temperatura taħt 30°C.

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                                                    |
|--------------------------------------------------------------------|
| <b>TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW L-ISTRIXXI</b> |
|--------------------------------------------------------------------|

|                        |
|------------------------|
| <b>FOLJI (kapsuli)</b> |
|------------------------|

|                                       |
|---------------------------------------|
| <b>1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI</b> |
|---------------------------------------|

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness 1) 150 mg kapsula iebsa  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

|                                                                      |
|----------------------------------------------------------------------|
| <b>2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ</b> |
|----------------------------------------------------------------------|

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                 |
|---------------------------------|
| <b>3. DATA TA' META JISKADI</b> |
|---------------------------------|

JIS

|                          |
|--------------------------|
| <b>4. NUMRU TAL-LOTT</b> |
|--------------------------|

Lott

|                  |
|------------------|
| <b>5. OĦRAJN</b> |
|------------------|

## **TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

### **KARTUNA (kapsuli)**

#### **1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 50 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 100 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 200 mg kapsuli iebsin  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

#### **2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 50 mg  
Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 100 mg  
Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 150 mg  
Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 200 mg

#### **3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih lactose monohydrate.  
Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

#### **4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Kapsula iebsa.  
1, 2, 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 20, 28, 30, 42, 50, 60, 100 jew 500 kapsula iebsa.

#### **5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu orali.

#### **6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

#### **7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

#### **8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Aħżen f'temperatura taħt 30°C

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

{Isem u Indirizz}

<{tel}>

<{fax}>

<{e-mail}>

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 50 mg

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 100 mg

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 150 mg

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 200 mg

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                                                    |
|--------------------------------------------------------------------|
| <b>TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW L-ISTRIXXI</b> |
|--------------------------------------------------------------------|

|                        |
|------------------------|
| <b>FOLJI (kapsuli)</b> |
|------------------------|

|                                      |
|--------------------------------------|
| <b>1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI</b> |
|--------------------------------------|

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness 1) 50 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness 1) 100 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness 1) 150 mg kapsuli iebsin  
Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness 1) 200 mg kapsuli iebsin  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

|                                                                      |
|----------------------------------------------------------------------|
| <b>2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ</b> |
|----------------------------------------------------------------------|

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                 |
|---------------------------------|
| <b>3. DATA TA' META JISKADI</b> |
|---------------------------------|

JIS

|                          |
|--------------------------|
| <b>4. NUMRU TAL-LOTT</b> |
|--------------------------|

Lott

|                  |
|------------------|
| <b>5. OĦRAJN</b> |
|------------------|

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****KARTUNA (5 mg/ml soluzzjoni orali)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 5 mg/ml soluzzjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml ta' soluzzjoni orali fiha 5 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih ukoll sucrose u glycerol.  
Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Soluzzjoni orali.  
1 flixkun - 150 ml

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu orali.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS  
Ladarba miftuħ, Diflucan jista' jintuża għal massimu ta' 30 jum.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 5 mg/ml  
[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT****TIKKETTS TAL-FLIXKUN (5 mg/ml soluzzjoni orali)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 5 mg/ml soluzzjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml ta' soluzzjoni orali fiha 5 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih sucrose u glycerol.  
Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Użu orali  
1 flixkun - 150 ml

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu orali.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS  
Ladarba miftuħ, Diflucan jista' jintuża għal massimu ta' 30 jum.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****KARTUNA (10 mg/ml trab għal sospensjoni orali – fliexken ta' 60 ml u 175 ml)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]  
Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 10 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih ukoll sucrose. Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal sospensjoni orali.

1 flixkun – 35 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

1 flixkun – 100 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu orali wara rikostituzzjoni.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

Kull sospensjoni li jibqa' għandha tintrema fi żmien 28 ġurnata mir-rikostituzzjoni.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Trab għal sospensjoni orali (flickun ta' 60 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.  
Trab għal sospensjoni orali (flickun ta' 175 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.  
Żomm il-flickun magħluq sew.

Sospensjoni rikostitwita: Aħżen f'temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 10 mg/ml  
[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT**

**TIKKETTA TAL-FLIXKUN (10 mg/ml trab għal sospensjoni orali – fliexken ta' 60 ml u 175 ml)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 10 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih ukoll sucrose.

Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal sospensjoni orali.

1 fliexkun – 35 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

1 fliexkun – 100 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu orali wara rikostituzzjoni.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

Kull sospensjoni li jibqa' għandha tintrema fi żmien 28 ġurnata mir-rikostituzzjoni.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Trab għal sospensjoni orali (flickun ta' 60 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.  
Trab għal sospensjoni orali (flickun ta' 175 ml): Aħżen f'temperatura taħt 25°C.  
Żomm il-flickun magħluq sew.

Sospensjoni rikostitwita: Aħżen f'temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****KARTUNA (40 mg/ml trab għal sospensjoni orali – flixkun ta' 60 ml)****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 40 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih sucrose.

Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal sospensjoni orali.

1 flixkun – 35 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu orali wara rikostituzzjoni.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

Kull sospensjoni li jibqa' għandha tintrema fi żmien 28 ġurnata mir-rikostituzzjoni.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Trab għal sospensjoni orali: Aħżen f' temperatura taħt 25°C.  
Żomm il-flixkun magħluq sew.

Sospensjoni rikostitwita: Aħżen f' temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.

|                                                                                                                                             |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <b>10. PREKAWZZJONIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN</b> |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

|                                                                                  |
|----------------------------------------------------------------------------------|
| <b>11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ</b> |
|----------------------------------------------------------------------------------|

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                                              |
|--------------------------------------------------------------|
| <b>12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ</b> |
|--------------------------------------------------------------|

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                           |
|---------------------------|
| <b>13. NUMRU TAL-LOTT</b> |
|---------------------------|

Lott

|                                                       |
|-------------------------------------------------------|
| <b>14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA</b> |
|-------------------------------------------------------|

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

|                                       |
|---------------------------------------|
| <b>15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU</b> |
|---------------------------------------|

|                                      |
|--------------------------------------|
| <b>16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE</b> |
|--------------------------------------|

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 40 mg/ml  
[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT**

**TIKKETTA TAL-FLIXKUN (40 mg/ml trab għal sospensjoni orali – flixkun ta' 60 ml)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

1 ml tas-sospensjoni rikostitwita fih 40 mg ta' fluconazole.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Fih ukoll sucrose.

Għal aktar informazzjoni ara l-fuljett ta' tagħrif.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal sospensjoni orali.

1 flixkun – 35 ml sospensjoni għal rikostituzzjoni

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu orali wara rikostituzzjoni.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

Kull sospensjoni li jibqa' għandha tintrema fi żmien 28 ġurnata mir-rikostituzzjoni.

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Trab għal sospensjoni orali: Aħżen f'temperatura taħt 25°C.  
Żomm il-flixkun magħluq sew.

Sospensjoni rikostitwita: Aħżen f'temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

## **TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA TA' BARRA (IV kunjetti tal-ħġieġ ta' 30, 50, 100 jew 250 ml, boroż tal-PVC ta' 100 u 200 ml )**

### **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 2 mg/ml soluzzjoni għal infużjoni  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

### **2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

Kull ml fih 2 mg ta' fluconazole.

Kull soluzzjoni ta' 25 ml għal infużjoni fiha 50 mg fluconazole

Kull soluzzjoni ta' 50 ml għal infużjoni fiha 100 mg fluconazole

Kull soluzzjoni ta' 100 ml għal infużjoni fiha 200 mg fluconazole

Kull soluzzjoni ta' 200 ml għal infużjoni fiha 400 mg fluconazole

### **3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Sustanzi mhux attivi: sodium chloride, ilma għall-injezzjonijiet u sodium hydroxide.

### **4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

1 kunjett – soluzzjoni ta' 25 ml

1 kunjett – soluzzjoni ta' 50 ml

1 kunjett – soluzzjoni ta' 100 ml

1 kunjett – soluzzjoni ta' 200 ml

5, 10, 20 boroż tal-PVC – soluzzjoni ta' 100 ml

5, 10, 20 boroż tal-PVC – soluzzjoni ta' 200 ml

### **5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu ġol-vini.

### **6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

### **7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

*(Kunjetti tal-ħġieġ):* Tagħmlux fil-friża.

*(Boroż tal-PVC):* Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friża.

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT**

**TIKKETTA (IV - kunjetti tal-ħġieġ ta' 50, 100 jew 250 ml, boroż tal-PVC ta' 100 u 200 ml**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 2 mg/ ml soluzzjoni għal infużjoni  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)**

Kull ml fih 2 mg ta' fluconazole.

Kull soluzzjoni ta' 50 ml għal infużjoni fiha 100 mg fluconazole

Kull soluzzjoni ta' 100 ml għal infużjoni fiha 200 mg fluconazole

Kull soluzzjoni ta' 200 ml għal infużjoni fiha 400 mg fluconazole

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Sustanzi mhux attivi: sodium chloride, ilma għall-injezzjonijiet u sodium hydroxide.

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

1 kunjett – soluzzjoni ta' 50 ml

1 kunjett – soluzzjoni ta' 100 ml

1 kunjett – soluzzjoni ta' 200 ml

1 borża tal-PVC – soluzzjoni ta' 100 ml

1 borża tal-PVC – soluzzjoni ta' 200 ml

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Għal użu ta' darba biss.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu ġol-vini.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' META JISKADI**

JIS

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

*(Kunjetti tal-ħgiegħ)* Tagħmlux fil-friża.

*(Boroż tal-PVC)* Aħżen f'temperatura taħt 30°C. Tagħmlux fil-friża.

**10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEĠHID FIS-SUQ**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEĠHID FIS-SUQ**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**  
**TIKKETTA (IV - kunjetti tal-ħġieġ ta' 30 ml)**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA**

Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 2 mg/ ml soluzzjoni għal infużjoni  
[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

Fluconazole

Użu ġol-vini.

**2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA**

**3. DATA META JISKADI**

JIS

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI**

soluzzjoni ta' 25 ml

**6. OĦRAJN**

**FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

### **Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) kapsula ta' 150 mg**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]  
fluconazole

#### **Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu Diflucan u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tieħu Diflucan
3. Kif għandek tieħu Diflucan
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Diflucan
6. Aktar tagħrif

## **1. X'INHU DIFLUCAN U GĦALXIEX JINTUŻA**

Diflucan huwa wieħed minn grupp ta' mediċini msejħa "antifungali". Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Diflucan jintuża fl-adulti għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn fungi. L-aktar kawża komuni ta' infezzjoni fungali hija ħmira msejħa *Candida*.

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura traxx ġenitali, infezzjoni tal-vaġina jew tal-pene.

## **2. QABEL MA TIEĦU DIFLUCAN**

#### **Tiħux Diflucan jekk inti**

- allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) għal fluconazole, għal mediċini oħrajn li ħadt sabiex tikkura infezzjonijiet fungali jew sustanzi oħra ta' Diflucan. Is-sintomi jistgħu jinkludu ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs
- qiegħed tieħu astemizole, terfenadine (mediċini antistamini għall-allerġiji)
- qed tieħu cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku)
- qed tieħu pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali)
- qed tieħu quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb)
- qed tieħu erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet).

#### **Oqgħod attent ħafna b'Diflucan**

#### **Għid lit-tabib tiegħek jekk inti:**

- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliewi
- tbat minn mard tal-qalb, inklużi problemi bir-rittmu tal-qalb
- għandek livelli mhux normali ta' potassju, kalċju jew manjeżju fid-demem tiegħek
- tiżviluppa reazzjonijiet tal-ġilda severi (ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs).

## Tfal

Għalkemm din il-mediċina hija għall-adulti tista' tintuża fl-adoloxxenti (minn 12 sa 17-il sena) jekk il-kura hija essenzjali u ma tkun teżisti l-ebda alternattiva xierqa, u għandha tittieħed fl-istess mod bħal fil-każ tal-adulti.

## Meta tieħu mediċini oħra

Għid lit-tabib tiegħek minnufih jekk inti qed tieħu astemizole, terfenadine (mediċina antistamina għall-allerġiji) jew cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku) jew pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali) jew quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb) jew erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet). Ma tistax tieħu dawn il-mediċini ma' Diflucan (ara sezzjoni: "Tiħux Diflucan jekk inti").

Hemm xi mediċini li jistgħu jaffettwaw lil Diflucan jew jiġu affettwati minnu. Kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf jekk inti tkun qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- rifampicin jew rifabutin (antibijotiċi għall-infezzjonijiet)
- alfentanil, fentanyl (użati bħala anestetiku)
- amitriptyline, nortriptyline (użati bħala anti-depressanti)
- amphotericin B, voriconazole (anti-fungali)
- mediċini li jraqu d-demmi sabiex jevitaw it-tagħqid tad-demmi (warfarin jew mediċini simili)
- benzodiazepines (midazolam, triazolam jew mediċini simili) użati sabiex jgħinuk torqod jew għall-ansjetà
- carbamazepine, phenytoin (użati għall-kura tal-aċċessjonijiet)
- nifedipine, isradipine, amlodipine felodipine u losartan (għall-ipertensjoni - pressjoni għolja tad-demmi)
- ciclosporin, everolimus, sirolimus jew tacrolimus (għall-prevenzjoni tar-rifjut tat-trapjant)
- cyclophosphamide, vinca alkaloids (vincristine, vinblastine jew mediċini simili) użati għall-kura tal-kanċer
- halofantrine (użat għall-kura tal-malarja)
- statins (atorvastatin, simvastatin u fluvastatin jew mediċini simili) użati sabiex inaqqsu l-livelli għoljin ta' kolesterol
- methadone (użat għall-uġiġ)
- celecoxib, flurbiprofen, naproxen, ibuprofen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac (Mediċini Mhux Sterojdi ta' Kontra l-Infjammazzjoni - *Non-Steroidal Anti-Inflammatory Drugs* (NSAID))
- kontraċettivi orali
- prednisone (sterojde)
- zidovudine, magħruf ukoll bħala AZT; saquinavir (użat f'pazjenti infettati bl-HIV)
- mediċini għad-dijabete bħal chlorpropamide, glibenclamide, glipizide jew tolbutamide
- theophylline (użat fil-kontroll tal-ażżma)
- vitamina A (suppliment nutrittiv)

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew haadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki daww mingħajr riċetta.

## Meta tieħu Diflucan mal-ikel u x-xorb

Tista' tieħu l-mediċina tiegħek mal-ikel jew mhux mal-ikel.

## Tqala u treddigħ

Għid lit-tabib tiegħek jekk inti tqila, qiegħda tipprova toħroġ tqila jew qiegħda tredda'. M'għandekx tieħu Diflucan waqt tqala jew waqt it-treddigħ sakemm ma jkunx qallek biex tagħmel dan it-tabib tiegħek.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

## **Sewqan u tħaddim ta' magni**

Meta ssuq vetturi jew tħaddem magni, ftakar li xi drabi tista' tistordi jew ikollok xi aċċessjoni.

## **Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Diflucan**

Din il-mediċina fiha ammont żgħir ta' lactose (zokkor tal-ħalib). Jekk it-tabib qallek li inti ma tittollerax ċertu zokkor, jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

### **3. KIF GĦANDEK TIEĦU DIFLUCAN**

Dejjem għandek tieħu l-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Ibla' l-kapsula sħiħa ma' tazza ilma.

#### **Adulti**

150 mg bħala doża waħda

Xi kultant it-tobba jagħtu dożi differenti minn dawn. Dejjem għandek tieħu l-mediċina tiegħek skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

#### **Anzjani**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti.

#### **Pazjenti bi problemi fil-kliewi**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti.

#### **Wara kemm tibda taħdem il-kura?**

##### **Traxx vaġinali**

Il-kundizzjoni tiegħek għandha tibda taqleb għall-aħjar fi ftit jiem – xi nisa jinnotaw titjib f'jum wieħed.

Jekk il-kundizzjoni tiegħek ma tgħibx għal kollox wara ftit jiem għandek terġa' tmur tkellem lit-tabib.

##### **Infezzjoni ta' traxx tal-pene**

Il-kundizzjoni tiegħek għandha tibda tgħib fi ftit jiem iżda tista' ddum sa ġimgħa.

Jekk il-kundizzjoni tiegħek ma tgħibx għal kollox wara ġimgħa, għandek terġa' tmur tkellem lit-tabib.

#### **Jekk tieħu Diflucan aktar milli suppost**

Jekk tieħu ħafna kapsuli f'daqqa, tista' tħossok ma tiflaħx. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew l-eqreb dipartiment ta' emerġenza minnufih. Is-sintomi ta' doża eċċessiva jistgħu jġiegħluk tisma', tara jew tħoss affarijiet li ma jeżistux (alluċinazzjoni u mġiba paranojja). Il-kura għas-sintomi (flimkien ma' miżuri ta' appoġġ u tindif tal-istonku jekk ikun meħtieġ) tista' tkun adegwata.

#### **Jekk tinsa tieħu Diflucan**

M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Jekk tinsa tieħu doża, ħudha malli tiftakar. Jekk ikun sar il-ħin għad-doża li jmisssek, tiħux dik id-doża li tkun insejt.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, Diflucan jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd

Ċerti nies jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi għalkemm **reazzjonijiet allerġiċi** serji huma rari. Jekk ikollok xi wieħed mis-sintomi li ġejjin, **kellem lit-tabib tiegħek minnufih**.

- tħarħir f'daqqa, diffikultà biex tieħu n-nifs jew għafis fis-sider
- nefħa fil-kappell tal-għajn, fil-wieċ jew fix-xofftejn
- ħakk mal-ġisem kollu, ħmura tal-ġilda jew ponot ħomor bil-ħakk
- raxx tal-ġilda
- reazzjonijiet severi fil-ġilda bħal raxx li jikkawża nfafet (dan jista' jaffettwa l-ħalq u l-ilsien).

Diflucan jista' jaffettwalek il-kliewi tiegħek. Sinjali ta' problemi fil-kliewi jinkludu:

- għeja
- nuqqas ta' aptit
- rimettar
- sfurija tal-ġilda tiegħek jew tal-abjad ta' l-għajnejn (suffejra)

Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sintomi, waqqaf id-Diflucan u **kellem lit-tabib tiegħek minnufih**.

##### Effetti sekondarji oħrajn:

Barra minn hekk, jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Effetti sekondarji komuni li jaffettwaw minn pazjent 1 sa 10 minn kull 100 huma elenkati hawn:

- uġiġħ ta' ras
- skumdità fl-istonku, dijareja, dardir, rimettar
- żidiet fit-testijiet tad-demem tal-funzjoni tal-fwied
- raxx

Effetti sekondarji mhux komuni li jaffettwaw minn pazjent 1 sa 10 minn kull 1,000 huma elenkati hawn taħt:

- tnaqqis fiċ-ċelloli ħomor tad-demem li jista' jagħmel il-ġilda pallida u joħloq dgħjufija jew qtugħ ta' nifs
- nuqqas ta' aptit
- inabilità li torqod, tħossok bi nġhas
- aċċessjoni, sturdament, sensazzjoni ta' tidwir, tingiż, qris jew tirżiħ, bidla fis-sens tat-togħma
- stitikezza, diġestjoni diffiċli, gass, ħalq xott
- uġiġħ fil-muskoli
- ħsara fil-fwied jew sfurija tal-ġilda u l-għajnejn (suffejra)
- ponot bil-ħakk, infafet (ħorriqija), ħakk, żieda fl-għaraq
- għeja, sensazzjoni ġenerali li ma tiflaħx, deni

Effetti sekondarji rari li jaffettwaw minn pazjent 1 sa 10 minn kull 10,000 huma elenkati hawn taħt:

- inqas ċelloli bojod tad-demem min-normal li jgħinu fid-difiża ta' infezzjonijiet u ċelloli tad-demem li jgħinu sabiex tieqaf il-fsada
- kulur aħmar jew vjola tal-ġilda li jista' jkun ikkawżat minn għadd baxx ta' plejtlits, bidliet oħrajn fiċ-ċelloli tad-demem
- potassju baxx fid-demem
- bidliet fil-kimika tad-demem (livelli għoljin ta' kolesterol fid-demem, xaħmijiet)
- roġħda
- elettrokardjogramma mhux normali (ECG), bidla fir-rata jew fir-rittmu tal-qalb

- insuffiċjenza tal-fwied
- rezzjonijiet allerġiċi (xi kultant severi inkluż raxx mifruż bl-infafet u tqaxxir tal-ġilda, reazzjonijiet severi tal-ġilda, nefħa fix-xofftejn jew fil-wieċ
- telf ta' xagħar

Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN DIFLUCAN

- Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Diflucan wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakkett wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

Il-mediċini m'għandhomx jintremew mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih Diflucan

- Is-sustanza attiva hija fluconazole.
- Kull kapsula iebsa fiha fluconazole 150 mg.
- Is-sustanzi l-oħra huma:

**Kontenut tal-kapsula:** lactose monohydrate, lamtu tal-qamħirrum, colloidal silica anhydrous, magnesium stearate u sodium laurilsulfate.

**Kompożizzjoni tal-qoxra tal-kapsula:** Ġelatina, titanium dioxide (E171) u patent blue V (E131)

**Linka tal-istampar:** Shellac (glejż), iron oxide iswed, alkoħol N-Butyl, alkoħol deidratat, ilma ppurifikat, propylene glycol, methylated spirit industrijali, isopropyl alcohol, soluzzjoni qawwija ta' ammonja, potassium hydroxide

### Id-dehra ta' Diflucan u l-kontenuti tal-pakkett

- Diflucan 150 mg kapsuli iebsin għandhom il-parti ewlenija blu turkważ u l-parti ta' fuq blu turkważ. Għandhom "FLU-150" u "Pfizer" b'inka sewda stampata fuqhom.
- Diflucan jiġi f'pakkett ta' folji li jkun fih kapsula waħda.

### Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-Istati Membri u fiż-ŻEE taħt l-ismijiet li ġejjin:**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'**

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {MA/Aġenzija}: [Sabiex timentela mill-pajjiż]

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

**Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) kapsuli ta' 50 mg**  
**Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) kapsuli ta' 100 mg**  
**Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) kapsuli ta' 150 mg**  
**Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) kapsuli ta' 200 mg**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]  
fluconazole

### Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

### F'dan il-fuljett:

1. X'inhu Diflucan u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tieħu Diflucan
3. Kif għandek tieħu Diflucan
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Diflucan
6. Aktar tagħrif

## 1. X'INHU DIFLUCAN U GĦALXIEX JINTUŻA

Diflucan huwa wieħed minn grupp ta' mediċini msejħa "antifungali". Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Diflucan jintuża biex jikkura infezzjonijiet ikkawżati minn fungi u jista' jintuża wkoll biex iwaqqfek milli tieħu infezzjoni kandidali. L-aktar kawża komuni ta' infezzjoni fungali hija ħmira msejħa *Candida*.

### Adulti

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ
- *Coccidioidomycosis* – marda fis-sistema bronkopulmonari
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina.
- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġigħ fil-ħalq relatat mad-dentatura
- Traxx ġenitali – infezzjoni tal-vaġina jew tal-pene
- Infezzjonijiet tal-ġilda – eż. athlete's foot, ħzieża, jock itch, infezzjoni tad-dwiefer

Tista' tingħata wkoll Diflucan biex:

- twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa' tfeġġ
- twaqqaf it-traxx mukożali milli jerġa' jfeġġ
- tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali
- ma tiħux infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)

### **Tfal u adoloxxenti (0 sa 17-il sena)**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina
- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali ġol-moħħ

Tista' tingħata Diflucan ukoll biex:

- Iżommok milli tieħu infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)
- Twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ

## **2. QABEL MA TIEĦU DIFLUCAN**

### **Tiħux Diflucan jekk inti**

- allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) għal fluconazole, għal mediċini oħrajn li haadt sabiex tikkura infezzjonijiet fungali jew sustanzi oħra ta' Diflucan. Is-sintomi jistgħu jinkludu ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs
- qiegħed tieħu astemizole, terfenadine (mediċini antistamini għall-allerġiji)
- qed tieħu cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku)
- qed tieħu pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali)
- qed tieħu quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb)
- qed tieħu erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet).

### **Oqgħod attent ħafna b'Diflucan**

#### **Għid lit-tabib tiegħek jekk inti:**

- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliwi
- tbat minn mard tal-qalb, inklużi problemi bir-ritmu tal-qalb
- għandek livelli mhux normali ta' potassju, kalċju jew manjeżju fid-demm tiegħek
- tiżviluppa reazzjonijiet tal-ġilda severi (ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs).

### **Meta tieħu mediċini oħra**

Għid lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk inti qed tieħu astemizole, terfenadine (mediċina antistamina għall-allerġiji) jew cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku) jew pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali) jew quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb) jew erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet). Ma tistax tieħu dawn il-mediċini ma' Diflucan (ara sezzjoni: "Tiħux Diflucan jekk inti").

Hemm xi mediċini li jistgħu jaffettwaw lil Diflucan jew jiġu affettwati minnu. Kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf jekk inti tkun qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- rifampicin jew rifabutin (antibijotiċi għall-infezzjonijiet)
- alfentanil, fentanyl (użati bħala anestetiku)
- amitriptyline, nortriptyline (użati bħala anti-depressanti)
- amphotericin B, voriconazole (anti-fungali)
- mediċini li jraqu d-demm sabiex jevitaw it-tagħqid tad-demm (warfarin jew mediċini simili)
- benzodiazepines (midazolam, triazolam jew mediċini simili) użati sabiex jgħinuk torqod jew għall-ansjetà
- carbamazepine, phenytoin (użati għall-kura tal-aċċessjonijiet)
- nifedipine, isradipine, amlodipine felodipine u losartan (għall-ipertensjoni - pressjoni għolja tad-demm)
- ciclosporin, everolimus, sirolimus jew tacrolimus (għall-prevenzjoni tar-rifjut tat-trapjant)

- cyclophosphamide, vinca alkaloids (vincristine, vinblastine jew mediċini simili) użati għall-kura tal-kanċer
- halofantrine (użat għall-kura tal-malarja)
- statins (atorvastatin, simvastatin u fluvastatin jew mediċini simili) użati sabiex inaqqsu l-livelli għoljin ta' kolesterol
- methadone (użat għall-uġigħ)
- celecoxib, flurbiprofen, naproxen, ibuprofen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac (Mediċini Mhux Sterojdi ta' Kontra l-Infjammazzjoni - *Non-Steroidal Anti-Inflammatory Drugs* (NSAID))
- kontraċettivi orali
- prednisone (sterojde)
- zidovudine, magħruf ukoll bħala AZT; saquinavir (użat f'pazjenti infettati bl-HIV)
- mediċini għad-dijabete bħal chlorpropamide, glibenclamide, glipizide jew tolbutamide
- theophylline (użat fil-kontroll tal-ażżma)
- vitamina A (suppliment nutrittiv)

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew haadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

### **Meta tieħu Diflucan mal-ikel u x-xorb**

Tista' tieħu l-mediċina tiegħek mal-ikel jew mhux mal-ikel.

### **Tqala u treddigħ**

Għid lit-tabib tiegħek jekk inti tqila, qiegħda tipprova toħroġ tqila jew qiegħda tredda'. M'għandekx tieħu Diflucan waqt tqala jew waqt it-treddigħ sakemm ma jkunx qallek biex tagħmel dan it-tabib tiegħek.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

### **Sewqan u tħaddim ta' magni**

Meta ssuq vetturi jew tħaddem magni, ftakar li xi drabi tista' tistordi jew ikollok xi aċċessjoni.

### **Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Diflucan**

Din il-mediċina fiha ammont żgħir ta' lactose (zokkor tal-ħalib). Jekk it-tabib qallek li inti ma tittollerax ċertu zokkor, jekk jogħġbok kellek lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

## **3. KIF GĦANDEK TIEĦU DIFLUCAN**

**Dejjem għandek tieħu l-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib.** Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Ibla' l-kapsula sħiħa ma' tazza ilma. L-aħjar li tieħu l-kapsuli tiegħek fl-istess ħin tal-ġurnata.

Id-dożi normali ta' din il-mediċina għal infezzjonijiet differenti huma mogħtija hawn taħt:

## Adulti

| Kundizzjoni                                                                                                                               | Doża                                                                                                                                                                                                                                                      |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Għal-kura ta' meninġite kriptokokkali                                                                                                     | 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 200 sa 400 mg darba kuljum għal 6 sa 8 ġimgħat jew iktar jekk ikun hemm bżonn. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg                                                                                                   |
| Biex twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ                                                                                 | 200 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                                                          |
| Biex tikkura <i>Coccidioidomycosis</i>                                                                                                    | 200 sa 400 mg darba kuljum minn hdx il-xahar għal mhux aktar minn 24 xahar. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg                                                                                                                                   |
| Biex tikkura infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                                  | 800 mg fl-ewwel jum imbagħad 400 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                             |
| Biex tikkura infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġiħ fil-ħalq relatat mad-dentatura                  | 200 mg sa 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 100 mg sa 200 mg sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                      |
| Biex tikkura traxx mukożali – id-doża tiddependi fuq fejn tkun tinsab l-infezzjoni                                                        | 50 sa 400 mg darba kuljum għal 7 sa 30 jum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                                   |
| Biex twaqqaf infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma                                                        | 100 mg sa 200 mg darba kuljum, jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                              |
| Biex tikkura traxx ġenitali                                                                                                               | 150 mg bħala doża waħda                                                                                                                                                                                                                                   |
| Biex tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali                                                                                              | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) u mbagħad darba fil-ġimgħa għal 6 xhur filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                           |
| Biex tikkura infezzjoni fungali tal-ġilda u tad-dwiefer                                                                                   | Jiddependi fuq is-sit tal-infezzjoni 50 mg darba kuljum, 150 mg darba fil-ġimgħa, 300 mg sa 400 mg darba fil-ġimgħa għal 1 sa 4 ġimgħat (Athlete's foot tista' ddum sa 6 ġimgħat, għal kura ta' infezzjoni tad-dwiefer sakemm id-difer infettat jinbidel) |
| Biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost) | 200 sa 400 mg darba kuljum filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                                                                   |

## Adoloxxenti minn 12 sa 17-il sena

Segwi d-doża li tak it-tabib tiegħek (jew il-pożoloġija tal-adulti jew il-pożoloġija tat-tfal).

## Tfal sa 11-il sena

Id-doża massima għat-tfal hija ta' 400 mg kuljum.

Id-doża tkun ibbażata fuq il-piż tat-tifel/tifla f'kilogrammi.

| <b>Kundizzjoni</b>                                                                                                                                             | <b>Doża ta' kuljum</b>                                                                                   |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Traxx mukuża u infezzjonijiet tal-gerżuma kkawżati minn <i>Candida</i> – doża u żmien jiddependu fuq is-severità tal-infezzjoni u fuq fejn tinsab l-infezzjoni | 3 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem (jistgħu jingħataw 6 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem fl-ewwel jum) |
| Meninġite kriptokokkali jew infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                                        | 6 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |
| Biex iżomm lit-tfal milli jieħdu infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tagħhom ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)                  | 3 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |

#### **Użu fi tfal ta' bejn iż-0 u l-4 ġimgħat**

Użu fi tfal ta' bejn it-3 u l-4 ġimgħat:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull jumejn. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 48 siegħa.

Użu fi tfal ta' inqas minn ġimagħtejn:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 3 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 72 siegħa.

Xi kultant it-tobba jagħtu dożi differenti minn dawn. Dejjem għandek tieħu l-mediċina tiegħek skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

#### **Anzjani**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti sakemm m'għandekx problemi fil-kliewi.

#### **Pazjenti bi problemi fil-kliewi**

It-tabib jista' jibdillek id-doża, skont il-funzjoni tal-kliewi tiegħek.

#### **Jekk tieħu Diflucan aktar milli suppost**

Jekk tieħu ħafna kapsuli f'daqqa, tista' tħossok ma tiflaħx. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew l-eqreb dipartiment ta' emerġenza minnufih. Is-sintomi ta' doża eċċessiva jistgħu jġiegħluk tisma', tara jew tħoss affarijiet li ma jeżistux (alluċinazzjoni u mġiba paranojja). Il-kura għas-sintomi (flimkien ma' miżuri ta' appoġġ u tindif tal-istonku jekk ikun meħtieġ) tista' tkun adegwata.

#### **Jekk tinsa tieħu Diflucan**

M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Jekk tinsa tieħu doża, huwa malli tiftakar. Jekk ikun sar il-ħin għad-doża li jmissek, tiħux dik id-doża li tkun insejt.

**Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.**

### **4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU**

Bħal kull mediċina oħra, Diflucan jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd

Ċerti nies jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi għalkemm **reazzjonijiet allerġiċi** serji huma rari. Jekk ikollok xi wieħed mis-sintomi li ġejjin, **kellem lit-tabib tiegħek minnufih**.

- tħarħir f'daqqa, diffikultà biex tieħu n-nifs jew għafis fis-sider
- nefħa fil-kappell tal-għajn, fil-wieċ jew fix-xofftejn
- ħakk mal-ġisem kollu, ħmura tal-ġilda jew ponot ħomor bil-ħakk
- raxx tal-ġilda

- reazzjonijiet severi fil-ġilda bħal raxx li jikkawża nfafet (dan jista' jaffettwa l-ħalq u l-ilsien).

Diflucan jista' jaffetwalek il-kliewi tiegħek. Sinjali ta' problemi fil-kliewi jinkludu:

- għeja
- nuqqas ta' aptit
- rimettar
- sfurija tal-ġilda tiegħek jew tal-abjad ta' l-għajnejn (suffejra)

Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sintomi, waqqaf id-Diflucan u **kellem lit-tabib tiegħek minnufih**.

#### **Effetti sekondarji oħrajn:**

Barra minn hekk, jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Effetti sekondarji komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100 huma elenkati hawn:

- uġiġħ ta' ras
- skumdità fl-istonku, dijareja, dardir, rimettar
- żidiet fit-testijiet tad-demem tal-funzjoni tal-fwied
- raxx

Effetti sekondarji mhux komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 1,000 huma elenkati hawn taħt:

- tnaqqis fiċ-ċelloli ħomor tad-demem li jista' jagħmel il-ġilda pallida u joħloq dgħujfija jew qtugħ ta' nifs
- nuqqas ta' aptit
- inabilità li torqod, tħossok bi nġhas
- aċċessjoni, sturdament, sensazzjoni ta' tidwir, tingiż, qris jew tirżiħ, bidla fis-sens tat-togħma
- stitikezza, diġestjoni diffiċli, gass, ħalq xott
- uġiġħ fil-muskoli
- ħsara fil-fwied jew sfurija tal-ġilda u l-għajnejn (suffejra)
- ponot bil-ħakk, infafet (ħorriqija), ħakk, żieda fl-għaraq
- għeja, sensazzjoni ġenerali li ma tiflaħx, deni

Effetti sekondarji rari li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 10,000 huma elenkati hawn taħt:

- inqas ċelloli bojod tad-demem min-normal li jgħinu fid-difiża ta' infezzjonijiet u ċelloli tad-demem li jgħinu sabiex tieqaf il-fsada
- kulur aħmar jew vjola tal-ġilda li jista' jkun ikkawżat minn għadd baxx ta' plejtlits, bidliet oħrajn fiċ-ċelloli tad-demem
- potassju baxx fid-demem
- bidliet fil-kimika tad-demem (livelli għoljin ta' kolesterol fid-demem, xaħmijiet)
- roġħda
- elettrokardjogramma mhux normali (ECG), bidla fir-rata jew fir-rittmu tal-qalb
- insuffiċjenza tal-fwied
- rezzjonijiet allerġiċi (xi kultant severi inkluż raxx mifruż bl-infafet u tqaxxir tal-ġilda, reazzjonijiet severi tal-ġilda, nefħa fix-xofftejn jew fil-wiċċ
- telf ta' xagħar

Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **5. KIF TAĦŻEN DIFLUCAN**

- Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Diflucan wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakkett wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Aħżen f'temperatura taħt 30°C

Il-mediċini m'għandhomx jintremew mal-ilma tad-dranagħ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih Diflucan

Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Kull kapsula iebsa fiha 50 mg, 100 mg, 150 mg or 200 mg ta' fluconazole.

Is-sustanzi l-oħra huma:

**Kontenut tal-kapsula:** lactose monohydrate, lamtu tal-qamħirrum, colloidal silica anhydrous, magnesium stearate u sodium laurilsulfate

### Kompożizzjoni tal-qoxra tal-kapsula:

**Kapsuli iebsin ta' 50 mg:** ġelatina, titanium dioxide (E171) u patent blue V (E131)

**Kapsuli iebsin ta' 100 mg:** ġelatina, titanium dioxide (E171), erythrosin (E127) u patent blue V (E131)

**Kapsuli iebsin ta' 150 mg:** ġelatina, titanium dioxide (E171) u patent blue V (E131)

**Kapsuli iebsin ta' 200 mg:** ġelatina, titanium dioxide (E171), erythrosin (E127) u indigo carmine (E132)

**Linka tal-istampar:** Shellac (glejż), iron oxide iswed, alkoħol N-Butyl, alkoħol deidratat, ilma ppurifikat, propylene glycol, methylated spirit industrijali, isopropyl alcohol, soluzzjoni qawwiya ta' ammonja, potassium hydroxide

### Id-dehra ta' Diflucan kapsuli iebsin ta' 50 mg, 100 mg, 150 mg u 200 mg u l-kontenuti tal-pakkett

- Diflucan 50 mg kapsuli iebsin għandhom il-parti ewlenija bajda u l-parti ta' fuq blu turkważ. Għandhom "FLU-50" u "Pfizer" b'inka sewda stampata fuqhom.
- Diflucan 100 mg kapsuli iebsin għandhom il-parti ewlenija bajda u l-parti ta' fuq blu. Għandhom "FLU-100" u "Pfizer" b'inka sewda stampata fuqhom.
- Diflucan 150 mg kapsuli iebsin għandhom mil-parti ewlenija blu turkważ u l-parti ta' fuq blu turkważ. Għandhom "FLU-150" u "Pfizer" b'inka sewda stampata fuqhom.
- Diflucan 200 mg kapsuli iebsin għandhom il-parti ewlenija bajda u l-parti ta' fuq vjola. Għandhom "FLU-200" u "Pfizer" b'inka sewda stampata fuqhom.

Diflucan 50 mg, 100 mg, 150 mg u 200 mg jiġi f'pakketti ta' 1, 2, 3, 4, 6, 7, 10, 12, 14, 20, 28, 30, 42, 50, 60, 100 jew 500 kapsula iebsa. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

### Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-Istati Membri u fiż-ŻEE taħt l-ismijiet li ġejjin:

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {MA/Aġenzija}: [Sabiex timentela mill-pajjiż]

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

### **Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 5 mg/ml soluzzjoni orali**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

fluconazole

#### **Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett:**

1. X'inhum Diflucan u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tieħu Diflucan
3. Kif għandek tieħu Diflucan
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Diflucan
6. Aktar tagħrif

### **1. X'INHU DIFLUCAN U GħALXIEX JINTUŻA**

Diflucan huwa wieħed minn grupp ta' mediċini msejħa "antifungali". Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Diflucan jintuża biex jikkura infezzjonijiet ikkawżati minn fungi u jista' jintuża wkoll biex iwaqqfek milli tieħu infezzjoni kandidali. L-aktar kawża komuni ta' infezzjoni fungali hija ħmira msejħa *Candida*.

#### **Adulti**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ
- *Coccidioidomycosis* – marda fis-sistema bronkopulmonari
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina
- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġiġħ fil-ħalq relatat mad-dentatura
- Traxx ġenitali – infezzjoni tal-vaġina jew tal-pene
- Infezzjonijiet tal-ġilda – eż. athlete's foot, hżieža, jock itch, infezzjoni tad-dwiefer

Tista' tingħata wkoll Diflucan biex:

- twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa' tfeġġ
- twaqqaf it-traxx mukożali milli jerga jfeġġ
- tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali
- biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)

#### **Tfal u adoloxxenti (0 sa 17-il sena)**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina
- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ

Tista' tingħata Diflucan ukoll biex:

- Iżommok milli tieħu infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)
- Twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ

## 2. QABEL MA TIEĦU DIFLUCAN

### Tiħux Diflucan jekk inti

- allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) għal fluconazole, għal mediċini oħrajn li haadt sabiex tikkura infezzjonijiet fungali jew sustanzi oħra ta' Diflucan. Is-sintomi jistgħu jinkludu ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs
- qiegħed tieħu astemizole, terfenadine (mediċini antistamini għall-allerġiji)
- qed tieħu cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku)
- qed tieħu pimozone (użat għall-kura ta' mard mentali)
- qed tieħu quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb)
- qed tieħu erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet).

### Oqgħod attent ħafna b'Diflucan

#### Għid lit-tabib tiegħek jekk inti:

- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliwi
- tbat minn mard tal-qalb, inklużi problemi bir-ritmu tal-qalb
- għandek livelli mhux normali ta' potassju, kalċju jew manjeżju fid-demem tiegħek
- tiżviluppa reazzjonijiet tal-ġilda severi (ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs).

#### Meta tieħu mediċini oħra

Għid lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk inti qed tieħu astemizole, terfenadine (mediċina antistamina għall-allerġiji) jew cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku) jew pimozone (użat għall-kura ta' mard mentali) jew quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb) jew erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet). Ma tistax tieħu dawn il-mediċini ma' Diflucan (ara sezzjoni: "Tiħux Diflucan jekk inti").

Hemm xi mediċini li jistgħu jaffettwaw lil Diflucan jew jiġu affettwati minnu. Kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf jekk inti tkun qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- rifampicin jew rifabutin (antibijotiċi għall-infezzjonijiet)
- alfentanil, fentanyl (użati bħala anestetiku)
- amitriptyline, nortriptyline (użati bħala anti-depressanti)
- amphotericin B, voriconazole (anti-fungali)
- mediċini li jraqu d-demem sabiex jevitaw it-tagħqid tad-demem (warfarin jew mediċini simili)
- benzodiazepines (midazolam, triazolam jew mediċini simili) użati sabiex jgħinuk torqod jew għall-ansjetà
- carbamazepine, phenytoin (użati għall-kura tal-aċċessjonijiet)
- nifedipine, isradipine, amlodipine felodipine u losartan (għall-ipertensjoni - pressjoni għolja tad-demem)
- ciclosporin, everolimus, sirolimus jew tacrolimus (għall-prevenzjoni tar-rifjut tat-trapjant)
- cyclophosphamide, vinca alkaloids (vincristine, vinblastine jew mediċini simili) użati għall-kura tal-kanċer
- halofantrine (użat għall-kura tal-malarja)
- statins (atorvastatin, simvastatin u fluvastatin jew mediċini simili) użati sabiex inaqqsu l-livelli għoljin ta' kolesterol
- methadone (użat għall-uġiġ)
- celecoxib, flurbiprofen, naproxen, ibuprofen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac (Mediċini Mhux Sterojdi ta' Kontra l-Infjammazzjoni - Non-Steroid Anti-Inflammatory Drugs (NSAID))
- kontraċettivi orali
- prednisone (sterojde)

- zidovudine, magħruf ukoll bħala AZT; saquinavir (użat f'pazjenti infettati bl-HIV)
- mediċini għad-dijabete bħal chlorpropamide, glibenclamide, glipizide jew tolbutamide
- theophylline (użat fil-kontroll tal-ażżma)
- vitamina A (suppliment nutrittiv)

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

### Meta tieħu Diflucan mal-ikel u x-xorb

Diflucan jista' jittieħed kemm mal-ikel kif ukoll mhux mal-ikel.

### Tqala u treddigħ

Għid lit-tabib tiegħek jekk inti tqila, qiegħda tipprova toħroġ tqila jew qiegħda tredda'. M'għandekx tieħu Diflucan waqt tqala jew waqt it-treddigħ sakemm ma jkunx qallek biex tagħmel dan it-tabib tiegħek.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

### Sewqan u tħaddim ta' magni

Meta ssuq vetturi jew tħaddem magni, ftakar li xi drabi tista' tistordi jew ikollok xi aċċessjoni.

### Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Diflucan

Diflucan fih sucrose (zokkor).

- Jekk tbat i minn intolleranza għal ċertu zokkor, jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.
- Dożi ta' 10 ml fihom 1.3 g ta' zokkor. Dan għandu jitqies jekk għandek id-dijabete.
- Jista' jagħmel ħsara lil snienek jekk użat għal perjodi ta' iktar minn ġimagħtejn.

Diflucan fih ukoll glycerol. Glycerol jista' jikkawża uġiġħ ta' ras, tqallib ta' stonku u dijarrea.

## 3. KIF GĦANDEK TIEĦU DIFLUCAN

Dejjem għandek tieħu l-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Id-dożi normali ta' din il-mediċina għal infezzjonijiet differenti huma mogħtija hawn taħt.

L-aħjar li tieħu l-mediċina fl-istess ħin tal-ġurnata kuljum.

### Adulti

| Kundizzjoni                                                              | Doża                                                                                                                                                    |
|--------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Għal-kura ta' meninġite kriptokokkali                                    | 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 200 sa 400 mg darba kuljum għal 6 sa 8 ġimgħat jew iktar jekk ikun hemm bżonn. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg |
| Biex twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ                | 200 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                        |
| Biex tikkura <i>Coccidioidomycosis</i>                                   | 200 sa 400 mg darba kuljum minn ħax il-xahar għal mhux aktar minn 24 xahar. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg                                 |
| Biex tikkura infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i> | 800 mg fl-ewwel jum imbagħad 400 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                           |

|                                                                                                                                           |                                                                                                                                                                                                                                                           |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Biex tikkura infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġiħ fil-ħalq relatat mad-dentatura                  | 200 mg sa 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 100 mg sa 200 mg sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                      |
| Biex tikkura traxx mukożali – id-doża tiddependi fuq fejn tkun tinsab l-infezzjoni                                                        | 50 sa 400 mg darba kuljum għal 7 sa 30 jum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                                   |
| Biex twaqqaf infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma                                                        | 100 mg sa 200 mg darba kuljum, jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                              |
| Biex tikkura traxx ġenitali                                                                                                               | 150 mg bħala doża waħda                                                                                                                                                                                                                                   |
| Biex tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali                                                                                              | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) u mbagħad darba fil-ġimgħa għal 6 xhur filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                           |
| Biex tikkura infezzjoni fungali tal-ġilda u tad-dwiefer                                                                                   | Jiddependi fuq is-sit tal-infezzjoni 50 mg darba kuljum, 150 mg darba fil-ġimgħa, 300 mg sa 400 mg darba fil-ġimgħa għal 1 sa 4 ġimgħat (Athlete's foot tista' ddum sa 6 ġimgħat, għal kura ta' infezzjoni tad-dwiefer sakemm id-difer infettat jinbidel) |
| Biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost) | 200 sa 400 mg darba kuljum filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                                                                   |

#### Adoloxxenti minn 12 sa 17-il sena

Segwi d-doża li tak it-tabib tiegħek (jew id-doża tal-adulti jew id-doża tat-tfal).

#### Tfal sa 11-il sena

Id-doża massima għat-tfal hija ta' 400 mg kuljum.

Id-doża tkun ibbażata fuq il-piż tat-tifel/tifla f'kilogrammi.

| Kundizzjoni                                                                                                                                                    | Doża ta' kuljum                                                                                          |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Traxx mukuża u infezzjonijiet tal-gerżuma kkawżati minn <i>Candida</i> – doża u żmien jiddependu fuq is-severità tal-infezzjoni u fuq fejn tinsab l-infezzjoni | 3 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem (jistgħu jingħataw 6 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem fl-ewwel jum) |
| Meninġite kriptokokkali jew infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                                        | 6 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |
| Biex iżomm lit-tfal milli jieħdu infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tagħhom ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)                  | 3 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |

#### Użu fi tfal ta' bejn iż-0 sa 4 ġimgħat

Użu fi tfal ta' bejn it-3 u l-4 ġimgħat:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 2 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 48 siegħa.

Użu fi tfal ta' inqas minn ġimagħtejn:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 3 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 72 siegħa.

Xi kultant it-tobba jagħtu dożi differenti minn dawn. Dejjem għandek tieħu l-mediċina tiegħek skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

### **Anzjani**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti sakemm m'għandekx problemi fil-kliewi.

### **Pazjenti bi problemi fil-kliewi**

It-tabib jista' jibdillek id-doża, skont il-funzjoni tal-kliewi tiegħek.

### **Jekk tieħu Diflucan aktar milli suppost**

Jekk tieħu ħafna Diflucan tista' tħossok ma tiflaħx. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew l-eqreb dipartiment ta' emerġenza minnufih. Is-sintomi ta' doża eċċessiva jistgħu jġiegħluk tisma', tara jew tħoss affarijiet li ma jeżistux (alluċinazzjoni u mgħiba paranoja). Il-kura għas-sintomi (flimkien ma' miżuri ta' appoġġ u tindif tal-istonku jekk ikun meħtieġ) tista' tkun adegwata.

### **Jekk tinsa tieħu Diflucan**

M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Jekk tinsa tieħu doża, huwa malli tiftakar. Jekk ikun sar il-ħin għad-doża li jmissek, tiħux dik id-doża li tkun insejt.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU**

Bħal kull mediċina oħra, Diflucan jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd

Ċerti nies jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi għalkemm reazzjonijiet allerġiċi serji huma rari. Jekk ikollok xi wieħed mis-sintomi li ġejjin, **kellem lit-tabib tiegħek minnufih.**

- tħarħir f'daqqa, diffikultà biex tieħu n-nifs jew għafis fis-sider
- nefħa fil-kappell tal-ġajn, fil-wieċ jew fix-xofftejn
- ħakk mal-ġisem kollu, ħmura tal-ġilda jew ponot ħomor bil-ħakk
- raxx tal-ġilda
- reazzjonijiet severi fil-ġilda bħal raxx li jikkawża nfafet (dan jista' jaffettwa l-ħalq u l-ilsien).

Diflucan jista' jaffettwalek il-kliewi tiegħek. Sinjali ta' problemi fil-kliewi jinkludu:

- għeja
- nuqqas ta' aptit
- rimettar
- sfurija tal-ġilda tiegħek jew tal-abjad ta' l-ġajnejn (suffejra)

Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sintomi, waqqaf id-Diflucan u **kellem lit-tabib tiegħek minnufih.**

### **Effetti sekondarji oħrajn:**

Barra minn hekk, jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Effetti sekondarji komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100 huma elenkati hawn:

- uġiġħ ta' ras
- skumdità fl-istonku, dijareja, dardir, rimettar
- żidiet fit-testijiet tad-demem tal-funzjoni tal-fwied
- raxx

Effetti sekondarji mhux komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 1,000 huma elenkati hawn taħt:

- tnaqqis fiċ-ċelloli ħomor tad-demem li jista' jagħmel il-ġilda pallida u joħloq dgħujfija jew qtugħ ta' nifs

- nuqqas ta' aptit
- inabilità li torqod, tħossok bi nghan
- aċċessjoni, sturdament, sensazzjoni ta' tidwir, tingiz, qris jew tirżiħ, bidla fis-sens tat-togħma
- stitikezza, diġestjoni diffiċli, gass, ħalq xott
- uġiġħ fil-muskoli
- ħsara fil-fwied jew sfurija tal-ġilda u l-ġhajnejn (suffejra)
- ponot bil-ħakk, infafet (ħorriqija), ħakk, żieda fl-ġharaq
- għeja, sensazzjoni ġenerali li ma tiflaħx, deni

Effetti sekondarji rari li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 10,000 huma elenkati hawn taħt:

- inqas ċelloli bojod tad-demmm min-normal li jgħinu fid-difiża ta' infezzjonijiet u ċelloli tad-demmm li jgħinu sabiex tieqaf il-fsada
- kulur aħmar jew vjola tal-ġilda li jista' jkun ikkawżat minn għadd baxx ta' plejtlits, bidliet oħrajn fiċ-ċelloli tad-demmm
- potassju baxx fid-demmm
- bidliet fil-kimika tad-demmm (livelli għoljin ta' kolesterol fid-demmm, xaħmijiet)
- roġħda
- elettrokardjogramma mhux normali (ECG), bidla fir-rata jew fir-rittmu tal-qalb
- insuffiċjenza tal-fwied
- rezzjonijiet allerġiċi (xi kultant severi inkluż raxx mifruż bl-infafet u tqaxxir tal-ġilda, reazzjonijiet severi tal-ġilda, nefħa fix-xofftejn jew fil-wieċ)
- telf ta' xagħar

Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN DIFLUCAN

- Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.
- Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Diflucan wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-flixxkun wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Ladarba miftuħ, Diflucan jista' jintuża għal massimu ta' 30 jum.
- Tużax dan il-mediċina jekk tinnota sinjali ta' deterjorazzjoni bħal riħa mhux normali, telf tal-kulur tal-prodott, trab li jidher jew kristillizzazzjoni.

Il-mediċini m'għandhomx jintremew mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih Diflucan

- Is-sustanza attiva hija fluconazole.
- Is-sustanzi l-oħra huma sucrose, glycerol 85%, ilma ppurifikat, citric acid monohydrate, sodium citrate u togħma tal-likwidu taċ-ċirasa.

### Id-dehra ta' Diflucan u l-kontenuti tal-pakkett

Diflucan huwa soluzzjoni ċara, bla kulur għal kemmxejn safra b'viskożità akbar mill-ilma u jiġi pprovdut fi flixxkun tal-ħġieġ kulur l-ambra b'kappa bil-kamin, li fih 750 mg fluconazole. Daqs tal-pakkett 150 ml.

### Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-Istati Membri u fiż-ŻEE taħt l-ismijiet li ġejjin:**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {MA/Aġenzija} [Sabiex timtela mill-pajjiż]:

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

### **Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali** **Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]  
fluconazole

#### **Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humieħ imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu Diflucan u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tieħu Diflucan
3. Kif għandek tieħu Diflucan
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Diflucan
6. Aktar tagħrif

### **1. X'INHU DIFLUCAN U GħALXIEX JINTUŻA**

Diflucan huwa wieħed minn grupp ta' mediċini msejħa "antifungali". Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Diflucan jintuża biex jikkura infezzjonijiet ikkawżati minn fungi u jista' jintuża wkoll biex iwaqqfek milli tieħu infezzjoni kandidali. L-aktar kawża komuni ta' infezzjoni fungali hija ħmira msejħa *Candida*.

#### **Adulti**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ
- *Coccidioidomycosis* – marda fis-sistema bronkopulmonari
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina
- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġigħ fil-ħalq relatat mad-dentatura
- Traxx ġenitali – infezzjoni tal-vaġina jew tal-pene
- Infezzjonijiet tal-ġilda – eż. athlete's foot, ħzieża, jock itch, infezzjoni tad-dwiefer

Tista' tingħata wkoll Diflucan biex:

- twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa' tfeġġ
- twaqqaf it-traxx mukożali milli jerġa' jfeġġ
- tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali
- biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)

#### **Tfal u adoloxxenti (0 sa 17-il sena)**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma
- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ

- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-demm, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina.
- Tista' tingħata Diflucan ukoll biex:
- Iżommok milli tieħu infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)
  - Twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ

## 2. QABEL MA TIEĦU DIFLUCAN

### Tiħux Diflucan jekk inti

- allerġiku/a (tbat minn sensittività eċċessiva) għal fluconazole, għal mediċini oħrajn li haadt sabiex tikkura infezzjonijiet fungali jew sustanzi oħra ta' Diflucan. Is-sintomi jistgħu jinkludu ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs
- qiegħed tieħu astemizole, terfenadine (mediċini antistamini għall-allerġiji)
- qed tieħu cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku)
- qed tieħu pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali)
- qed tieħu quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb).
- qed tieħu erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet).

### Oqgħod attent ħafna b'Diflucan

#### Għid lit-tabib tiegħek jekk inti:

- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliwi
- tbat minn mard tal-qalb, inklużi problemi bir-ritmu tal-qalb
- għandek livelli mhux normali ta' potassju, kalċju jew manjeżju fid-demm tiegħek
- tiżviluppa reazzjonijiet tal-ġilda severi (ħakk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs).

#### Meta tieħu mediċini oħra

Għid lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk inti qed tieħu astemizole, terfenadine (mediċina antistamina għall-allerġiji) jew cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku) jew pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali) jew quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb) jew erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet). Ma tistax tieħu dawn il-mediċini ma' Diflucan (ara sezzjoni: "Tiħux Diflucan jekk inti").

Hemm xi mediċini li jistgħu jaffettwaw lil Diflucan jew jiġu affettwati minnu. Kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf jekk inti tkun qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- rifampicin jew rifabutin (antibijotiċi għall-infezzjonijiet)
- alfentanil, fentanyl (użati bħala anestetiku)
- amitriptyline, nortriptyline (użati bħala anti-depressanti)
- amphotericin B, voriconazole (anti-fungali)
- mediċini li jraqu d-demm sabiex jevitaw it-tagħqid tad-demm (warfarin jew mediċini simili)
- benzodiazepines (midazolam, triazolam jew mediċini simili) użati sabiex jgħinuk torqod jew għall-ansjetà
- carbamazepine, phenytoin (użati għall-kura tal-aċċessjonijiet)
- nifedipine, isradipine, amlodipine felodipine u losartan (għall-ipertensjoni - pressjoni għolja tad-demm)
- ciclosporin, everolimus, sirolimus jew tacrolimus (għall-prevenzjoni tar-rifjut tat-trapjant)
- cyclophosphamide, vinca alkaloids (vincristine, vinblastine jew mediċini simili) użati għall-kura tal-kanċer
- halofantrine (użat għall-kura tal-malarja)
- statins (atorvastatin, simvastatin u fluvastatin jew mediċini simili) użati sabiex inaqqsu l-livelli għoljin ta' kolesterol
- methadone (użat għall-uġiġħ)

- celecoxib, flurbiprofen, naproxen, ibuprofen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac (Mediċini Mhux Sterojdi ta' Kontra l-Infjammazzjoni - Non-Steroidal Anti-Inflammatory Drugs (NSAID))
- kontraċettivi orali
- prednisone (sterojde)
- zidovudine, magħruf ukoll bħala AZT; saquinavir (użat f'pazjenti infettati bl-HIV)
- mediċini għad-dijabete bħal chlorpropamide, glibenclamide, glipizide jew tolbutamide
- theophylline (użat fil-kontroll tal-ażżma)
- vitamina A (suppliment nutrittiv)

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew haadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki daww mingħajr riċetta.

### **Meta tieħu Diflucan mal-ikel u x-xorb**

Diflucan jista' jittieħed kemm mal-ikel kif ukoll mhux mal-ikel.

### **Tqala u treddigħ**

Għid lit-tabib tiegħek jekk inti tqila, qiegħda tipprova toħroġ tqila jew qiegħda tredda'. M'għandekx tieħu Diflucan waqt tqala jew waqt it-treddigħ sakemm ma jkunx qallek biex tagħmel dan it-tabib tiegħek.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

### **Sewqan u tħaddim ta' magni**

Meta ssuq vetturi jew tħaddem magni, ftakar li xi drabi tista' tistordi jew ikollok xi aċċessjoni.

### **Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Diflucan**

Diflucan trab għal sospensjoni orali fih sucrose (zokkor).

- Jekk tbat minn intolleranza għal ċertu zokkor, jekk jogħġbok kellew lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.
- Dożi ta' 10 ml fihom 5.6 g jew aktar ta' zokkor. Dan għandu jittqies jekk għandek id-dijabete.
- Jista' jagħmel ħsara lil snienek jekk użat għal perjodi ta' iktar minn ġimagħtejn.

## **3. KIF GĦANDEK TIEĦU DIFLUCAN**

**Dejjem għandek tieħu l-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib.** Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

L-aħjar li tieħu l-mediċina fl-istess ħin tal-ġurnata kuljum.

Id-dożi normali ta' din il-mediċina għal infezzjonijiet differenti huma mogħtija hawn taħt:

### **Adulti**

| <b>Kundizzjoni</b>                                        | <b>Doża</b>                                                                                                                                             |
|-----------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Għal-kura ta' meninġite kriptokokkali                     | 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 200 sa 400 mg darba kuljum għal 6 sa 8 ġimgħat jew iktar jekk ikun hemm bżonn. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg |
| Biex twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ | 200 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tiegħaf                                                                                                       |
| Biex tikkura <i>Coccidioidomycosis</i>                    | 200 sa 400 mg darba kuljum minn ħax il-xahar għal mhux aktar minn 24 xahar. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg                                 |

|                                                                                                                                           |                                                                                                                                                                                                                                                           |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Biex tikkura infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                                  | 800 mg fl-ewwel jum imbagħad 400 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                             |
| Biex tikkura infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġigħ fil-ħalq relatat mad-dentatura                 | 200 mg sa 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 100 mg sa 200 mg sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                      |
| Biex tikkura traxx mukożali – id-doża tiddependi fuq fejn tkun tinsab l-infezzjoni                                                        | 50 sa 400 mg darba kuljum għal 7 sa 30 jum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                                                                                                   |
| Biex twaqqaf mill-gergħu jirritornaw infezzjonijiet tal-ħalq u tal-gerżuma                                                                | 100 mg sa 200 mg darba kuljum, jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                              |
| Biex tikkura traxx ġenitali                                                                                                               | 150 mg bħala doża waħda                                                                                                                                                                                                                                   |
| Biex tnaqqas ir-rikadenza tat-traxx vaġinali                                                                                              | 150 mg kull tielet jum għal total ta' 3 dożi (jum 1, 4 u 7) u mbagħad darba fil-ġimgħa għal 6 xhur filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                           |
| Biex tikkura infezzjoni fungali tal-ġilda u tad-dwiefer                                                                                   | Jiddependi fuq is-sit tal-infezzjoni 50 mg darba kuljum, 150 mg darba fil-ġimgħa, 300 mg sa 400 mg darba fil-ġimgħa għal 1 sa 4 ġimgħat (Athlete's foot tista' ddum sa 6 ġimgħat, għal kura ta' infezzjoni tad-dwiefer sakemm id-difer infettat jinbidel) |
| Biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost) | 200 sa 400 mg darba kuljum filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                                                                                                                                                                   |

#### **Adoloxxenti minn 12 sa 17-il sena**

Segwi d-doża li tak it-tabib tiegħek (jew id-doża tal-adulti jew id-doża tat-tfal).

#### **Tfal sa 11-il sena**

Id-doża massima għat-tfal hija ta' 400 mg kuljum.

Id-doża tkun ibbażata fuq il-piż tat-tifel/tifla f'kilogrammi.

| <b>Kundizzjoni</b>                                                                                                                                             | <b>Doża ta' kuljum</b>                                                                                   |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Traxx mukuża u infezzjonijiet tal-gerżuma kkawżati minn <i>Candida</i> – doża u żmien jiddependu fuq is-severità tal-infezzjoni u fuq fejn tinsab l-infezzjoni | 3 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem (jistgħu jingħataw 6 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem fl-ewwel jum) |
| Meninġite kriptokokkali jew infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                                        | 6 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |
| Biex iżomm lit-tfal milli jieħdu infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tagħhom ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)                  | 3 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |

#### **Użu fi tfal ta' bejn iż-0 u l-4 ġimgħat**

Użu fi tfal ta' bejn it-3 u l-4 ġimgħat:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 2 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 48 siegħa.

Użu fi tfal ta' inqas minn ġimaghatejn:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 3 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 72 siegħa.

Xi kultant it-tobba jagħtu dożi differenti minn dawn. Dejjem għandek tieħu l-mediċina tiegħek skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

### **Anzjani**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti sakemm m'għandekx problemi fil-kliewi.

### **Pazjenti bi problemi fil-kliewi**

It-tabib jista' jibdiliek id-doża, skont il-funzjoni tal-kliewi tiegħek.

### **Istruzzjonijiet sabiex tagħmel is-sospensjoni:**

Huwa rrakkomandat li l-ispiżjar iħallat Diflucan trab għal sospensjoni orali qabel ma jagħtihielek. L-istruzzjonijiet jinsabu f'sezzjoni ta' dan il-fuljett għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa.


### **Istruzzjonijiet għall-użu:**

Ħawwad il-flixxun magħluq tas-sospensjoni kull darba qabel ma tużaha.

### **Istruzzjonijiet għall-użu tas-siringa pedjatrika: Japplika biss jekk jinbiegħ f'pajjiżek**

Hawwad tajjeb is-sospensjoni lesta.

1. Iftaħ il-flixxun (tapp tas-sigurtà);
2. Daħħal l-adapter imwahnal mas-siringa fl-għonq tal-flixxun (Figura 1);
3. Aqleb il-flixxun bis-siringa ta' taħt fuq u iġbed il-kwantità ta' sospensjoni li qallek it-tabib (Figura 2). Il-marki fuq is-siringa huma f'ml.  
Id-doża massima għat-tfal hija ta' 400 mg kuljum (ara sezzjoni 3. "Kif għandek tieħu Diflucan").
4. Neħħi s-siringa mill-flixxun;
5. Għal tfal iżgħar, il-prodott mediċinali jista' jingħata direttament fil-ħalq mis-siringa. It-tfal għandhom jibqgħu weqfin meta jkunu qed jingħataw il-mediċina. Ipponta s-siringa għol-ħadd; battal is-sospensjoni bil-mod f'ħalq it-tifel/tifla (Figura 3). Għal tfal akbar, is-sospensjoni tista' titpoġġa f'mgħarfa u tinxtorob mit-tifel/tifla.
6. Laħlaħ is-siringa wara l-użu.
7. Agħlaq il-flixxun bit-tapp tas-sigurtà; l-adapter jibqa' mal-għonq tal-flixxun.



#### **Jekk tieħu Diflucan aktar milli suppost**

Jekk tieħu ħafna Diflucan tista' tħossok ma tiflaħx. Ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew l-eqreb dipartiment ta' emerġenza minnufih. Is-sintomi ta' doża eċċessiva jistgħu jgħieghluk tisma', tara jew tħoss affarijiet li ma jeżistux (alluċinazzjoni u mgħiba paranojja). Il-kura għas-sintomi (flimkien ma' miżuri ta' appoġġ u tindif tal-istonku jekk ikun meħtieġ) tista' tkun adegwata.

#### **Jekk tinsa tieħu Diflucan**

M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Jekk tinsa tieħu doża, ħudha malli tiftakar. Jekk ikun sar il-ħin għad-doża li jmissek, tiħux dik id-doża li tkun insejt.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU**

Bħal kull mediċina oħra, Diflucan jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd

Ċerti nies jiżviluppaw **reazzjonijiet allerġiċi** għalkemm reazzjonijiet allerġiċi serji huma rari. Jekk ikollok xi wieħed mis-sintomi li ġejjin, **kellem lit-tabib tiegħek minnufih.**

- tħarħir f'daqqa, diffikultà biex tieħu n-nifs jew għafis fis-sider
- nefħa fil-kappell tal-għajn, fil-wieċ jew fix-xofftejn
- ħakk mal-ġisem kollu, ħmura tal-ġilda jew ponot ħomor bil-ħakk
- raxx tal-ġilda
- reazzjonijiet severi fil-ġilda bħal raxx li jikkawża nfafet (dan jista' jaffettwa l-ħalq u l-ilsien).

Diflucan jista' jaffettwalek il-kliewi tiegħek. Sinjali ta' problemi fil-kliewi jinkludu:

- għeja
- nuqqas ta' aptit
- rimettar
- sfurija tal-ġilda tiegħek jew tal-abjad ta' l-għajnejn (suffejra)

Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sintomi, waqqaf id-Diflucan u **kellem lit-tabib tiegħek minnufih**.

#### **Effetti sekondarji oħrajn:**

Barra minn hekk, jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Effetti sekondarji komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100 huma elenkati hawn:

- uġiġħ ta' ras
- skumdità fl-istonku, dijareja, dardir, rimettar
- żidiet fit-testijiet tad-demem tal-funzjoni tal-fwied
- raxx

Effetti sekondarji mhux komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 1,000 huma elenkati hawn taħt:

- tnaqqis fiċ-ċelloli ħomor tad-demem li jista' jagħmel il-ġilda pallida u joħloq dgħjufija jew qtugħ ta' nifs
- nuqqas ta' aptit
- inabilità li torqod, tħossok bi nġhas
- aċċessjoni, sturdament, sensazzjoni ta' tidwir, tingiż, qris jew tirżiħ, bidla fis-sens tat-togħma
- stitikezza, diġestjoni diffiċli, gass, ħaq xott
- uġiġħ fil-muskoli
- ħsara fil-fwied jew sfurija tal-ġilda u l-ġhajnejn (suffejra)
- ponot bil-ħakk, infafet (ħorriqija), ħakk, żieda fl-ġharaq
- għeja, sensazzjoni ġenerali li ma tiflaħx, deni

Effetti sekondarji rari li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 10,000 huma elenkati hawn taħt:

- inqas ċelloli bojod tad-demem min-normal li jgħinu fid-difiża ta' infezzjonijiet u ċelloli tad-demem li jgħinu sabiex tieqaf il-fsada
- kulur aħmar jew vjola tal-ġilda li jista' jkun ikkawżat minn għadd baxx ta' plejtlits, bidliet oħrajn fiċ-ċelloli tad-demem
- potassju baxx fid-demem
- bidliet fil-kimika tad-demem (livelli għoljin ta' kolesterol fid-demem, xaħmijiet)
- roġhda
- elettrokardjogramma mhux normali (ECG), bidla fir-rata jew fir-rittmu tal-qalb
- insuffiċjenza tal-fwied
- rezzjonijiet allerġiċi (xi kultant severi inkluż raxx mifruż bl-infafet u tqaxxir tal-ġilda, reazzjonijiet severi tal-ġilda, nefħa fix-xofftejn jew fil-wiċċ
- telf ta' xagħar

Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **5. KIF TAĦŻEN DIFLUCAN**

- Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Diflucan wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakkett wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Trab għal sospensjoni orali (flixxun ta' 60 ml): Żomm il-flixxun magħluq sew. Aħżen f'temperature taħt 25°C.
- Trab għal sospensjoni orali (flixxun ta' 175 ml):
- Ahžen it-trab f'temperatura taht 25°C. Żomm il-flixxun magħluq sew.
- Ladarba rikostitwita, aħżen is-sospensjoni f'temperatura taħt 30°C, tagħmilhiex fil-friża.
- Is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 ġurnata.

Il-mediċini m'għandhomx jintremew mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih Diflucan

Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Is-sustanzi l-oħra huma: sucrose, silica kollojdali anidruż, titanium dioxide (E 171), gomma xanthan, sodium citrate, citric acid anidruż, sodium benzoate u togħma ta' larinġ naturali (li fiha żejt tal-larinġ u maltodextrin).

**Id-Dehra ta' Diflucan 10 mg/ml u 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali u l-kontenuti tal-pakkett:**

#### **Għall-flixxun ta' 60 ml:**

- Diflucan 10 mg/ml u 40 mg/ml trab għal sospensjoni orali huwa trab xott abjad għal ofwajt: Wara li żżid l-ilma mat-trab (kif hemm miktub fil-fuljett għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa), tiġi prodotta sospensjoni b'togħma tal-larinġ li fiha l-ekwivalenti ta' 10 mg jew 40 mg ta' fluconazole għal kull ml.
- F'kull flixxun, it-taħlita ta' trab u ilma tagħmel 35 ml ta' sospensjoni.
- Mgħarfa tal-kejl ta' 5 ml u/jew siringa mmarkata ta' 5 ml b'adapter tal-flixxun li jintgħafas 'il gēwwa jistgħu jiġu pprovduti sabiex titkejjel id-doża l-korretta.

#### **Għall-flixxun ta' 175 ml:**

- Diflucan 10 mg/ml trab għal sospensjoni orali huwa trab xott abjad għal ofwajt: Wara li żżid l-ilma mat-trab (kif hemm miktub fil-fuljett għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa), tiġi prodotta sospensjoni b'togħma tal-larinġ li fiha l-ekwivalenti ta' 10 mg ta' fluconazole għal kull ml.
- F'kull flixxun, it-taħlita ta' trab u ilma tagħmel 100 ml ta' sospensjoni.
- Tazza tal-kejl hija pprovduta wkoll sabiex titkejjel id-doża l-korretta.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun għal skop kummerċjali.

### **Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

**Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-Istati Membri u fiż-ŻEE taħt l-ismijiet li ġejjin:**

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### **Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {MA/Aġenzija} [Sabiex timtela mill-pajjiż]:

-----  
It-tagħrif li jmiss qed jingħata biss għall-professjonisti fil-qasam mediku:

### **Istruzzjonijiet sabiex tagħmel is-sospensjoni:**

Is-sospensjoni rikostitwita li wara rikostituzzjoni tipprovdi sospensjoni bajda għal ofwajt b'togħma tal-larinġ.

#### **Għall-flixxun ta' 60 ml:**

1. Taptap il-flixxun biex terħi t-trab.

2. Żid kwantità żgħira ta' ilma naturali u ħawwad bis-saħħa. Żid l-ilma sal-livell immarkat fuq il-flixxun (dan jikkorresponđi għal żieda ta' 24 ml ta' ilma)
3. Ħawwad sew għal minuta jew tnejn biex tikseb sospensjoni mħallta sew.
4. Ikteb id-data ta' skadenza tas-sospensjoni rikostitwita fuq it-tikketta tal-flixxun (is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 jum). Kwalunkwe sospensjoni mhux użata ma għandhiex tintuża wara din id-data u għandha tintradd lura lill-ispiżjar tiegħek.

**Għall-flixxun ta' 175 ml:**

1. Taptap il-flixxun biex terħi t-trab.
2. Kejjel 66 ml ta' ilma naturali u żid l-ilma mal-flixxun.
3. Ħawwad sew għal minuta jew tnejn biex tikseb sospensjoni mħallta sew.
4. Ikteb id-data ta' skadenza tas-sospensjoni rikostitwita fuq it-tikketta tal-flixxun (is-sospensjoni rikostitwita ddum tajba 28 jum). Kwalunkwe sospensjoni mhux użata ma għandhiex tintuża wara din id-data u għandha tintradd lura lill-ispiżjar tiegħek.

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

### **Diflucan u l-ismijiet assoċjati (ara Anness I) 2 mg/ml soluzzjoni għal infużjoni**

[Ara Anness I – Sabiex timentela mill-pajjiż]

fluconazole

#### **Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bħal tiegħek.
- Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett:**

1. X'inhum Diflucan u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tingħata Diflucan
3. Kif jingħata Diflucan
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen Diflucan
6. Aktar tagħrif

### **1. X'INHU DIFLUCAN U GħALXIEX JINTUŻA**

Diflucan huwa wieħed minn grupp ta' mediċini msejja "antifungali". Is-sustanza attiva hija fluconazole.

Diflucan jintuża biex jikkura infezzjonijiet ikkawżati minn fungi u jista' jintuża wkoll biex iwaqqfek milli tieħu infezzjoni kandidali. L-aktar kawża komuni ta' infezzjoni fungali hija ħmira msejja *Candida*.

#### **Adulti**

- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ
- *Coccidioidomycosis* – marda fis-sistema bronkopulmonari
- Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-dem, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina.
- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġiħ fil-ħalq relatat mad-dentatura

Tista' tingħata wkoll Diflucan biex:

- twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa' tfeġġ
- twaqqaf it-traxx mukożali milli jerġa' jfeġġ
- biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)

#### **Tfal u adoloxxenti (0 sa 17-il sena)**

Tista' tingħata din il-mediċina mit-tabib tiegħek sabiex tikkura t-tipi ta' infezzjonijiet fungali li ġejjin.

- Traxx mukożali – infezzjoni li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma
- Infezzjonijiet ikkawżati minn *Candida* u li jinstabu fil-fluss tad-dem, organi tal-ġisem (eż. qalb, pulmuni) jew passaġġ tal-awrina
- Meninġite kriptokokkali – infezzjoni fungali fil-moħħ

Tista' tingħata Diflucan ukoll biex:

- Iżommok milli tieħu infezzjoni kkawżata minn *Candida* (jekk is-sistema immuni tiegħek ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)
- Twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ

## 2. QABEL MA TINGĦATA DIFLUCAN

### Ma għandekx tiġi kkurat/a b'Diflucan jekk inti

- allerġiku/a (tbat minn sensitività eċċessiva) għal fluconazole, għal mediċini oħrajn li haċt sabiex tikkura infezzjonijiet fungali jew sustanzi oħra ta' Diflucan. Is-sintomi jistgħu jinkludu haċk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs
- qiegħed tieħu astemizole, terfenadine (mediċini antistamini għall-allerġiji)
- qed tieħu cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku)
- qed tieħu pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali)
- qed tieħu quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb)
- qed tieħu erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet).

### Oqgħod attent ħafna b'Diflucan

#### Għid lit-tabib tiegħek jekk inti:

- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliwi
- tbat minn mard tal-qalb, inklużi problemi bir-rittmu tal-qalb
- għandek livelli mhux normali ta' potassju, kalċju jew manjeżju fid-demem tiegħek
- tiżviluppa reazzjonijiet tal-ġilda severi (haċk, ħmura tal-ġilda jew diffikultà sabiex tieħu n-nifs).

#### Meta tieħu mediċini oħra

Għid lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk inti qed tieħu astemizole, terfenadine (mediċina antistamina għall-allerġiji) jew cisapride (użat għat-taqlib fl-istonku) jew pimozide (użat għall-kura ta' mard mentali) jew quinidine (użat għall-kura tal-arritmija tal-qalb) jew erythromycin (antibijotiku għall-kura ta' infezzjonijiet). Ma tistax tieħu dawn il-mediċini ma' Diflucan (ara sezzjoni: "Tiħux Diflucan jekk inti").

Hemm xi mediċini li jistgħu jaffettwaw lil Diflucan jew jiġu affettwati minnu. Kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf jekk inti tkun qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin:

- rifampicin jew rifabutin (antibijotiċi għall-infezzjonijiet)
- alfentanil, fentanyl (użati bħala anestetiku)
- amitriptyline, nortriptyline (użati bħala anti-depressanti)
- amphotericin B, voriconazole (anti-fungali)
- mediċini li jraqu d-demem sabiex jevitaw it-tagħqid tad-demem (warfarin jew mediċini simili)
- benzodiazepines (midazolam, triazolam jew mediċini simili) użati sabiex jgħinuk torqod jew għall-ansjetà
- carbamazepine, phenytoin (użati għall-kura tal-aċċessjonijiet)
- nifedipine, isradipine, amlodipine felodipine u losartan (għall-ipertensjoni - pressjoni għolja tad-demem)
- ciclosporin, everolimus, sirolimus jew tacrolimus (għall-prevenzjoni tar-rifjut tat-trapjant)
- cyclophosphamide, vinca alkaloids (vincristine, vinblastine jew mediċini simili) użati għall-kura tal-kanċer
- halofantrine (użat għall-kura tal-malarja)
- statins (atorvastatin, simvastatin u fluvastatin jew mediċini simili) użati sabiex inaqqsu l-livelli għoljin ta' kolesterol
- methadone (użat għall-uġigħ)
- celecoxib, flurbiprofen, naproxen, ibuprofen, lornoxicam, meloxicam, diclofenac (Mediċini Mhux Sterojdi ta' Kontra l-Infjammazzjoni - Non-Steroidal Anti-Inflammatory Drugs (NSAID))
- kontraċettivi orali
- prednisone (sterojde)

- zidovudine, magħruf ukoll bħala AZT; saquinavir (użat f' pazjenti infettati bl-HIV)
- mediċini għad-dijabete bħal chlorpropamide, glibenclamide, glipizide jew tolbutamide
- theophylline (użat fil-kontroll tal-ażżma)
- vitamina A (suppliment nutrittiv)

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta.

### Tqala u treddigħ

Għid lit-tabib tiegħek jekk inti tqila, qiegħda tipprova toħroġ tqila jew qiegħda tredda' u t-tabib tiegħek jiddeċiedi jekk għandekx tingħata Diflucan.

Itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu xi mediċina.

### Sewqan u tħaddim ta' magni

Meta ssuq vetturi jew tħaddem magni, ftakar li xi drabi tista' tistordi jew ikollok xi aċċessjoni.

### Tagħrif importanti dwar xi wħud mis-sustanzi ta' Diflucan

Diflucan fih 0.154 mmol sodium għal kull ml. Dan għandu jiġi kkunsidrat minn pazjenti li jkunu fuq dieta bl-ammont ta' sodju kkontrollat.

## 3. KIF JINGĦATA DIFLUCAN

Din il-mediċina tingħata mit-tabib jew min-ners tiegħek bħala injezzjoni bil-mod (infużjoni) ġol-vina tiegħek. Diflucan jiġi pprovdut bħala soluzzjoni. Ma jiġix dilwit iktar. Hemm iktar informazzjoni għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa f'sezzjoni fi tmiem il-fuljett.

Id-dożi normali ta' din il-mediċina għal infezzjonijiet differenti huma mogħtija hawn taħt. Ara mat-tabib jew man-ners tiegħek jekk m'intix ċert/a dwar ir-raġuni l-għala qed tingħata Diflucan.

### Adulti

| Kundizzjoni                                                                                                               | Doża                                                                                                                                                    |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Għal-kura ta' meninġite kriptokokkali                                                                                     | 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 200 sa 400 mg darba kuljum għal 6 sa 8 ġimgħat jew iktar jekk ikun hemm bżonn. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg |
| Biex twaqqaf il-meninġite kriptokokkali milli terġa tfeġġ                                                                 | 200 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                                        |
| Biex tikkura <i>Coccidioidomycosis</i>                                                                                    | 200 sa 400 mg darba kuljum minn hdx il-xahar għal mhux aktar minn 24 xahar. Xi kultant, id-dożi huma miżjudin sa 800 mg                                 |
| Biex tikkura infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i>                                                  | 800 mg fl-ewwel jum imbagħad 400 mg darba kuljum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                           |
| Biex tikkura infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma u uġiġħ fil-ħalq relatat mad-dentatura | 200 mg sa 400 mg fl-ewwel jum imbagħad 100 mg sa 200 mg sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                    |
| Biex tikkura traxx mukożali – id-doża tiddependi fuq fejn tkun tinsab l-infezzjoni                                        | 50 sa 400 mg darba kuljum għal 7 sa 30 jum sakemm jgħidulek biex tieqaf                                                                                 |
| Biex twaqqaf infezzjonijiet mukożali li taffetwa r-rita li tiksi l-ħalq, l-gerżuma                                        | 100 mg sa 200 mg darba kuljum, jew 200 mg 3 darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni                                            |

|                                                                                                                                           |                                                                         |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------|
| Biex ma tiħux infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tiegħek tkun dgħajfa u ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost) | 200 sa 400 mg darba kuljum filwaqt li tkun f'riskju li tieħu infezzjoni |
|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------|

### **Adoloxxenti minn 12 sa 17-il sena**

Segwi d-doża li tak it-tabib tiegħek (jew id-doża tal-adulti jew id-doża tat-tfal).

### **Tfal sa 11-il sena**

Id-doża massima għat-tfal hija ta' 400 mg kuljum.

Id-doża tkun ibbażata fuq il-piż tat-tifel/tifla f'kilogrammi.

| <b>Kundizzjoni</b>                                                                                                                                             | <b>Doża ta' kuljum</b>                                                                                   |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Traxx mukuża u infezzjonijiet tal-gerżuma kkawżati minn <i>Candida</i> – doża u żmien jiddependu fuq is-severità tal-infezzjoni u fuq fejn tinsab l-infezzjoni | 3 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem (jistgħu jingħataw 6 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem fl-ewwel jum) |
| Infezzjonijiet fungali interni kkawżati minn <i>Candida</i> jew minn <i>Cryptococcus</i>                                                                       | 6 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |
| Biex iżomm lit-tfal milli jieħdu infezzjoni kkawżata minn <i>Candida</i> (jekk is-sistema immuni tagħhom ma tkunx qiegħda taħdem kif suppost)                  | 3 mg sa 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem                                                             |

### **Użu fi tfal ta' bejn 0 sa 4 ġimgħat**

Użu fi tfal ta' bejn it-3 u l-4 ġimgħat:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 2 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 48 siegħa.

Użu fi tfal ta' inqas minn ġimagħtejn:

L-istess doża bħal ta' hawn fuq iżda mogħtija darba kull 3 ijiem. Id-doża massima hija ta' 12 mg għal kull kg tal-piż tal-ġisem kull 72 siegħa.

Xi kultant it-tobba jagħtu dożi differenti minn dawn. Dejjem għandek tieħu l-mediċina tiegħek skond il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

### **Anzjani**

Għandha tingħata d-doża normali tal-adulti sakemm m'għandekx problemi fil-kliewi.

### **Pazjenti bi problemi fil-kliewi**

It-tabib jista' jibdillek id-doża, skont il-funzjoni tal-kliewi tiegħek.

### **Jekk tirċievi Diflucan aktar milli suppost**

Jekk inti mħasseb/mħassba li tista' tkun qed tingħata wisq Diflucan, għid lit-tabib jew lin-ners tiegħek minnufih. Is-sintomi ta' doża eċċessiva jistgħu jġiegħluk tisma', tara jew tħoss affarijiet li ma jeżistux (alluċinazzjoni u mġiba paranojja).

### **Jekk tinsa tieħu doża ta' Diflucan**

Minħabba li ser tingħata din il-mediċina taħt superviżjoni medika mill-qrib, huwa improbabbli li tinsa tieħu doża. Madankollu, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk taħseb li tkun insejt tieħu doża.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lin-ners tiegħek.

## **4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU**

Bħal kull mediċina oħra, Diflucan jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd

Ċerti nies jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi għalkemm reazzjonijiet allerġiċi serji huma rari. Jekk ikollok xi wieħed mis-sintomi li ġejjin, **kellem lit-tabib tiegħek minnufih.**

- tħarħir f'daqqa, diffikulta' biex tieħu n-nifs jew għafis fis-sider
- nefħa fil-kappell tal-għajn, fil-wiċċ jew fix-xofftejn
- ħakk mal-ġisem kollu, ħmura tal-ġilda jew ponot ħomor bil-ħakk
- raxx tal-ġilda
- reazzjonijiet severi fil-ġilda bħal raxx li jikkawża nfafet (dan jista' jaffettwa l-ħalq u l-ilsien).

Diflucan jista' jaffettwalek il-kliewi tiegħek. Sinjali ta' problemi fil-kliewi jinkludu:

- għeja
- nuqqas ta' aptit
- rimettar
- sfurija tal-ġilda tiegħek jew tal-abjad ta' l-għajnejn (suffejra)

Jekk ikollok xi wieħed minn dawn is-sintomi, waqqaf id-Diflucan u **kellem lit-tabib tiegħek minnufih.**

#### **Effetti sekondarji oħrajn:**

Barra minn hekk, jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Effetti sekondarji komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 100 huma elenkati hawn:

- uġigħ ta' ras
- skumdità fl-istonku, dijareja, dardir, rimettar
- żidiet fit-testijiet tad-demm tal-funzjoni tal-fwied
- raxx

Effetti sekondarji mhux komuni li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 1,000 huma elenkati hawn taħt:

- tnaqqis fiċ-ċelloli ħomor tad-demm li jista' jagħmel il-ġilda pallida u joħloq dgghufija jew qtugħ ta' nifs
- nuqqas ta' aptit
- inabilita' li torqod, tħossok bi ngħas
- aċċessjoni, sturdament, sensazzjoni ta' tidwir, tingiz, qris jew tirżiħ, bidla fis-sens tat-togħma
- stitikezza, diġestjoni diffiċili, gass, ħalq xott
- uġigħ fil-muskoli
- ħsara fil-fwied jew sfurija tal-ġilda u l-għajnejn (suffejra)
- ponot bil-ħakk, infafet (ħorriqija), ħakk, żieda fl-għaraq
- għeja, sensazzjoni ġenerali li ma tiflaħx, deni

Effetti sekondarji rari li jaffettwaw minn 1 sa 10 pazjenti minn kull 10,000 huma elenkati hawn taħt:

- inqas ċelloli bojod tad-demm min-normal li jgħinu fid-difiża ta' infezzjonijiet u ċelloli tad-demm li jgħinu sabiex tieqaf il-fsada
- kulur aħmar jew vjola tal-ġilda li jista' jkun ikkawżat minn għadd baxx ta' plejtlits, bidliet oħrajn fiċ-ċelloli tad-demm
- potassju baxx fid-demm
- bidliet fil-kimika tad-demm (livelli għoljin ta' kolesterol fid-demm, xaħmijiet)
- rogħda
- elettrokardjogramma mhux normali (ECG), bidla fir-rata jew fir-rittmu tal-qalb
- insuffiċjenza tal-fwied
- rezzjonijiet allerġiċi (xi kultant severi inkluż raxx mifruq bl-infafet u tqaxxir tal-ġilda, reazzjonijiet severi tal-ġilda, nefħa fix-xofftejn jew fil-wiċċ
- telf ta' xagħar

Jekk xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lin-ners tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN DIFLUCAN

- Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.
- Tużax Diflucan wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-pakkett wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.
- Kunjetti tal-ħġieġ: Tagħmlux fil-friża.
- Boroż tal-PVC bil-plastik: Aħżen f'temperatura taħt it-30°C. Tagħmlux fil-friża. Dan il-prodott mediċinali għandu jintuża darba biss. Ladarba miftuħ, kull infużjoni mhux użata għandha tintrema.

Il-mediċini m'għandhomx jintremew mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għandekx bżonn. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih Diflucan soluzzjoni għal infużjoni

- Is-sustanza attiva hija fluconazole.
- Kull ml fih 2 mg ta' fluconazole.
- Is-sustanzi l-oħra huma: sodium chloride, ilma għall-injezzjonijiet u sodium hydroxide (għal aġġustament tal-pH).

### Id-dehra ta' Diflucan soluzzjoni għal infużjoni u l-kontenuti tal-pakkett

- Diflucan huwa soluzzjoni ċara, bla kulur mingħajr ebda frak jidher.
- Jiġi jew f'kunjett tal-ħġieġ li fih total ta' 50 mg, 100 mg, 200 mg jew 400 mg fluconazole jew f'1, 5, 10 u 20 borża (boroż) tal-PVC bil-plastik li fihom total ta' 200 mg jew 400 mg fluconazole. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għal skop kummerċjali.

### Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### Dan il-prodott mediċinali huwa awtorizzat fl-Istati Membri u fiż-ŻEE taħt l-ismijiet li ġejjin:

[Ara Anness I – Sabiex timtela mill-pajjiż]

### Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'

[Sabiex timtela mill-pajjiż]

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku ta' {MA/Aġenzija} [Sabiex timtela mill-pajjiż]:

-----  
It-tagħrif li jmiss qed jingħata biss għall-professjonisti fil-qasam mediku:

Infużjoni ġol-vini għandha tingħata b'rata li ma taqbiżx 10 ml/minuta. Diflucan huwa fformulat f'sodium chloride 9 mg/ml (0.9%) soluzzjoni għal infużjoni, b'kull 200 mg (f'lixxun ta' 100 ml) fih 15 mmol kull wieħed ta' Na<sup>+</sup> u Cl<sup>-</sup>. Minħabba li Diflucan huwa disponibbli bħala soluzzjoni dilwita ta' sodium chloride, f'pazjenti li jeħtieġu restrizzjoni tas-sodium jew fluwidi, għandha tingħata kunsiderazzjoni għar-rata tal-ġotti tal-fluwidu.

Fluconazole infużjoni ġol-vina huwa kompatibbli mal-fluwidi ta' amministrazzjoni li ġejjin:

- a) Dextrose 5% u 20%
- b) soluzzjoni ta' Ringer
- c) soluzzjoni ta' Hartmann
- d) Potassium chloride f' dextrose
- e) Sodium bicarbonate 4.2% u 5%
- f) Aminosyn 3.5%
- g) Sodium chloride 9 mg/ml (0.9%)
- h) Dialaflex (dijaliżi interperitoneali Soln 6.36%)

Fluconazole jista' jingħata b' infużjoni permezz ta' linja eżistenti ma' wieħed mill-fluwidi elenkati hawn fuq. Għalkemm ma ġew innotati ebda inkompatibilitajiet speċifiċi, it-taħlit ma' kwalunkwe prodott mediċinali ieħor qabel l-infużjoni mhuwiex rakkomandat.

Is-soluzzjoni għal infużjoni għandha tintuża darba biss.

Minn lat mikrobijoloġiku, id-dilwizzjonijiet għandhom jintużaw minnufih. Jekk ma jintużawx minnufih, il-ħinijiet ta' ħżin waqt l-użu u l-kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-pazjent u normalment ma jkunux itwal minn 24 siegħa f' 2 sa 8°C, sakemm ma tkunx saret dilwizzjoni f' kundizzjonijiet asemiċi kkontrollati u vvalidati.

Id-dilwizzjoni għandha ssir taħt kundizzjonijiet asemiċi. Is-soluzzjoni għandha tiġi spezzjonata viżwalment għal xi frak u telf fil-kulur qabel l-ġoti. Is-soluzzjoni għandha tintuża biss jekk is-soluzzjoni tkun ċara u ħielsa mill-frak.

Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-ġigijiet lokali.